

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/340

tal-20 ta' Frar 2015

**li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 8c(10) u 10(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-persuni u l-organizzazzjonijiet involuti fit-taħriġ, l-ittestjar, il-kontrolli u l-valutazzjoni medika għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti fl-Anness Vb għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. B'mod partikolari, dawn għandhom jiġu ċertifikati jew liċenzjati ladarba jkunu urew konformità mar-rekwiżiti essenzjali.
- (2) Il-liċenzja Ewropea ngħatat prova li hija mod effikaċi kif tiġi rikonoxxuta u ċertifikata l-kompetenza tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, li bħala professjoni għandhom rwol uniku fit-tħaddim ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru sigur. L-istandard tal-kompetenza mifrux mal-Unjoni kollha naqqas il-frammentazzjoni f'dan il-qasam u b'hekk ikkontribwixxa għal organizzazzjoni aktar effiċjenti tax-xogħol fil-kuntest attwali ta' żieda fil-kollaborazzjoni reġjonali bejn il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. Iż-żamma u t-titjib tal-iskema komuni tal-ħruġ tal-liċenzji għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jaħdmu fl-Unjoni Ewropea, hija parti importanti mis-sistema Ewropea ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru. Għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-liċenzji u ċ-ċertifikati tat-traffiku tal-ajru, li jirriflettu l-aħħar żviluppi f'dan il-qasam.
- (3) L-għoti ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, jeħtieġ persunal ikkwalifikat ħafna u b'mod partikolari kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, li l-kompetenzi tagħhom huma kkonfermati minn liċenzja, maħruġa abbażi ta' rekwiżiti ddetaljati stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-klassifikazzjoni li tinsab fuq il-liċenzja għandha tindika t-tip ta' servizz tat-traffiku tal-ajru li kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandu l-kompetenza li jipprovdi. Fl-istess ħin, l-approvazzjonijiet fuq il-liċenzja għandhom jirriflettu kemm il-ħiliet speċifiċi tal-kontrollur kif ukoll l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jipprovdu servizzi lil settur partikolari, grupp ta' setturi u/jew pożizzjonijiet ta' ħidma.
- (4) L-awtoritajiet li jwettqu superviżjoni u verifika tal-konformità skont dan ir-Regolament għandhom ikunu indipendenti mill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru meta jinħarġu liċenzji jew tiġi estiża l-validità tal-approvazzjonijiet, meta jiġu sospiżi jew revokati l-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet jew iċ-ċertifikati f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tagħhom ma jibqgħux jiġu ssodisfati. Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu

<sup>(1)</sup> ĠUL 79, 19.3.2008, p. 1.

indipendenti biżżejjed mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ. Dawn għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effikaċi. L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li għandhom ir-responsabbiltà biex jistabbilixxu dan ir-Regolament jistgħu jkunu l-korp jew il-korpi maħtura jew stabbiliti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>. L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-“Aġenzija”) għandha taġixxi bħala l-awtorità kompetenti sabiex toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jkunu jinstabu barra mit-territorju tal-Istati Membri, u fejn ikun rilevanti, il-persunal tagħhom. Bħala tali, għandha tissodisfa l-istess rekwiżiti.

- (5) Fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tat-traffiku tal-ajru fl-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu applikati b'mod effettiv, standards komuni ta' kompetenza għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru impjegati minn fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru li jiżguraw servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ATM/ANS) lill-pubbliku.
- (6) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw dan ir-Regolament għall-persunal militari tagħhom li jipprovdi servizzi lill-pubbliku, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (7) Komunikazzjoni ħażina hija ħafna drabi fattur kontributorju sinifikanti fl-inċidenti u l-aċċidenti. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti dettaljati għall-kompetenza lingwistika għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Dawn ir-rekwiżiti huma bbażati fuq ir-rekwiżiti adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) u jipprovdu mezz sabiex jiġu infurzati dawn l-istandards li huma aċċettati fuq bażi internazzjonali. Il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, trasparenza u proporzjonalità huma osservati fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kompetenza tal-lingwa sabiex jiġi għeġġeg il-moviment liberu tal-ħaddiema, filwaqt li tiġi żgurata s-sikurezza. Il-validità tal-kompetenza lingwistika għandha tkun proporzjonata mal-livell ta' kompetenza kif stabbilit f'dan ir-Regolament.
- (8) Regoli komuni għall-ħruġ u ż-żamma tal-liċenzji għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru huma essenzjali biex tiżdied il-fiduċja tal-Istati Membri fis-sistemi ta' xulxin. Biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' sikurezza, għandhom għaldaqstant jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi għat-taħriġ, il-kwalifiki u l-kompetenzi tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Dan għandu jservi wkoll biex jiżgura l-għoti ta' servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru siguri u ta' kwalità għolja, u għandu jikkontribwixxi għar-rikonossiment tal-liċenzji madwar l-Unjoni Ewropea kollha, u b'hekk iżid il-libertà tal-moviment u jtejjeb id-disponibbiltà tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.
- (9) L-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol) stabbilixxiet standards xierqa għat-taħriġ inizjali, stabbiliti fl-Ispesifikazzjoni għat-Taħriġ Inizjali tal-Kontenut Ewlieni Komuni tal-ATCO. Sabiex jiġi rifless il-progress xjentifiku u tekniku u biex jiġi ffaċilitat approċċ uniformi għal taħriġ inizjali, li huwa element ewlieni biex tiġi żgurata l-mobilità fost il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, dawn l-istandards għandhom issa jiġu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti għat-taħriġ unitarju u ta' kontinwazzjoni, li jqisu r-rekwiżiti essenzjali applikabbli kif speċifikat fl-Artikolu 8c tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Fin-nuqqas ta' rekwiżiti Ewropej għat-taħriġ, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jibbażaw fuq standards ta' taħriġ żviluppatti mill-ICAO.
- (10) B'konsultazzjoni ma' grupp ta' esperti, l-Eurocontrol żviluppat rekwiżiti għall-valutazzjoni medika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, li diġà ntużaw mill-Istati Membri flimkien mal-Anness I tal-ICAO. Dawn ir-rekwiżiti għandhom issa jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.
- (11) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jissodisfaw ir-responsabbiltajiet u l-obbligi ta' sikurezza tagħhom b'mod korrett u strutturat permezz ta' sistema ta' amministrazzjoni u ġestjoni mħaddma mill-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kompetenti li jaġixxu f'isimhom, f'konformità mal-Programm tal-Istat dwar is-Sikurezza tal-ICAO, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti.
- (12) Iċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ hija wieħed mill-fatturi essenzjali li jikkontribwixxu għall-kwalità tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u b'hekk għall-għoti siguri tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Ir-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ għandhom għaldaqstant jissaħħu. Għandu jkun possibbli li jiġi ċċertifikat it-taħriġ skont it-tip ta' taħriġ, bħala pakkett ta' servizzi ta' taħriġ jew bħala pakkett ta' taħriġ u servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, mingħajr ma jintnesew il-karatteristiċi partikolari tat-taħriġ offruti minn kull organizzazzjoni.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

- (13) Il-kundizzjonijiet ġenerali sabiex tinkiseb liċenzja, fir-rigward tal-età u r-rekwiżiti mediċi, m'għandhomx jaffettwaw lid-detenturi ta' liċenzji eżistenti. Sabiex jinżammu l-privileġġi ta' liċenzja eżistenti u tiġi pprovduta tranżizzjoni bla xkiel għad-detenturi kollha ta' liċenzja u għall-awtoritajiet kompetenti, il-liċenzji u ċ-ċertifikati mediċi maħruġa mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 <sup>(2)</sup>, għandhom jiġu kkunsidrati bħala li nħarġu skont dan ir-Regolament.
- (14) Għall-finijiet ta' konsistenza, id-definizzjoni tas-sustanza psikoattiva fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 <sup>(3)</sup> għandha tiġi emendata.
- (15) Filwaqt li dan ir-Regolament jibni fuq il-kisbiet preċedenti u r-rekwiżiti regolatorji tal-UE, għall-finijiet ta' ċarezza, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 għandu jiġi revokat.
- (16) Skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni għet assistita mill-Aġenzija meta kienet qed tipprepara l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament.
- (17) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### Ambitu u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati għal:
  - (a) il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, is-sospensjoni u r-revoka tal-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-kontrolluri studenti tat-traffiku tal-ajru, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet assoċjati, u l-privileġġi u r-responsabbiltajiet ta' dawk fil-pussess tagħhom;
  - (b) il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, il-limitazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka taċ-ċertifikati mediċi tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-kontrolluri studenti tat-traffiku tal-ajru, u l-privileġġi u r-responsabbiltajiet ta' dawk fil-pussess tagħhom;
  - (c) iċ-ċertifikazzjoni tal-eżaminaturi ajrumediċi u ċ-ċentri ajrumediċi għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-kontrolluri studenti tat-traffiku tal-ajru;
  - (d) iċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru;
  - (e) il-kundizzjonijiet għall-validazzjoni, ir-rivalidazzjoni, it-tiġdid u l-użu ta' tali liċenzji, klassifikazzjonijiet, approvazzjonijiet u ċertifikati.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:
  - (a) kontrolluri studenti tat-traffiku tal-ajru u kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
  - (b) persuni u organizzazzjonijiet involuti fil-liċenzjar, it-taħriġ, l-ittestjar, il-kontrolli u l-valutazzjoni medika tal-applikanti skont dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

### Konformità mar-rekwiżiti u l-proċeduri

1. Il-kontrolluri studenti tat-traffiku tal-ajru, il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-persuni involuti fil-ħruġ ta' liċenzji, it-taħriġ, l-ittestjar, il-verifika u l-kontroll u l-valutazzjoni medika tal-applikanti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) għandhom ikunu kkwalfikati u liċenzjati skont id-dispożizzjonijiet tal-Annessi I, III u IV mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 6.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru (ĠUL 114, 27.4.2006, p. 22).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 tal-10 ta' Awwissu 2011 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għal liċenzji u ċerti ċertifikati tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 206, 11.8.2011, p. 21).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠUL 281, 13.10.2012, p. 1).

2. L-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2)(b) għandhom ikunu kkwalifikati skont ir-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Annessi I, III u IV u għandhom jiġu ċertifikati minn awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 6.

3. Iċ-ċertifikazzjoni medika tal-persuni msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Annessi III u IV.

4. Il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru impjegati mill-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru li jipprovdu servizzi tat-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru tat-territorju li japplika għalih it-Trattat u li s-sede prinċipali tal-attività u l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, jekk ikollhom, ikun jinsab barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, għandhom jitqiesu li jkunu ġew liċenzjati skont il-paragrafu 1, meta jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru maħruġa minn pajjiż terz skont l-Anness I tal-Konvenzjoni ta' Chicago;

(b) ikunu urew lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 6 li nġhataw taħriġ u rnexxielhom jgħaddu minn eżamijiet u valutazzjonijiet ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezżjonijiet 1-4, stabbiliti fl-Anness I.

Il-kompiti u l-funzjonijiet assenjati lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru msemmija fl-ewwel sottoparagrafu ma għandhomx jissbqu l-privileġġi tal-liċenzja maħruġa mill-pajjiż terz.

5. Għalliemma u assessuri prattiċi impjegati minn organizzazzjoni tat-taħriġ li tinsab barra mit-territorju tal-Istati Membri għandhom jitqiesu li huma kkwalifikati skont il-paragrafu 1, meta dawn jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru maħruġa minn pajjiż terz skont l-Anness I tal-Konvenzjoni ta' Chicago, bi klassifikazzjoni, u jekk ikun applikabbli, l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni li tikkorrispondi għal dik li għaliha huma awtorizzati biex jgħallmu u jivvalutaw;

(b) ikunu wrew lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 6 li nġhataw taħriġ u rnexxielhom jgħaddu minn kontrolli u eżamijiet ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezżjoni 5, stabbiliti fl-Anness I.

Il-privileġġi msemmija fl-ewwel sottoparagrafu għandhom ikunu speċifikati f'ċertifikat minn pajjiż terz u għandhom ikunu limitati biex jipprovdu struzzjoni u valutazzjoni għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri.

### Artikolu 3

#### Għoti ta servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru

1. Is-servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jiġu pprovduti biss minn kontrolluri tat-traffiku tal-ajru kkwalifikati u liċenzjati skont dan ir-Regolament.

2. Soġġett għall-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-Istati Membri għandhom, safejn ikun prattikabbli, jiżguraw li s-servizzi pprovduti jew magħmula disponibbli minn persunal militari lill-pubbliku msemmi fl-Artikolu 1(2)(c) ta' dak ir-Regolament, joffru livell ta' sikurezza li jkun tal-anqas ekwivalenti għal-livell meħtieġ mir-rekwiżiti essenzjali kif definiti fl-Anness Vb ta' dak ir-Regolament.

3. L-Istati Membri, jistgħu japplikaw dan ir-Regolament għall-persunal militari tagħhom li jipprovdi servizzi lill-pubbliku.

### Artikolu 4

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "sitwazzjoni anormali" tfisser, iċ-ċirkostanzi inkluż sitwazzjonijiet degradati, li la huma ta' rutina u lanqas esperjenzati b'mod komuni u li kontrollur tat-traffiku tal-ajru ikun għadu ma żviluppax ħilet awtomatiċi;
- (2) "mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMC)" tfisser standards mhux vinkolanti adottati mill-Aġenzija biex juru l-mezzi li permezz tagħhom tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu;

- (3) “servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)” tfisser servizz ipprovdut bl-iskop:
- (a) li jevita l-kolliżjonijiet:
    - bejn inġenji tal-ajru, u
    - fiż-żona ta’ mmanuvrar bejn inġenji tal-ajru u ingombri; u
  - (b) li jħaffef u jżomm fluss ordnat ta’ traffiku tal-ajru;
- (4) “unità ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)” tfisser terminu ġeneriku li jfisser, skont il-każ, ċentru ta’ kontroll taż-żona, unità ta’ kontroll tal-avviċinament jew torri ta’ kontroll tal-ajrudrom;
- (5) “mezzi alternattivi ta’ konformità” tfisser alternattiva għal AMC eżistenti, jew mezz ġdid biex jstabbilixxi konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-regoli ta’ implimentazzjoni tiegħu, li għalih ma jkun għie adottat l-ebda AMC assoċjat mill-Aġenzija;
- (6) “valutazzjoni” tfisser evalwazzjoni tal-ħiliet prattiċi li jwasslu għall-għoti tal-liċenzja, il-klassifikazzjoni u/jew l-approvazzjoni(jiet) u r-rivalidazzjoni u/jew it-tiġdid tagħhom, inkluż l-imġiba u l-applikazzjoni prattika tal-għarfien u l-fehim li jintwerew mill-persuna li tkun qiegħda tiġi vvalutata;
- (7) “approvazzjoni ta’ assessur” tfisser l-awtorizzazzjoni mniżżla fuq liċenzja u li tiffirma parti minnha, li tindika l-kompetenza tad-detentur li jivvaluta l-ħiliet prattiċi tal-kontrollur student tat-traffiku tal-ajru u l-kontrollur tat-traffiku tal-ajru;
- (8) “stress ta’ inċident kritiku” tfisser il-manifestazzjoni ta’ reazzjonijiet emozzjonali, fiżiċi u/jew ta’ imġiba mhux tas-soltu f’individwu wara avveniment mhux mistenni, aċċident, inċident jew inċident serju;
- (9) “sitwazzjoni ta’ emerġenza” tfisser sitwazzjoni serja u perikoluża li teħtieġ azzjonijiet immedjati;
- (10) “eżami” tfisser test formalizzat li jevalwa l-għarfien u l-fehim tal-persuna;
- (11) “materjal ta’ gwida (GM)” tfisser materjal mhux vinkolanti żviluppat mill-Aġenzija li jgħin fit-tifsira ta’ rekwiżit jew speċifikazzjoni, u li jintuża biex jgħin fl-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, u r-regoli ta’ implimentazzjoni tiegħu u l-AMC;
- (12) “indikatur tal-pożizzjoni tal-ICAO” tfisser il-kodiċi b’erba’ ittri fformulat skont ir-regoli preskritti mill-ICAO fil-manwal “DOC 7910” fl-aħħar verżjoni aġġornata tiegħu u assenjat lill-pożizzjoni ta’ stazzjon ajrunawtiku fiss;
- (13) “approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika” tfisser id-dikjarazzjoni mniżżla fuq liċenzja u li tiffirma parti minnha, li tindika l-kompetenza lingwistika tad-detentur;
- (14) “liċenzja” tfisser dokument, maħruġ u approvat skont dan ir-Regolament u li jagħti d-dritt lid-detentur leġittimu tiegħu biex jeżerċita l-privileġġi tal-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet li jkun hemm fih;
- (15) “struzzjoni ta’ taħriġ fuq ix-xogħol” tfisser il-fażi ta’ taħriġ unitarju li matulha, rutini u ħiliet relatati mal-impjeg miksuba, jiġu integrati fil-prattika taħt is-supervizzjoni ta’ għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol ikkwalifikat f’sitwazzjoni ta’ traffiku dak il-ħin stess;
- (16) “approvazzjoni ta’ għalliem ta’ taħriġ fuq ix-xogħol (OJTI)” tfisser l-awtorizzazzjoni mniżżla fuq liċenzja u li tiffirma parti minnha, li tindika l-kompetenza tad-detentur li jagħti tagħlim ta’ taħriġ fuq ix-xogħol u struzzjoni fuq tagħmir ta’ taħriġ sintetiku;
- (17) “għalliem parti minn kompitu (PTT)” tfisser tagħmir ta’ taħriġ sintetiku li jipprovdri taħriġ għal kompiti operattivi speċifiċi u magħżula mingħajr ma l-istruttur ikollu bżonn jipprattika l-kompiti kollha li ġeneralment huma assoċjati ma’ ambjent operattiv b’mod sħiħ;
- (18) “objettiv tal-prestazzjoni” tfisser dikjarazzjoni ċara u mhux ambigwa tal-prestazzjoni mistennija tal-persuna li tkun qed tagħti t-taħriġ, il-kundizzjonijiet li taħtom tkun qed issir il-prestazzjoni u l-istandards li l-persuna li tkun qiegħda tieħu t-taħriġ għandha tissodisfa;

- (19) “inkapaċità provviżorja” tfisser stat temporanju fejn id-detentur tal-liċenzja ma jkunx jista' jeżerċita l-privileġġi tal-liċenzja meta l-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u ċ-ċertifikat mediku tiegħu/tagħha jkunu validi;
- (20) “sustanza psikoattiva” tfisser alkoħol, opjojdi, kannabinojdi, sedattivi u ipnotiċi, kokaina, psikostimulanti oħrajn, alluċinoġeni u solventi volatili, filwaqt li l-kaffeina u t-tabakk huma esklużi;
- (21) “approvazzjoni tal-klassifikazzjoni” tfisser l-awtorizzazzjoni mniżżla fuq liċenzja u li tagħmel parti minnha, li tindika l-kundizzjonijiet, il-privileġġi jew il-limitazzjonijiet speċifiċi relatati mal-klassifikazzjoni rilevanti;
- (22) “tiġdid” tfisser l-att amministrattiv meħud wara li jkunu skadew klassifikazzjoni, approvazzjoni jew ċertifikat li jġedded il-privileġġi tal-klassifikazzjoni, l-approvazzjoni jew iċ-ċertifikat għal perjodu speċifikat ulterjorment soġġett għall-issodisfar ta' rekwiżiti speċifikati;
- (23) “rivalidazzjoni” tfisser l-att amministrattiv meħud fi ħdan il-perjodu ta' validità ta' klassifikazzjoni, approvazzjoni jew ċertifikat li jippermetti lid-detentur ikompli jeżerċita l-privileġġi ta' klassifikazzjoni, approvazzjoni jew ċertifikat għal perjodu speċifikat ieħor soġġett għall-issodisfar tar-rekwiżiti speċifikati;
- (24) “settur” tfisser parti minn żona ta' kontroll u/jew parti minn reġjun jew reġjun superjuri ta' informazzjoni dwar it-titjir;
- (25) “simulatur” tfisser tagħmir ta' taħriġ sintetiku li jippreżenta l-karatteristiċi importanti tal-ambjent operattiv reali u li jirriproduċi l-kundizzjonijiet operattivi li taħthom il-persuna li twettaq it-taħriġ tista' tipprattika kompiti prattiċi dak il-ħin stess direttament;
- (26) “tagħmir ta' taħriġ sintetiku” tfisser kwalunkwe tip ta' tagħmir li permezz tiegħu huma stimulati l-kundizzjonijiet operattivi, inklużi simulaturi u l-għalliema parti mill-kompitu;
- (27) “approvazzjoni ta' għalliem ta' tagħmir tat-taħriġ sintetiku (STDI)” tfisser l-awtorizzazzjoni mniżżla fuq liċenzja u li tiffirma parti minnha, li tindika l-kompetenza tad-detentur biex jagħti struzzjoni fuq tagħmir ta' taħriġ sintetiku;
- (28) “kors ta' taħriġ” tfisser struzzjoni teoretika u/jew prattika żviluppata fi ħdan qafas strutturat u mogħti sa żmien iddefinit;
- (29) “organizzazzjoni ta' taħriġ” tfisser organizzazzjoni li tkun għet iċ-ċertifikata mill-awtorità kompetenti sabiex tipprovdi tip wieħed jew aktar ta' taħriġ;
- (30) “approvazzjoni ta' unità” tfisser l-awtorizzazzjoni mniżżla fuq liċenzja u li tiffirma parti minnha, li tindika l-indikatur tal-pożizzjoni tal-ICAO u s-settur, il-grupp ta' setturi jew il-pożizzjonijiet ta' ħidma li fihom id-detentur tal-liċenzja jkollu l-kompetenza li jaħdem;
- (31) “validazzjoni” tfisser proċess li permezz tiegħu, bit-tlestija b'suċċess ta' kors ta' approvazzjoni unitarju assoċjat ma' klassifikazzjoni jew approvazzjoni ta' klassifikazzjoni, id-detentur jista' jibda jeżerċita l-privileġġi ta' dik il-klassifikazzjoni jew approvazzjoni ta' klassifikazzjoni.

#### Artikolu 5

#### Awtorità kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw jew jistabbilixxu awtorità kompetenti waħda jew aktar b'responsabbiltajiet allokatu għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-persuni u l-organizzazzjonijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
2. Fi blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali fil-każ ta' għoti ta' servizzi transkonfinali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinħatru bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati.
3. Jekk Stat Membru jinnomina jew jistabbilixxi aktar minn awtorità kompetenti waħda, l-oqsma ta' kompetenza ta' kull awtorità kompetenti għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar f'termini ta' responsabbiltajiet u qasam ġeografiku, fejn ikun xieraq. Għandha tiġi stabbilita koordinazzjoni bejn daww il-awtoritajiet biex tiġi żgurata sorveljanza xierqa tal-persuni u l-organizzazzjonijiet kollha suġġetti għal dan ir-Regolament fil-mandati rispettivi tagħhom.
4. L-awtorita/awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu indipendenti mill-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u mill-organizzazzjonijiet ta' taħriġ. Din l-indipendenza għandha tintlaħaq permezz ta' separazzjoni adegwata, tal-anqas fil-livell funzjonali, tal-awtoritajiet kompetenti minn naħa waħda u l-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru u l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ min-naħa l-oħra. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom ta' imparzjalità u trasparenza.

L-ewwel sottoparagrafu japplika wkoll għall-Aġenzija, fejn taġixxi bħala awtorità kompetenti skont l-Artikolu 6(2)(b) u (3)(a)(ii).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kapaċità meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza koperti mill-programmi ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza tagħhom, inklużi riżorsi suffiċjenti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Anness II (Parti ATCO.AR). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jużaw il-valutazzjonijiet prodotti mill-awtoritajiet kompetenti skont il-punt ATCO.AR.A.005(a) tal-Anness II sabiex juru l-kapaċità tagħhom.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-attivitajiet ta' sorveljanza u ċertifikazzjoni taħt dan ir-Regolament, m'hemm ebda kunflitt dirett jew indirett ta' interess, b'mod partikolari għall-interessi familjari jew finanzjarji tal-persunal ikkonċernat.

7. L-awtorità/awtoritajiet kompetenti nominati jew stabbiliti mill-Istat Membru għall-finijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 għandhom jitqiesu li jibqgħu l-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor mill-Istat Membru kkonċernat. Fit-tieni każ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Aġenzija bl-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tal-awtorità/awtoritajiet kompetenti li jinnominaw jew jistabbilixxu b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, kif ukoll kwalunkwe bidla fih.

#### Artikolu 6

#### **Awtorità kompetenti għall-fini tal-Annessi I, III u IV**

1. Għall-finijiet tal-Anness I, l-awtorità kompetenti għandha tkun l-awtorità(jiet) nominati jew stabbiliti mill-Istat Membru għand min il-persuna tapplika sabiex tinħarġilha liċenzja.

2. Għall-finijiet tal-Anness III u għas-sorveljanza tar-rekwiżiti tal-Anness I fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

(a) l-awtorità nominata jew stabbilita mill-Istat Membru bħala l-awtorità kompetenti tagħha għas-sorveljanza fejn l-applikant ikollu l-post prinċipali tal-attività tiegħu jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu, jekk applikabbli, sakemm ma jkunx previst mod ieħor għall-ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

(b) l-Aġenzija, jekk l-applikant ikollu l-post prinċipali tal-attività tiegħu jew, jekk ikollu, l-uffiċċju rreġistrat, barra mit-territorju tal-Istati Membri.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Anness IV, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

(a) għaċ-ċentri ajrumediċi:

(i) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn iċ-ċentru ajrumediku jkollu l-post prinċipali tal-attività tiegħu;

(ii) l-Aġenzija, meta iċ-ċentru ajrumediku jkun jinsab f'pajjiż terz;

(b) għall-eżaminaturi ajrumediċi:

(i) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn l-eżaminatur ajrumediku għandu jew għandha l-post prinċipali tal-attività tiegħu/tagħha;

(ii) jekk il-post prinċipali tal-attività ta' eżaminatur ajrumediku jkun jinsab f'pajjiż terz, l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li maġġha japplika l-eżaminatur ajrumediku għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

#### Artikolu 7

#### **Dispożizzjonijiet transitorji**

1. Il-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet maħruġin skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni nazzjonali abbażi tad-Direttiva 2006/23/KE u l-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet maħruġa skont ir-Regolament (UE) Nru 805/2011 għandhom jitqiesu bħala maħruġa skont dan ir-Regolament.

2. Il-klassifikazzjoni ta' Kontroll taż-Żona Proċedurali (ACP) bl-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Oċeani (OCN) maħruġa abbażi tar-regoli nazzjonali abbażi tal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) Nru 805/2011 għandha titqies li nħarġet skont dan ir-Regolament.

3. Iċ-ċertifikati mediċi u ċ-ċertifikati għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ, l-eżaminaturi ajrumediċi u ċ-ċentri ajrumediċi, l-approvazzjonijiet tal-iskemi tal-kompetenza unitarja u l-pjanijiet ta' taħriġ maħruġa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali abbażi tad-Direttiva 2006/23/KE skont ir-Regolament (UE) Nru 805/2011 għandhom jitqiesu bħala li nħarġu skont dan ir-Regolament.

#### Artikolu 8

##### **Sostituzzjoni ta' liċenzji, adattamenti tal-privileġġi, il-korsijiet ta' taħriġ u skemi ta' kompetenza unitarji**

1. L-Istati Membri għandhom jissostitwixxu l-liċenzji msemmija fl-Artikolu 7(1) b'liċenzji li jikkonformaw mal-format stabbilit fl-Appendiċi 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru 2016, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

2. L-Istati Membri għandhom jissostitwixxu l-liċenzji msemmija fl-Artikolu 7(3) b'liċenzji li jikkonformaw mal-format stabbilit fl-Appendiċi 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru 2016, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

3. L-Istati Membri għandhom jissostitwixxu ċ-ċertifikati għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku bl-ajru msemmija fl-Artikolu 7(3) b'ċertifikati li jikkonformaw mal-format stabbilit fl-Appendiċi 3 u 4 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru 2016, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibdli l-privileġġi tal-eżaminaturi u l-assessuri għal taħriġ inizjali skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 u tal-eżaminaturi tal-kompetenzi u l-assessuri tal-kompetenzi għat-taħriġ unitarju jew ta' kontinwazzjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 805/2011 fil-privileġġi ta' approvazzjoni tal-assessur skont dan ir-Regolament, jekk ikun xieraq, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru 2016, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jibdli l-privileġġi għas-simulatur nazzjonali jew l-istrutturi ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku fi privileġġi għall-approvazzjoni ta' għalliem tat-tagħmir ta' taħriġ sintetiku skont dan ir-Regolament, jekk ikun xieraq, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru 2016, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

6. Il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandhom jadattaw l-iskemi ta' kompetenza unitarja tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru 2016, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

7. L-organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku bl-ajru għandhom jadattaw il-pjanijiet ta' taħriġ tagħhom mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew mill-31 ta' Diċembru 2016, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

8. Iċ-ċertifikati ta' tlestija ta' korsijiet ta' taħriġ li jkun b'dew qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) Nru 805/2011 għandhom jiġu aċċettati għall-finijiet tal-ħruġ tal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet rilevanti skont dan ir-Regolament sakemm it-taħriġ u l-valutazzjoni jkun tlestew sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2016, jew mit-30 ta' Ġunju 2017, meta l-Istat Membru juża d-deroga tal-Artikolu 11(2).

#### Artikolu 9

##### **Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012**

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 923/2012, il-punt 104 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"104. 'sustanza psikoattiva' tfisser alkoħol, opjojdi, kannabinoidi, sedattivi u ipnotiċi, kokaina, psikostimulanti oħrajn, alluċinoġeni u solventi volatili, filwaqt li l-kaffeina u t-tabakk huma esklużi;"

*Artikolu 10***Revoka**

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 huwa revokat.

*Artikolu 11***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan japplika mit-30 ta' Ġunju 2015.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-Annessi I sa IV, b'mod sħiħ jew parzjali, qabel il-31 ta' Diċembru 2016.

Meta Stat Membru jagħmel użu minn din il-possibbiltà, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015. Din in-notifika għandha tiddekrivi l-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga/derogi kif ukoll il-programm tal-implimentazzjoni bl-azzjonijiet previsti u l-iskedar relatat tagħhom. F'dak il-każ, għandhom jibqgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

## WERREJ

|  |    |
|--|----|
| ANNEX I — PARTI ATCO — REKWIŻITI GĦAL-LIĊENZJAR TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....      | 18 |
| SUBPARTI A — REKWIŻITI ĠENERALI .....  | 18 |
| ATCO.A.001 Kamp ta' applikazzjoni .....  | 18 |
| ATCO.A.005 Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet ..... | 18 |
| ATCO.A.010 Skambju ta' liċenzji .....  | 18 |
| ATCO.A.015 Eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzji u inabbiltà proviżorja .....                    | 18 |
| ATCO.A.020 Revoka u sospensjoni ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet .....     | 19 |
| SUBPARTI B — LIĊENZJI, KLASSIFIKAZZJONIJIET U APPROVAZZJONIJIET .....                            | 19 |
| ATCO.B.001 Liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru .....                           | 19 |
| ATCO.B.005 Liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru .....                                   | 19 |
| ATCO.B.010 Klassifikazzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru .....                      | 20 |
| ATCO.B.015 Approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni .....  | 20 |
| ATCO.B.020 Approvazzjonijiet tal-unità .....   | 21 |
| ATCO.B.025 Skema ta' kompetenzi tal-unità .....  | 22 |
| ATCO.B.030 Approvazzjoni tal-profiċjenza tal-lingwa .....  | 23 |
| ATCO.B.035 Validità tal-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika .....                           | 23 |
| ATCO.B.040 Valutazzjoni tal-kompetenza lingwistika .....   | 24 |
| ATCO.B.045 Taħriġ fil-lingwa .....   | 24 |
| SUBPARTI C — REKWIŻITI GĦALL-GĦALLIEMA U L-ASSESSURI .....                                       | 24 |
| SEZZJONI 1 — GĦALLIEMA .....   | 24 |
| ATCO.C.001 Għalliema teoretiċi .....   | 24 |
| ATCO.C.005 Għalliema prattiċi .....  | 25 |
| ATCO.C.010 Privileġġi tal-għalliem ta' taħriġ fuq ix-xogħol (OJTI) .....                         | 25 |
| ATCO.C.015 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol .....          | 25 |
| ATCO.C.020 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem għal taħriġ fuq ix-xogħol .....               | 25 |
| ATCO.C.025 Awtorizzazzjoni OJTI temporanja .....   | 25 |
| ATCO.C.030 Privileġġi ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku (STDI) .....                 | 26 |
| ATCO.C.035 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem ta' apparat ta' taħriġ sintetiku .....  | 26 |
| ATCO.C.040 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku .....        | 26 |
| SEZZJONI 2 — ASSESSURI .....   | 27 |
| ATCO.C.045 Privileġġi tal-assessuri .....  | 27 |

|   |    |
|---|----|
| ATCO.C.050 Interessi inerenti .....   | 27 |
| ATCO.C.055 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' assessur .....  | 27 |
| ATCO.C.060 Validità tal-approvazzjoni tal-assessur .....  | 28 |
| ATCO.C.065 Awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju .....  | 28 |
| SUBPARTI D — TAĦRIĠ TAL-KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....  | 28 |
| SEZZJONI 1 — REKWIŻITI ĠENERALI .....   | 28 |
| ATCO.D.001 Obiettivi ta' taħriġ ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru .....  | 28 |
| ATCO.D.005 Tipi ta' taħriġ ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru .....   | 28 |
| SEZZJONI 2 — REKWIŻITI TA' TAĦRIĠ INIZJALI .....  | 29 |
| ATCO.D.010 Kompożizzjoni tat-taħriġ inizjali .....  | 29 |
| ATCO.D.015 Pjan ta' taħriġ inizjali .....   | 30 |
| ATCO.D.020 Korsijiet ta' taħriġ bażiċi u ta' klassifikazzjoni .....   | 30 |
| ATCO.D.025 Eżamijiet u valutazzjoni ta' taħriġ bażiku .....   | 31 |
| ATCO.D.030 Obiettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ bażiku .....   | 31 |
| ATCO.D.035 Eżamijiet u valutazzjoni ta' taħriġ ta' klassifikazzjoni .....   | 31 |
| ATCO.D.040 Obiettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ ta' klassifikazzjoni .....   | 32 |
| SEZZJONI 3 — REKWIŻITI TA' TAĦRIĠ TAL-UNITÀ .....   | 32 |
| ATCO.D.045 Kompożizzjoni tat-taħriġ tal-unità .....   | 32 |
| ATCO.D.050 Prerekwiżiti ta' taħriġ tal-unità .....  | 33 |
| ATCO.D.055 Pjan ta' taħriġ tal-unità .....  | 33 |
| ATCO.D.060 Kors ta' approvazzjoni tal-unità .....   | 34 |
| ATCO.D.065 Turija tal-ġharfien teoretiku u tal-fehim .....  | 34 |
| ATCO.D.070 Valutazzjonijiet matul il-korsijiet ta' approvazzjoni tal-unità .....  | 34 |
| SEZZJONI 4 — REKWIŻITI TA' TAĦRIĠ TA' KONTINWAZZJONI .....  | 34 |
| ATCO.D.075 Taħriġ ta' kontinwazzjoni .....  | 34 |
| ATCO.D.080 Taħriġ ta' aġġornament .....   | 34 |
| ATCO.D.085 Taħriġ ta' konverżjoni .....   | 35 |
| SEZZJONI 5 — TAĦRIĠ TA' GĦALLIEMA U ASSESSURI .....   | 35 |
| ATCO.D.090 Taħriġ ta' għalliema prattiċi .....  | 35 |
| ATCO.D.095 Taħriġ ta' assessuri .....   | 35 |
| APPENDIĊI 1 tal-Anness I — SKALA TA' KLASSEKAZZJONI TAL-KOMPETENZA LINGWISTIKA — REKWIŻITI<br>GĦALL-KOMPETENZA FIL-LINGWI ..... | 36 |
| APPENDIĊI 2 tal-Anness I — TAĦRIĠ BAŻIKU .....  | 39 |
| Suġġett 1: INTRODUEZZJONI GĦALL-KORS .....  | 39 |
| Suġġett 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI .....  | 39 |
| Suġġett 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....   | 40 |

|   |    |
|---|----|
| Suġġett 4: METEOROLOĠIJA .....  | 41 |
| Suġġett 5: NAVIGAZZJONI .....   | 42 |
| Suġġett 6: INĠENJI TAL-AJRU .....   | 43 |
| Suġġett 7: FATTURI UMANI .....  | 44 |
| Suġġett 8: TAGĦMIR U SISTEMI .....  | 45 |
| Suġġett 9: AMBJENT PROFESSJONALI .....  | 46 |
| APPENDIĊI 3 tal-Anness I — KLASSIFIKAZZJONI VIŻWALI TAL-KONTROLL TAL-AJRUDROM (ADV) .....                       | 47 |
| Suġġett 1: INTRODUEZZJONI GĦALL-KORS .....  | 47 |
| Suġġett 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI .....  | 47 |
| Suġġett 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....   | 48 |
| Suġġett 4: METEOROLOĠIJA .....  | 49 |
| Suġġett 5: NAVIGAZZJONI .....   | 49 |
| Suġġett 6: INĠENJI TAL-AJRU .....   | 49 |
| Suġġett 7: FATTURI UMANI .....  | 50 |
| Suġġett 8: TAGĦMIR U SISTEMI .....  | 51 |
| Suġġett 9: AMBJENT PROFESSJONALI .....  | 51 |
| Suġġett 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA .....  | 51 |
| Suġġett 11: AJRUDROMI .....   | 52 |
| APPENDIĊI 4 tal-Anness I — KLASSIFIKAZZJONI BL-ISTRUMENTI TA' KONTROLL TAL-AJRUDROM GHATTORRI — ADI (TWR) ..... | 53 |
| Suġġett 1: INTRODUEZZJONI GĦALL-KORS .....  | 53 |
| Suġġett 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI .....  | 53 |
| Suġġett 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....   | 54 |
| Suġġett 4: METEOROLOĠIJA .....  | 55 |
| Suġġett 5: NAVIGAZZJONI .....   | 55 |
| Suġġett 6: INĠENJI TAL-AJRU .....   | 56 |
| Suġġett 7: FATTURI UMANI .....  | 56 |
| Suġġett 8: TAGĦMIR U SISTEMI .....  | 57 |
| Suġġett 9: AMBJENT PROFESSJONALI .....  | 57 |
| Suġġett 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA .....  | 58 |
| Suġġett 11: AJRUDROMI .....   | 58 |
| APPENDIĊI 5 tal-Anness I — KLASSIFIKAZZJONI TAL-KONTROLL TAL-APPROĊĊ PROĊEDURALI (APP) .....                    | 59 |
| Suġġett 1: INTRODUEZZJONI GĦALL-KORS .....  | 59 |
| Suġġett 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI .....  | 59 |
| Suġġett 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....   | 60 |
| Suġġett 4: METEOROLOĠIJA .....  | 61 |
| Suġġett 5: NAVIGAZZJONI .....   | 61 |

|  |    |
|--|----|
| Suġġett 6: INĠENJI TAL-AJRU .....  | 61 |
| Suġġett 7: FATTURI UMANI .....   | 62 |
| Suġġett 8: TAGĦMIR U SISTEMI .....   | 63 |
| Suġġett 9: AMBJENT PROFESSJONALI .....   | 63 |
| Suġġett 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA .....                                     | 63 |
| Suġġett 11: AJRUDROMI .....  | 64 |
| APPENDIĊI 6 tal-Anness I — KLASSIFIKAZZJONI TAL-KONTROLL TAŻ-ŻONA PROĊEDURALI (ACP) .....      | 65 |
| Suġġett 1: INTRODUZZJONI GĦALL-KORS .....  | 65 |
| Suġġett 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI .....   | 65 |
| Suġġett 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....  | 66 |
| Suġġett 4: METEOROLOĠIJA .....   | 67 |
| Suġġett 5: NAVIGAZZJONI .....  | 67 |
| Suġġett 6: INĠENJI TAL-AJRU .....  | 67 |
| Suġġett 7: FATTURI UMANI .....   | 68 |
| Suġġett 8: TAGĦMIR U SISTEMI .....   | 68 |
| Suġġett 9: AMBJENT PROFESSJONALI .....   | 69 |
| Suġġett 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA .....                                     | 69 |
| APPENDIĊI 7 tal-Anness I — KLASSIFIKAZZJONI TAS-SORVELJANZA TAL-KONTROLL TAL-APPROĊĊ (APS) ... | 70 |
| Suġġett 1: INTRODUZZJONI GĦALL-KORS .....  | 70 |
| Suġġett 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI .....   | 70 |
| Suġġett 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....  | 71 |
| Suġġett 4: METEOROLOĠIJA .....   | 72 |
| Suġġett 5: NAVIGAZZJONI .....  | 72 |
| Suġġett 6: INĠENJI TAL-AJRU .....  | 73 |
| Suġġett 7: FATTURI UMANI .....   | 73 |
| Suġġett 8: TAGĦMIR U SISTEMI .....   | 74 |
| Suġġett 9: AMBJENT PROFESSJONALI .....   | 74 |
| Suġġett 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA .....                                     | 75 |
| Suġġett 11: AJRUDROMI .....  | 75 |
| APPENDIĊI 8 tal-Anness I — KLASSIFIKAZZJONI TAS-SORVELJANZA TAL-KONTROLL TAŻ-ŻONA (ACS) .....  | 76 |
| Suġġett 1: INTRODUZZJONI GĦALL-KORS .....  | 76 |
| Suġġett 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI .....   | 76 |
| Suġġett 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....  | 77 |
| Suġġett 4: METEOROLOĠIJA .....   | 78 |
| Suġġett 5: NAVIGAZZJONI .....  | 78 |

|   |    |
|---|----|
| Suġġett 6: INĠENJI TAL-AJRU .....   | 79 |
| Suġġett 7: FATTURI UMANI .....  | 79 |
| Suġġett 8: TAGĦMIR U SISTEMI .....  | 80 |
| Suġġett 9: AMBJENT PROFESSJONALI .....  | 80 |
| Suġġett 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA .....  | 81 |
| ANNEX II — PARTI ATCO.AR — REKWIŻITI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI .....  | 82 |
| SUBPARTI A — REKWIŻITI ĠENERALI .....   | 82 |
| ATCO.AR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni .....  | 82 |
| ATCO.AR.A.005 Persunal .....  | 82 |
| ATCO.AR.A.010 Kompiti tal-awtoritajiet kompetenti .....   | 82 |
| ATCO.AR.A.015 Mezzi ta' konformità .....  | 83 |
| ATCO.AR.A.020 Informazzjoni lill-Aġenzija .....   | 83 |
| ATCO.AR.A.025 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza .....   | 84 |
| SUBPARTI B — ĠESTJONI .....   | 84 |
| ATCO.AR.B.001 Sistema ta' ġestjoni .....  | 84 |
| ATCO.AR.B.005 Allokazzjoni tal-kompiti lil entitajiet ikkwalifikati .....   | 85 |
| ADR.AR.B.010 Tibdil fis-sistema tal-immaniġġjar .....   | 85 |
| ATCO.AR.B.015 Żamma tar-rekords .....   | 85 |
| SOTTOPARTI C — SORVELJANZA U INFURZAR .....   | 86 |
| ATCO.AR.C.001 Superviżjoni .....  | 86 |
| ATCO.AR.C.005 Programm ta' superviżjoni .....   | 86 |
| ATCO.AR.C.010 Sejbiet u miżuri ta' infurzar għall-persunal .....  | 87 |
| SUBPARTI D — ĦRUĠ, RIVALIDAZZJONI, TIĠDID, SOSPENSJONI U REVOKA TA' LIĊENZJI, KLASSIFIKAZZJONIJIET U APPROVAZZJONIJIET .....  | 87 |
| ATCO.AR.D.001 Proċedura għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet .....               | 87 |
| ATCO.AR.D.005 Revoka u sospensjoni ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet .....   | 88 |
| SOTTOPARTI E — PROĊEDURA TA' ĊERTIFIKAZZJONI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU U L-APPROVAZZJONI TAL-KORSIJET TAT-TAĦRIĠ ..... | 88 |
| ATCO.AR.E.001 Proċedura ta' applikazzjoni u ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ .....  | 88 |
| ATCO.AR.E.005 Approvazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ u pjanijiet ta' taħriġ .....   | 89 |
| ATCO.AR.E.010 Bidliet fl-organizzazzjonijiet tat-taħriġ .....   | 89 |
| ATCO.AR.E.015 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi .....  | 89 |
| SOTTOPARTI F — REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI AJRUMEDIKA .....  | 90 |
| SEZZJONI 1 — REKWIŻITI ĠENERALI .....   | 90 |
| ATCO.AR.F.001 Ċentri ajrumediċi u ċertifikazzjoni ajrumediċa .....  | 90 |
| SEZZJONI 2 — DOKUMENTAZZJONI .....  | 91 |
| ATCO.AR.F.005 Ċertifikat mediku .....   | 91 |

|   |     |
|---|-----|
| ATCO.AR.F.010 Ċertifikati AME .....   | 91  |
| ATCO.AR.F.015 Ċertifikat AeMC .....   | 91  |
| ATCO.AR.F.020 Formoli ajrumediċi .....  | 91  |
| APPENDIĊI 1 tal-Anness II — Format għal-liċenzja — LIĊENZJA TA' KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU  | 92  |
| APPENDIĊI 2 tal-Anness II — ĊERTIFIKAT GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJET TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATCO TOs) .....           | 98  |
| APPENDIĊI 3 tal-Anness II — ĊERTIFIKAT GĦALL-EŻAMINATURI AJRUMEDIĊI (AMEs) .....  | 100 |
| APPENDIĊI 4 tal-Anness II — ĊERTIFIKAT GĦAL ĊENTRI AJRUMEDIĊI (AeMCs) .....   | 102 |
| ANNEX III — PARTI ATCO.OR — REKWIŻITI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJET TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU U Ċ-ĊENTRI AJRUMEDIĊI ..... | 103 |
| SOTTOPARTI A — REKWIŻITI ĠENERALI .....   | 103 |
| ATCO.OR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni .....  | 103 |
| SOTTOPARTI B — REKWIŻITI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJET TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....                                    | 103 |
| ATCO.OR.B.001 Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ .....  | 103 |
| ATCO.OR.B.005 Mezzi ta' konformità .....  | 103 |
| ATCO.OR.B.010 Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ .....                                    | 104 |
| ATCO.OR.B.015 Bidliet fl-organizzazzjonijiet tat-taħriġ .....   | 104 |
| ATCO.OR.B.020 Validità kontinwa .....   | 104 |
| ATCO.OR.B.025 Aċċess għal faċilitajiet u dejta ta' organizzazzjonijiet tat-taħriġ .....   | 104 |
| ATCO.OR.B.030 Sejbiet .....   | 104 |
| ATCO.OR.B.035 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza .....   | 105 |
| ATCO.OR.B.040 Rappurtar ta' okkorrenza .....  | 105 |
| SUBPARTI C — ĠESTJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....   | 105 |
| ATCO.OR.C.001 Sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ .....   | 105 |
| ATCO.OR.C.005 Attivitajiet kuntrattati .....  | 105 |
| ATCO.OR.C.010 Rekwiżiti dwar il-persunal .....  | 106 |
| ATCO.OR.C.015 Faċilitajiet u tagħmir .....  | 106 |
| ATCO.OR.C.020 Żamma tar-rekords .....   | 106 |
| ATCO.OR.C.025 Fondi u assigurazzjonijiet .....  | 106 |
| SUBPARTI D — REKWIŻITI GĦALL-KORSIJET TAT-TAĦRIĠ U L-PJANIJET TA' TAĦRIĠ .....  | 107 |
| ATCO.OR.D.001 Rekwiżiti għall-korsijiet ta' taħriġ u pjanijiet ta' taħriġ .....   | 107 |
| ATCO.OR.D.005 Riżultati u ċertifikati tal-eżaminazzjoni u l-valutazzjoni .....  | 107 |
| SOTTOPARTI E — REKWIŻITI GĦAĊ-ĊENTRI AJRUMEDIĊI .....   | 107 |
| ATCO.OR.E.001 Ċentri ajrumediċi .....   | 107 |

|  |     |
|--|-----|
| ANNEX IV — PARTI ATCO.MED -REKWIŻITI MEDIĊI GĦALL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU .....    | 108 |
| SUBPARTI A — REKWIŻITI ĠENERALI .....  | 108 |
| SEZZJONI 1 — ĠENERALI .....  | 108 |
| ATCO.MED.A.001 Awtorità kompetenti .....   | 108 |
| ATCO.MED.A.005 Kamp ta' applikazzjoni .....  | 108 |
| ATCO.MED.A.010 Definizzjonijiet .....  | 108 |
| ATCO.MED.A.015 Kunfidenzjalità medika .....  | 109 |
| ATCO.MED.A.020 Tnaqqis ta' adegwatezza medika .....  | 109 |
| ATCO.MED.A.025 Obbligazzjonijiet tal-AeMC u l-AME .....                                      | 109 |
| SEZZJONI 2 — REKWIŻITI GĦAL ĊERTIFIKATI MEDIĊI .....   | 110 |
| ATCO.MED.A.030 Ċertifikati mediċi .....  | 110 |
| ATCO.MED.A.035 Applikazzjoni għal ċertifikat mediku .....                                    | 110 |
| ATCO.MED.A.040 Ħruġ, rivalidazzjoni u tiġdid taċ-ċertifikati mediċi .....                    | 110 |
| ATCO.MED.A.045 Validità, rivalidazzjoni u tiġdid ta' ċertifikati mediċi .....                | 111 |
| ATCO.MED.A.046 Sospensjoni jew revoka ta' ċertifikat mediku .....                            | 111 |
| ATCO.MED.A.050 Riferiment .....  | 112 |
| SOTTOPARTI B — REKWIŻITI GĦAL-ĊERTIFIKATI MEDIĊI TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU ..... | 112 |
| SEZZJONI 1 — ĠENERALI .....  | 112 |
| ATCO.MED.B.001 Limitazzjonijiet taċ-ċertifikati mediċi .....                                 | 112 |
| SEZZJONI 2 — REKWIŻITI MEDIĊI GĦAL ĊERTIFIKATI MEDIĊI TA' KLASSI 3 .....                     | 112 |
| ATCO.MED.B.005 Ġenerali .....  | 112 |
| ATCO.MED.B.010 Sistema kardjovaskulari .....   | 113 |
| ATCO.MED.B.015 Apparat respiratorju .....  | 115 |
| ATCO.MED.B.020 Sistema diġestiva .....   | 116 |
| ATCO.MED.B.025 Sistemi metaboliċi u endokrinari .....  | 116 |
| ATCO.MED.B.030 Ematoloġija .....   | 116 |
| ATCO.MED.B.035 Sistema ġenitourinarja .....  | 117 |
| ATCO.MED.B.040 Mard infettiv .....   | 117 |
| ATCO.MED.B.045 Ostetriċja u ġinekoloġija .....   | 117 |
| ATCO.MED.B.050 Sistema muskuloskeletalni .....   | 117 |
| ATCO.MED.B.055 Psikjatrija .....   | 118 |
| ATCO.MED.B.060 Psikoloġija .....   | 118 |
| ATCO.MED.B.065 Newroloġija .....   | 118 |
| ATCO.MED.B.070 Sistema viżwali .....   | 119 |

---

|   |     |
|---|-----|
| ATCO.MED.B.075 Viżjoni tal-kulur .....                                | 120 |
| ATCO.MED.B.080 Otorinolaringologġja .....                             | 120 |
| ATCO.MED.B.085 Dermatologġja .....                                    | 120 |
| ATCO.MED.B.090 Onkologġja .....                                       | 121 |
| SUBPARTI C — EŻAMINATURI AJRUMEDIĊI (AMEs) .....                      | 121 |
| ATCO.MED.C.001 Privileġġi .....                                       | 121 |
| ATCO.MED.C.005 Applikazzjoni .....                                    | 121 |
| ATCO.MED.C.010 Rekwiżiti għall-ħruġ ta' ċertifikat AME .....          | 121 |
| ATCO.MED.C.015 Korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina tal-avjazzjoni ..... | 122 |
| ATCO.MED.C.020 Bidliet fiċ-ċertifikat AME .....                       | 122 |
| ATCO.MED.C.025 Validità taċ-ċertifikati AME .....                     | 122 |

---

## ANNEX I

## PARTI ATCO

## REKWIŻITI GĦALL-ĦRUĠ TA' LIĊENZJI GĦALL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

## SUBPARTI A

## REKWIŻITI ĠENERALI

**ATCO.A.001 Kamp ta' applikazzjoni**

Din il-Parti, stabbilita f'dan l-Anness, tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ħruġ, ir-revoka u s-sospensjoni tal-liċenzji tal-istudenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet assoċjati tagħhom, u l-kundizzjonijiet tal-validità u l-użu tagħhom.

**ATCO.A.005 Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet**

- (a) Applikazzjoni għall-ħruġ, ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet assoċjati, għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti skont il-proċedura stabbilita minn dik l-awtorità.
- (b) Għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet jew approvazzjonijiet ulterjuri, għar-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' approvazzjonijiet u għall-ħruġ mill-ġdid tal-liċenzja lill-awtorità kompetenti li ħarġet dik il-liċenzja.
- (c) Il-liċenzja għandha tibqa' l-proprjetà tal-persuna li lilha tkun ingħatat, sakemm ma tiġix revokata mill-awtorità kompetenti. Id-detentur tal-liċenzja għandu jiffirma l-liċenzja.
- (d) Il-liċenzja għandha tispeċifika l-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-privileġġi li jinġhataw bil-liċenzja u għandha tikkonforma mar-rekwiżiti fl-Appendiċi 1 tal-Anness II.

**ATCO.A.010 Skambju ta' liċenzji**

- (a) Jekk id-detentur tal-liċenzja għandu jeżerċita l-privileġġi tal-liċenzja fi Stat Membru li l-awtorità kompetenti mhijiex dik li ħarġet il-liċenzja għalih, id-detentur tal-liċenzja għandu jissottometti applikazzjoni għall-iskambju tal-liċenzja tiegħu/tagħha għal liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn għandhom jiġu eżerċitati l-privileġġi skont il-proċedura stabbilita minn din l-awtorità, ħlief fejn ma jkunx speċifikat mod ieħor bi ftehim konkluż bejn l-Istati Membri. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet involuti għandhom jikkondividu l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jitwettagħ l-iskambju tal-liċenzja skont il-proċeduri msemmija f'ATCO.AR.B.001(c).
- (b) Għall-finijiet tal-iskambju u għall-eżerċizzju tal-privileġġi tal-liċenzja fi Stat Membru minbarra dak fejn inħarġet il-liċenzja, id-detentur tal-liċenzja għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' kompetenza lingwistika msemmija f'ATCO.B.030 stabbiliti mill-Istat Membru rispettiv.
- (c) Il-liċenzja l-ġdida għandha tinkludi klassifikazzjonijiet, approvazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, approvazzjonijiet ta' liċenzji u l-approvazzjonijiet unitarji validi kollha fil-liċenzja, inkluż id-data tal-ewwel ħruġ u l-iskadenza, jekk ikun applikabbli.
- (d) Wara l-irċevuta tal-liċenzja l-ġdida, id-detentur tal-liċenzja għandu jissottometti applikazzjoni msemmija f'ATCO.A.005 flimkien mal-liċenzja tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru tiegħu/tagħha sabiex ikun jista' jikseb klassifikazzjonijiet, approvazzjonijiet ta' klassifikazzjonijiet, approvazzjonijiet ta' liċenzji jew approvazzjonijiet tal-unità ġodda.
- (e) Wara l-iskambju, il-liċenzja li nħarġet qabel għandha tintbagħat lura lill-awtorità li ħarġitha.

**ATCO.A.015 Eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzji u inabbiltà provviżorja**

- (a) L-eżerċitar tal-privileġġi mogħtija minn liċenzja għandu jiddependi fuq il-validità tal-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u ċ-ċertifikat mediku.
- (b) Id-detenturi tal-liċenzji ma għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom meta jkollhom dubju dwar jekk jistgħux jeżerċitaw b'mod sikur il-privileġġi tal-liċenzja u għandhom ftali każijiet jinnotifikaw immedjatament lill-fornitur tan-navigazzjoni tal-ajru rilevanti dwar l-inabbiltà provviżorja biex iwettqu l-privileġġi tal-liċenzja tagħhom.
- (c) Il-fornitur tan-navigazzjoni tal-ajru jistgħu jiddikjaraw l-inabbiltà provviżorja tad-detentur tal-liċenzja jekk isiru jafu b'xi dubju li jikkonċerna l-inabbiltà tad-detentur tal-liċenzja biex jeżerċita b'mod sikur il-privileġġi tal-liċenzja.

- (d) Il-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw proċeduri oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji biex jippermettu lid-detenturi tal-liċenzja jiddikjaraw l-inabbiltà provviżorja tagħhom biex jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom skont il-punt (b), biex jiddikjaraw l-inabbiltà provviżorja tad-detentur tal-liċenzja skont il-punt (c), biex jimmaniġġjaw l-impatt operattiv tal-każijiet ta' inabbiltà provviżorja u biex jinfurmaw lill-awtorità kompetenti kif iddefinit f'dik il-proċedura.
- (e) Il-proċeduri msemmija fil-punt (d) għandhom jiġu inklużi fl-iskema ta' kompetenza tal-unità skont ATCO.B.025(a) (13).

#### **ATCO.A.020 Revoka u sospensjoni ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet**

- (a) Il-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet jistgħu jiġu sospiżi jew revokati mill-awtorità kompetenti skont ATCO.AR.D.005 meta d-detentur tal-liċenzja ma jkunx jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din il-Parti.
- (b) Meta d-detentur tal-liċenzja jkollu l-liċenzja tiegħu/tagħha revokata, huwa/hija għandu/għandha jirritorna l-liċenzja lill-awtorità kompetenti skont il-proċeduri amministrattivi stabbiliti minn dik l-awtorità.
- (c) Bil-ħruġ tal-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, il-liċenzja tal-istudent kontrollur tat-traffiku tal-ajru hija revokata u għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti li qiegħda toħroġ il-liċenzja tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru.

#### SUBPARTI B

#### **LIĊENZJI, KLASSIFIKAZZJONIJIET U APPROVAZZJONIJIET**

#### **ATCO.B.001 Liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Id-detenturi ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru skont il-klassifikazzjoni(jiet) u l-approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni li jinsabu fil-liċenzja tagħhom skont is-superviżjoni ta' għalliem ta' taħriġ fuq ix-xogħol u biex iwettqu taħriġ għal approvazzjoni(jiet) ta' klassifikazzjoni.
- (b) L-applikanti għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jeħtieġ li:
  - (1) ikollhom mill-inqas 18-il sena;
  - (2) ikunu temmew b'suċċess it-taħriġ inizjali f'organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (Parti ATCO.OR) rilevanti għall-klassifikazzjoni, u jekk ikun applikabbli, għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, kif stabbilit fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 2;
  - (3) ikollhom ċertifikat mediku validu;
  - (4) ikunu wrew livell adegwat ta' kompetenza lingwistika skont ir-rekwiżiti stipulati f'ATCO.B.030.
- (c) Il-liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandha tinkludi l-approvazzjoni(jiet) lingwistika/lingwistiċi u tal-anqas klassifikazzjoni waħda u jekk applikabbli, approvazzjoni waħda tal-klassifikazzjoni.
- (d) Id-detentur ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru li ma jkunx beda l-eżerċitar tal-privileġġi ta' dik il-liċenzja fi żmien sena mid-data tal-ħruġ tagħha jew waqqaf l-eżerċitar tal-privileġġi għal perjodu ta' aktar minn sena, jista' biss jibda jew ikompli t-taħriġ tal-unità f'dik il-klassifikazzjoni wara valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti tiegħu/tagħha, imwettqa minn organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (Parti ATCO.OR) u ċertifikata biex tipprovi taħriġ inizjali rilevanti għall-klassifikazzjoni, dwar jekk għadux/għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti għal dik il-klassifikazzjoni, u wara li jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' taħriġ li jirriżulta minn din il-valutazzjoni.

#### **ATCO.B.005 Liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Id-detenturi ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu awtorizzati jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru skont il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-liċenzja tagħhom, u jeżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjonijiet fiha.
- (b) Il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandhom jinkludu l-privileġġi ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru kif stipulat f'ATCO.B.001(a).
- (c) L-applikanti għall-ħruġ ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru jeħtieġ li:
  - (1) ikollhom liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru;
  - (2) ikunu temmew kors ta' approvazzjoni tal-unità u jkunu għaddew b'suċċess mill-eżamijiet u l-valutazzjonijiet xierqa skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 3;

- (3) ikollhom ċertifikat mediku validu;
- (4) ikunu wrew livell adegwat ta' kompetenza lingwistika skont ir-rekwiżiti stipulati f'ATCO.B.030.
- (d) Il-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandha tiġi validata bl-inklużjoni ta' klassifikazzjoni waħda jew aktar u l-approvazzjonijiet ta' kompetenza rilevanti tal-klassifikazzjoni, tal-unità u lingwistiċi li għalihom ikun intemm b'suċċess it-taħriġ.
- (e) Id-detentur ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru li ma jkunx beda l-eżerċitar tal-privileġġi ta' kwalunkwe klassifikazzjoni fi żmien sena mid-data tal-ħruġ tagħha jista' biss jibda t-taħriġ tal-unità f'dik il-klassifikazzjoni wara valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti tiegħu/tagħha, imwettqa minn organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (Parti ATCO.OR) u ċertifikata biex tipprovi taħriġ inizjali rilevanti għall-klassifikazzjoni, dwar jekk għadux/għadhiex jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti għal dik il-klassifikazzjoni, u wara li jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' taħriġ li jirriżulta minn din il-valutazzjoni.

#### **ATCO.B.010 Klassifikazzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru**

- (a) Il-liċenzji għandhom jinkludu klassifikazzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin sabiex jindikaw it-tip ta' servizz li d-detentur tal-liċenzja jista' jipprovi:
  - (1) il-klassifikazzjoni ta' Kontroll Viżiv ta' Ajrudrom (ADV), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru f'ajrudrom li ma jkollux proċeduri ppubblikati ta' avviċinament jew tluq bl-istrumenti;
  - (2) il-klassifikazzjoni ta' Kontroll Strumentali ta' Ajrudrom (ADI), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għat-traffiku ta' ajrudrom f'ajrudrom li jkollu proċeduri ppubblikati ta' avviċinament jew tluq bl-istrumenti, u għandha tkun akkumpanjata tal-anqas b'waħda mill-approvazzjonijiet ta' klassifikazzjoni deskritti f'ATCO.B.015(a);
  - (3) il-klassifikazzjoni ta' Kontroll tal-Avicinament Proċedurali (APP), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li jaslu, jitolqu jew jittransitaw, mingħajr l-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza;
  - (4) il-klassifikazzjoni ta' Sorveljanza tal-Avicinament Proċedurali (APP), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li jaslu, jitolqu jew jittransitaw, bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza;
  - (5) il-klassifikazzjoni ta' Kontroll ta' Żona Proċedurali (ACP), li għandha tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru mingħajr l-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza;
  - (6) il-klassifikazzjoni ta' Kontroll ta' Żona Proċedurali (ACP), li għandha tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza.
- (b) Id-detentur ta' klassifikazzjoni li jkun waqqaf l-eżerċitar tal-privileġġi assoċjati ma' dik il-klassifikazzjoni għal perjodu ta' erba' snin konsekuttivi jew aktar immedjatament preċedenti jista' jibda biss taħriġ tal-unità f'dik il-klassifikazzjoni wara valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti, imwettqa minn organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (Parti ATCO.OR) u ċertifikata biex tipprovi taħriġ rilevanti għall-klassifikazzjoni, dwar jekk il-persuna kkonċernata tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dik il-klassifikazzjoni, u wara li tissodisfa kwalunkwe rekwiżiti li jirriżultaw minn din il-valutazzjoni.

#### **ATCO.B.015 Approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni**

- (a) Il-klassifikazzjoni ta' Kontroll Strumentali ta' Ajrudrom (ADI) għandu jkollha tal-anqas waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:
  - (1) l-approvazzjoni Kontroll tal-Ajru (AIR), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi kontroll tal-ajru għal traffiku fil-viċinanzi ta' ajrudrom u fuq ir-runway;
  - (2) l-approvazzjoni Kontroll tal-Moviment fl-Art (GMC), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovi kontroll tal-movimenti fl-art;

- (3) L-approvazzjoni Torri ta' Kontroll (TWR), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi servizz ta' kontroll tal-ajrudrom. L-approvazzjoni TWR tinkludi l-privileġġi tal-approvazzjonijiet AIR u GMC;
  - (4) L-approvazzjoni Sorveljanza tal-Moviment fl-Art (GMS), mogħtija flimkien mal-approvazzjoni "Kontroll tal-Moviment fl-Art" jew mal-approvazzjoni "Torri ta' Kontroll", li tindika li d-detentur huwa kompetenti sabiex jipprovdi kontroll tal-movimenti fl-art bil-ġhajna ta' sistemi ta' gwida tal-moviment fuq is-superfċji ta' ajrudrom;
  - (5) L-approvazzjoni ta' Kontroll bir-Radar ta' Ajrudrom (RAD), mogħtija flimkien mal-approvazzjoni Kontroll tal-Ajru jew l-approvazzjoni Torri ta' Kontroll, li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi kontroll ta' ajrudrom bil-ġhajna ta' tagħmir tar-radar ta' sorveljanza.
- (b) Il-klassifikazzjoni ta' Kontroll tal-Avviċinament b'Sorveljanza (APS) jista' jkollha tal-anqas waħda jew aktar mill-approvazzjonijiet li ġejjin:
- (1) L-approvazzjoni Avviċinament b'Radar ta' Preċiżjoni (PAR), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi lill-inġenji tal-ajru li jkunu fil-fażi finali ta' avviċinament għar-runway, avviċinamenti ta' preċiżjoni kkontrollati mill-art bl-użu ta' tagħmir tar-radar għall-avviċinament ta' preċiżjoni;
  - (2) L-approvazzjoni Avviċinament b'Radar ta' Sorveljanza (SRA), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi lill-inġenji tal-ajru li jkunu fil-fażi finali ta' avviċinament għar-runway, kontroll mill-art ta' avviċinamenti mhux ta' preċiżjoni, bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza;
  - (3) L-approvazzjoni Kontroll tat-Terminal (TCL), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru bl-użu ta' kwalunkwe tagħmir ta' sorveljanza lil inġenji tal-ajru li joperaw f'żona speċifika ta' terminal u/jew f'setturi kontigwi.
- (c) Il-klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali (ACP), li tindika li d-detentur huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li joperaw f'Żona ta' Kontroll Oċeanika.
- (d) Il-klassifikazzjoni ta' Kontroll ta' Żona b'Sorveljanza (ACS) jista' jkollha waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:
- (1) L-approvazzjoni Kontroll tat-Terminal (TCL), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru bl-użu ta' kwalunkwe tagħmir ta' sorveljanza lil inġenji tal-ajru li joperaw f'żona speċifika ta' terminal u/jew f'setturi kontigwi;
  - (2) L-approvazzjoni Kontroll Oċeaniku (OCN), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li joperaw f'Żona ta' Kontroll Oċeanika.

#### **ATCO.B.020 Approvazzjonijiet tal-unità**

- (a) L-approvazzjoni tal-unità għandha tawtorizza lid-detentur tal-liċenzja sabiex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għal settur speċifiku, grupp ta' setturi u/jew pożizzjonijiet ta' ħidma taħt ir-responsabbiltà ta' unità ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru.
- (b) L-applikanti għal approvazzjoni ta' unità għandhom ikunu temmew b'suċċess kors ta' approvazzjoni unitarja skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 3.
- (c) L-applikanti għal approvazzjoni tal-unità wara skambju ta' liċenzja msemmija f'ATCO.A.010 għandhom, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b), jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ATCO.D.060(f).
- (d) Għal kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li jwettqu testijiet tat-titjira, l-awtorità kompetenti tista', minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b), tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali li għandhom jiġu ssodisfati.
- (e) Iċ-ċertifikati tal-unità għandhom ikunu validi għal perjodu definit fl-iskema ta' kompetenza tal-unità. Dan il-perjodu ma għandux jaqbeż it-tliet snin.
- (f) Il-perjodu ta' validità ta' approvazzjonijiet tal-unità għal ħruġ u t-tiġdid inizjali għandu jibda sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data wara li tkun tlestiet b'suċċess il-valutazzjoni.
- (g) L-approvazzjonijiet tal-unità għandhom jiġu rivalidati jekk:
  - (1) L-applikant ikun eżerċita l-privileġġi tal-liċenzja għal għadd minimu ta' sigħat, kif iddefinit fl-iskema ta' kompetenza tal-unità;

- (2) l-applikant ikun wettaq taħriġ ta' aġġornament fil-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni tal-unità skont l-iskema ta' kompetenza tal-unità;
- (3) il-kompetenza tal-applikant ġiet ivvalutata skont l-iskema tal-kompetenza tal-unità mhux aktar kmieni minn 3 xhur qabel id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-unità.
- (h) L-approvazzjonijiet tal-unità għandhom jiġu rivalidati, diment li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti fil-punt (g), fi żmien 3 xhur immedjatament qabel id-data ta' skadenza. F'każijiet bħal dawn, il-perjodu ta' validità, għandu jibda jgħodd minn dik id-data ta' skadenza.
- (i) Jekk l-approvazzjoni tal-unità tiġi rivalidata qabel il-perjodu previst fil-punt (h), il-perjodu ta' validità tagħha ma għandux jibda aktar tard mit-30 jum mid-data li fiha tkun tlestiet b'suċċess il-valutazzjoni, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (g)(1) u (2).
- (j) Jekk il-validità tal-annotazzjoni tal-unità tiskadi, id-detentur tal-liċenzja għandu jtemm b'suċċess kors skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti ATCO, Sottoparti D, Sezzjoni 3, sabiex iġedded l-approvazzjoni.

#### **ATCO.B.025 Skema ta' kompetenzi tal-unità**

- (a) Għandhom jiġu stabbiliti l-iskemi tal-kompetenzi tal-unità mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u dawn għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti. Din għandha tinkludi mill-anqas l-elementi li ġejjin:
  - (1) il-validità tal-approvazzjoni tal-unità skont ATCO.B.020(e);
  - (2) il-perjodu kontinwu massimu meta l-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità ma jiġux eżerċitati matul il-validità tagħha. Dan il-perjodu ma jistax jaqbeż id-90 jum kalendarju;
  - (3) in-numru minimu ta' sığhat għal eżerċitar tal-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità fil-perjodu ddefinit ta' żmien, ma għandux jaqbeż 12-il xahar, għall-finijiet ta' ATCO.B.020(g)(1). Għal għalliema ta' taħriġ fuq ix-xogħol li jeżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni OJTI, il-ħin imqatta' jgħallmu għandu jingħadd sa massimu ta' 50 % tas-sığhat meħtieġa għar-rivalidazzjoni tal-approvazzjoni tal-unità.
  - (4) proċeduri għall-każijiet fejn id-detentur tal-liċenzja ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a)(2) u (3);
  - (5) proċessi għall-valutazzjoni tal-kompetenza, inkluż il-valutazzjoni tas-suġġetti ta' taħriġ ta' aġġornament skont ATCO.D.080(b);
  - (6) proċessi għall-eżaminazzjoni tal-għarfien u l-fehim teoretiku meħtieġa biex jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet;
  - (7) proċessi biex jiġu identifikati t-temi u s-sottotemi, l-oġġettivi u l-metodi ta' taħriġ għat-taħriġ ta' kontinwazzjoni;
  - (8) il-perjodu minimu u l-frekwenza tat-taħriġ ta' aġġornament;
  - (9) proċessi għall-eżaminazzjoni tal-għarfien u/jew il-valutazzjoni tal-ħiliet prattiċi miksuba matul it-taħriġ ta' konverżjoni, inkluż il-marki biex wieħed jgħaddi mill-eżamijiet;
  - (10) proċessi f'każ ta' nuqqas ta' suċċess feżami jew valutazzjoni, inkluż il-proċessi ta' appell;
  - (11) il-kwalifiki, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal tat-taħriġ;
  - (12) il-proċedura biex jiġi żgurat li l-għalliema prattiċi jkollhom tekniki struzzjonali prattikati fil-proċeduri fejn hija intiża li ttipprovdi struzzjoni skont ATCO.C.010(b)(3) u ATCO.C.030(b)(3);
  - (13) proċeduri għad-dikjarazzjoni u l-ġestjoni tal-każijiet ta' inabbiltà provviżorja biex jiġu eżerċitati l-privileġġi ta' liċenzja, kif ukoll biex tiġi infurmata l-awtorità kompetenti skont ATCO.A.015(d);

- (14) identifikazzjoni tar-rekords li għandhom jinżammu speċifiċi għal taħriġ u valutazzjonijiet ta' kontinwazzjoni, skont ATCO.AR.B.015;
- (15) proċess u raġunijiet għar-reviżjoni u l-emenda tal-iskema ta' kompetenza tal-unità u s-sottomissjoni tagħha lill-awtorità kompetenti. Ir-reviżjoni tal-iskema ta' kompetenza tal-unità għandha ssir tal-anqas kull tliet snin.
- (b) Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (a)(3), il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandhom iżommu rekord tas-sigħat, matul liema, kull detentur ta' liċenzja jeżerċita l-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità tiegħu/tagħha li jaħdem fis-setturi, grupp ta' setturi u/jew pozzizzjonijiet ta' ħidma fl-unità ATC u għandu jipprovi dik id-dejta lill-awtoritajiet kompetenti u d-detentur tal-liċenzja fuq talba.
- (c) Meta jiġu stabbiliti l-proċeduri msemmija fil-punt (a)(4) u (13), il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jiżguraw li jiġu applikati mekkaniżmi biex jiġi ggarantit trattament ġust tad-detenturi tal-liċenzji fejn il-validità tal-approvazzjonijiet tagħhom ma tistax tiġi eskluża.

### ATCO.B.030 Approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika

- (a) Il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-istudenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ma għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzji tagħhom sakemm ma jkollhomx approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika fl-Ingliż u, jekk ikun applikabbli, fil-lingwa/lingwi imposti mill-Istat Membru għal raġunijiet ta' sikurezza fl-unità ATC kif ippubblikat fil-Pubblikazzjonijiet dwar l-Infurmazzjoni Ajrunawtika. L-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika għandha tinkludi l-lingwa/lingwi, il-livell(i) ta' kompetenza u d-data/dati ta' skadenza.
- (b) Il-livell ta' kompetenza lingwistika għandu jiġi determinat skont l-iskala ta' klassifikazzjoni ppreżentata fl-Appendiċi 1 tal-Anness I.
- (c) L-applikant għal kwalunkwe approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika għandu juri, skont l-iskala tal-klassifikazzjoni msemmija fil-punt (b), tal-anqas livell operattiv (livell erbgħa) tal-kompetenza lingwistika.

Biex jagħmel dan, l-applikant għandu:

- (1) jikkomunika b'mod effettiv f'sitwazzjonijiet ta' kuntatt orali biss (bit-telefon/bir-radjutelefonija) u f'sitwazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ;
  - (2) jikkomunika bi preċiżjoni u ċarezza dwar argumenti komuni, konkreti u relatati max-xogħol;
  - (3) juża strateġiji komunikattivi xierqa sabiex jiskambja messaġġi u biex jagħraf u jsołvi nuqqas ta' ftehim f'kuntest ġenerali jew relatat max-xogħol;
  - (4) jirnexxieli jindirizza, b'faċilità relattiva, id-diffikultajiet lingwistiċi li jinħolqu minn kumplikazzjoni jew żvilupp mhux mistenni ta' sitwazzjonijiet li jseħħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni tax-xogħol ta' rutina jew komputu ta' komunikazzjoni li normalment ikunu familjari miegħu; u
  - (5) juża djalett jew aċċent li jinftiehem mill-komunità ajrunawtika.
- (d) Minkejja l-punt (c), il-fornitur tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru jista' jitlob għal livell ogħla (livell ħamsa) tal-iskala ta' klassifikazzjoni tal-kompetenza lingwistika stipulata fl-Appendiċi 1 tal-Anness I fejn iċ-ċirkustanzi operattivi tal-klassifikazzjoni jew l-approvazzjoni partikolari jitolbu livell ogħla ta' kompetenza lingwistika għal raġunijiet imperattivi ta' sikurezza. Tali rekwiżit għandu jkun nondiskriminatorju, proporzjonat, trasparenti u ġġustifikat b'mod oġġettiv mill-fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru li jkun jixtieq japplika l-livell ogħla ta' kompetenza u għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.
- (e) Il-kompetenza lingwistika għandha tintwera b'ċertifikat li jafferma r-risultat tal-valutazzjoni.

### ATCO.B.035 Validità tal-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika

- (a) Il-validità tal-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika, skont il-livell determinat skont l-Appendiċi 1 tal-Anness I, għandha tkun:
- (1) għal livell operattiv (livell erbgħa), tliet snin mid-data ta' valutazzjoni; jew
  - (2) għal livell estiż (livell ħamsa), sitt snin mid-data ta' valutazzjoni;

- (3) għal livell espert (livell sitta):
- (i) disa' snin mid-data ta' valutazzjoni, għall-Ingliż;
  - (ii) bla limitu, għal kwalunkwe lingwa/lingwi oħra msemmija f'ATCO.B.030(a).
- (b) Il-perjodu ta' validità tal-approvazzjonijiet tal-kompetenza lingwistika għall-ħruġ inizjali u t-tiġdid ma għandux jibda aktar tard minn 30 jum mid-data meta tkun tlestiet il-valutazzjoni tal-kompetenza lingwistika.
- (c) L-approvazzjonijiet tal-kompetenza lingwistika għandhom jiġu rivalidati wara t-tlestija b'suċċess tal-valutazzjoni tal-kompetenza lingwistika li sseħħ fi żmien tliet xhur eżattament qabel id-data ta' skadenza tagħhom. F'tali każijiet il-perjodu ta' validità ġdid, għandu jibda jgħodd minn dik id-data ta' skadenza.
- (d) Jekk l-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika tiġi rivalidata qabel il-perjodu previst fil-punt (c), il-perjodu ta' validità tagħha ma għandux jibda aktar tard mit-30 jum mid-data li fiha tkun tlestiet b'suċċess il-valutazzjoni tal-kompetenza lingwistika.
- (e) Meta l-validità ta' approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika tiskadi, id-detentur tal-liċenzja għandu jlesti b'suċċess valutazzjoni tal-kompetenza lingwistika sabiex ikollu l-approvazzjoni tiegħu/tagħha mġedda.

#### **ATCO.B.040 Valutazzjoni tal-kompetenza lingwistika**

- (a) It-turija ta' kompetenza lingwistika għandha ssir permezz ta' metodu ta' valutazzjoni approvat mill-awtorità kompetenti, li għandu jinkludi:
- (1) il-proċess li permezz tiegħu ssir valutazzjoni;
  - (2) il-kwalifika tal-assessuri;
  - (3) il-proċedura tal-appelli.
- (b) Il-korpi ta' valutazzjoni lingwistika għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti skont ATCO.ARA.010.

#### **ATCO.B.045 Taħriġ tal-lingwa**

- (a) Il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni taħriġ fil-lingwa biex iżommu l-livell meħtieġ ta' kompetenza lingwistika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru lil:
- (1) detenturi ta' approvazzjoni ta' kompetenza lingwistika fil-livell operattiv (livell erbgħa);
  - (2) detenturi tal-liċenzja mingħajr l-opportunità li japplikaw il-ħiliet tagħhom fuq bażi regolari sabiex iżommu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom.
- (b) It-taħriġ fil-lingwa jista' wkoll jitqiegħed għad-dispożizzjoni fil-forma ta' taħriġ kontinwu.

### SOTTOPARTI C

#### **REKWIŻITI GĦALL-GĦALLIEMA U L-ASSESSURI**

##### SEZZJONI 1

##### **Għalliema**

#### **ATCO.C.001 Għalliema teoretiċi**

- (a) Taħriġ teoretiku għandu jsir biss minn għalliema kkwalifikati b'mod xieraq.
- (b) Għalliem teoretiku huwa kkwalifikat b'mod xieraq jekk:
- (1) ikollu liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru u/jew ikollu kwalifika professjonali xierqa għas-suġġett li jkun qed jgħalliem u/jew ikun wera għarfien u esperjenza xierqa lill-organizzazzjoni tat-taħriġ;
  - (2) ikun wera ħiliet fl-istruzzjoni lill-organizzazzjoni tat-taħriġ.

**ATCO.C.005 Għalliema prattiċi**

Persuna għandha twestaq biss taħriġ prattiku meta jkollha liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru b'approvazzjoni ta' għalliem tat-taħriġ fuq il-post (OJTI) jew approvazzjoni ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku (STDI).

**ATCO.C.010 Privileġġi tal-għalliem ta' taħriġ fuq il-post (OJTI)**

- (a) Id-detenturi ta' approvazzjoni OJTI huma awtorizzati biex jipprovdu taħriġ u superviżjoni prattika fuq pożizzjonijiet ta' ħidma operattivi li għandhom approvazzjoni tal-unità valida għalihom fuq tagħmir ta' taħriġ sintetiku fil-klassifikazzjonijiet li għandhom.
- (b) Detenturi ta' approvazzjoni OJTI għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni jekk:
  - (1) ikunu eżerċitaw għal tal-anqas sentejn il-privileġġi tal-klassifikazzjoni li sejrjn jgħallmu fiha;
  - (2) ikunu eżerċitaw għal perjodu eżattament qabel ta' mill-anqas sitt xhur il-privileġġ tal-approvazzjoni tal-unità valida, fejn sejra tingħata struzzjoni;
  - (3) ikunu pprattikaw ħilet struzzjonali f'dawk il-proċeduri fejn għandhom l-intenzjoni li jipprovdu struzzjoni.
- (c) Il-perjodu ta' sentejn imsemmi fil-punt (b)(1) jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ.

**ATCO.C.015 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem għal taħriġ fuq ix-xogħol**

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni OJTI għandu:

- (a) ikollhom liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru b'approvazzjoni tal-unità valida;
- (b) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru għal perjodu ta' mill-anqas sentejn immedjament wara l-applikazzjoni. Dan il-perjodu jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ; u
- (c) matul is-sena li tiġi qabel l-applikazzjoni, ikunu temmew b'suċċess kors ta' tekniki ta' struzzjoni prattika matul liema jiġu mgħallma l-għarfien u l-ħilet pedagoġiċi u dawn ikunu ġew ivalutati b'mod xieraq.

**ATCO.C.020 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem għal taħriġ fuq ix-xogħol**

- (a) L-approvazzjoni ta' għalliem OJTI għandha tkun valida għal perjodu ta' tliet snin.
- (b) L-approvazzjoni OJTI tista' tiġi rivalidata bit-tlestija b'suċċess tat-taħriġ ta' aġġornament fuq il-ħilet ta' struzzjoni prattika matul il-perjodu ta' validità tagħha, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' ATCO.C.015(a) u (b).
- (c) Jekk l-approvazzjoni OJTI tkun skadjet, tista' tiġġedded billi:
  - (1) jingħata taħriġ ta' aġġornament fuq ħilet ta' struzzjoni prattika; u
  - (2) wieħed jgħaddi b'suċċess minn valutazzjoni prattika tal-kompetenzi tal-għalliem fis-sena qabel l-applikazzjoni għal tiġdid, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' ATCO.C.015(a) u (b).
- (d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u t-tiġdid tal-perjodu ta' validità, l-approvazzjoni OJTI ma għandhiex tibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha, il-valutazzjoni tkun tlestiet b'suċċess.
- (e) Jekk ir-rekwiżiti ta' ATCO.C.015(a) u (b) ma jiġux issodisfati, l-approvazzjoni OJTI tista' tiġi skambjata għal approvazzjoni STDI, sakemm tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti ta' ATCO.C.040(b) u (c).

**ATCO.C.025 Awtorizzazzjoni OJTI temporanja**

- (a) Meta ma tkunx possibbli konformità mar-rekwiżiti previsti f'ATCO.C.010(b)(2), l-awtorità kompetenti tista' tagħti awtorizzazzjoni OJTI temporanja abbażi ta' analiżi tas-sikurezza ppreżentata mill-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru.

- (b) L-awtorizzazzjoni OJTI temporanja msemmija fil-punt (a) tista' tinħareġ lid-detenturi ta' approvazzjoni OJTI valida maħruġa skont ATCO.C.015.
- (c) L-awtorizzazzjoni OJTI temporanja msemmija fil-punt (a) għandha tkun limitata għall-istruzzjoni meħtieġa biex tkopri sitwazzjonijiet eċċezzjonali u l-validità tagħha ma għandhiex taqbeż sena jew l-iskadenza tal-validità tal-approvazzjoni OJTI maħruġa skont ATCO.C.015, skont liema tiġi qabel.

#### **ATCO.C.030 Privileġġi ta' għalliema ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku (STDI)**

- (a) Id-detenturi ta' approvazzjoni STDI huma awtorizzati biex jipprovdu taħriġ Prattiku fuq tagħmir ta' taħriġ sintetiku:

- (1) għal individwi ta' natura Prattika matul it-taħriġ inizjali;
- (2) għal taħriġ tal-unità minbarra l-OJT; u
- (3) għal taħriġ kontinwu.

Fejn l-STDI jipprovdi pre-OJT, huwa/hija għandha/għandu jkollu/jkollha l-approvazzjoni tal-unità rilevanti.

- (b) Id-detenturi ta' approvazzjoni STDI għandhom jeżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni jekk ikollhom:

- (1) tal-anqas sentejn esperjenza fil-klassifikazzjoni li se jrin jgħallmu fiha;
- (2) juru għarfien tal-Prattiki Operattivi Attwali;
- (3) ikunu pprattikaw tekniki ta' taħlim f'dawk il-proċeduri li dwarhom ikun se jingħata t-taħlim.

- (c) Minkejja punt (b)(1)

- (1) għall-finijiet ta' taħriġ bażiku, kwalunkwe klassifikazzjoni hija xierqa;
- (2) għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tat-taħriġ, jista' jiġi pprovdut taħriġ għal kompiti operattivi speċifiċi u magħżula minn STDI li jkollu klassifikazzjoni li hija rilevanti għal kompitu operattiv speċifiku u magħżul.

#### **ATCO.C.035 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku**

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni STDI għandhom:

- (a) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru fi kwalunkwe klassifikazzjoni għal tal-anqas sentejn; u
- (b) matul is-sena li tiġi qabel l-applikazzjoni, ikunu temmew b'suċċess kors ta' tekniki ta' struzzjoni Prattika li matulu jiġu mgħallma l-għarfien u l-ħiliet pedagoġiċi permezz ta' metodi teoretiċi u Prattiċi u jkunu ġew ivalutati b'mod xieraq.

#### **ATCO.C.040 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku**

- (a) L-approvazzjoni ta' STDI għandha tkun valida għal perjodu ta' tliet snin.
- (b) L-approvazzjoni ta' STDI tista' tiġi rivalidata billi jitlesta b'suċċess taħriġ ta' approvazzjoni fuq ħiliet struzzjonali u fuq Prattiki Operattivi Attwali matul il-perjodu ta' validità tagħha.
- (c) Jekk l-approvazzjoni ta' STDI tkun skadjet, tista' tiġġedded billi:
  - (1) jingħata taħriġ ta' aġġornament fuq ħiliet ta' struzzjoni Prattika u fuq Prattiki Operattivi Attwali; u
  - (2) wieħed jgħaddi b'suċċess minn valutazzjoni Prattika tal-kompetenzi tal-għalliem fis-sena qabel l-applikazzjoni għal tiġdid.
- (d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u t-tiġdid tal-perjodu ta' validità, l-approvazzjoni ta' STDI ma għandhiex tibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha tlestiet b'suċċess il-valutazzjoni.

## SEZZJONI 2

**Assessuri****ATCO.C.045 Privileġġi tal-assessuri**

- (a) Persuna għandha twestaq biss valutazzjonijiet meta jkollha approvazzjoni ta' assessur.
- (b) Id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur huma awtorizzati biex iwettqu valutazzjonijiet:
- (1) matul it-taħriġ inizjali għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni u/jew approvazzjoni ta' klassifikazzjoni ġdida, jekk ikun applikabbli;
  - (2) tal-kompetenza preċedenti għall-finijiet ta' ATCO.B.001(d) u ATCO.B.010(b);
  - (3) ta' studenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għall-ħruġ ta' approvazzjoni tal-unità u approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni, jekk ikun applikabbli;
  - (4) kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għall-ħruġ ta' approvazzjoni tal-unità u l-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni, jekk ikun applikabbli, kif ukoll ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid ta' approvazzjoni tal-unità;
  - (5) tal-għalliema prattiċi tal-applikant jew l-assessuri tal-applikant meta tkun żgurata konformità mar-rekwiżiti tal-punt (d)(2) sa (4).
- (c) Id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni jekk ikollhom:
- (1) tal-anqas esperjenza ta' sentejn fil-klassifikazzjoni u l-approvazzjoni(jiet) ta' klassifikazzjoni li sejrjn jivvalutaw fihom; u
  - (2) juru għarfien tal-prattiki operattivi attwali.
- (d) Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (c), id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni:
- (1) għal valutazzjonijiet li jwasslu għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid ta' approvazzjoni tal-unità, jekk ikollhom ukoll l-approvazzjoni tal-unità assoċjata mal-valutazzjoni għall-perjodu eżattament qabel ta' mill-inqas sena;
  - (2) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ jew it-tiġdid ta' approvazzjoni ta' STDI, jekk ikollhom approvazzjoni ta' STDI jew OJTI u jkunu eżerċitaw il-privileġġi ta' dik l-approvazzjoni għal tal-anqas tliet snin;
  - (3) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ jew it-tiġdid ta' approvazzjoni ta' OJTI, jekk ikollhom approvazzjoni ta' OJTI u jkunu eżerċitaw il-privileġġi ta' dik l-approvazzjoni għal tal-anqas tliet snin;
  - (4) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ jew it-tiġdid ta' approvazzjoni ta' assessur, jekk ikunu eżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni tal-assessur għal tal-anqas tliet snin;
- (e) Meta ssir valutazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ u tiġdid ta' approvazzjoni ta' unita, u għall-iżgurar tas-superviżjoni fuq il-pożizzjoni ta' ħidma operattiva, l-assessur għandu jkollu wkoll approvazzjoni OJTI, jew għandu jkun preżenti OJTI li jkollu approvazzjoni tal-unità valida assoċjata mal-valutazzjoni.

**ATCO.C.050 Interessi personali**

L-assessuri ma għandhomx iwettqu valutazzjoni, kull meta l-objettività tagħhom jaf tkun affettwata.

**ATCO.C.055 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' assessur**

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom:

- (a) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru għal tal-anqas sentejn; u
- (b) matul is-sena li tiġi qabel l-applikazzjoni, ikunu lestew b'suċċess kors ta' assessur matul liema jiġu mgħallma l-għarfien u l-ħiliet pedagoġiċi permezz ta' metodi teoretiċi u prattiċi u jkunu ġew ivvalutati b'mod xieraq.

**ATCO.C.060 Validità tal-approvazzjoni tal-assessur**

- (a) L-approvazzjoni ta' assessur għandha tkun valida għal perjodu ta' tliet snin.
- (b) L-approvazzjoni ta' assessur tista' tiġi rivalidata billi jitlestha b'suċċess taħriġ ta' approvazzjoni fuq ħiliet ta' valutazzjoni u fuq prattiki operattivi attwali matul il-perjodu ta' validità tagħha.
- (c) Jekk l-approvazzjoni ta' valutazzjoni tkun skadiet, tista' tiġġedded billi:
  - (1) jingħata taħriġ ta' aġġornament fuq ħiliet ta' valutazzjoni u fuq prattiki operattivi; u
  - (2) wieħed jgħaddi b'suċċess minn valutazzjoni ta' kompetenza ta' assessur fis-sena qabel l-applikazzjoni għal tiġdid.
- (d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u t-tiġdid tal-perjodu ta' validità, l-approvazzjoni ta' assessur ma għandhiex tibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha l-valutazzjoni tkun tlestiet b'suċċess.

**ATCO.C.065 Awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju**

- (a) Meta r-rekwiżit previst f'ATCO.C.045 (d)(1) ma jkunx jista' jiġi ssodisfat, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lid-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur maħruġa skont ATCO.C.055 biex iwettqu l-valutazzjoni msemmija f'ATCO.C.045(b)(3) u (4) biex ikopru sitwazzjonijiet eċċezzjonali jew tiġi żgurata l-indipendenza tal-valutazzjoni, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (b) u (c).
- (b) Għall-finijiet li jiġu koperti sitwazzjonijiet eċċezzjonali, id-detentur tal-approvazzjoni ta' assessur għandu jkollu approvazzjoni tal-unità bil-klassifikazzjoni assoċjata u, jekk ikun applikabbli, l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, rilevanti għall-valutazzjoni għall-perjodu eżattament qabel ta' mill-inqas sena. L-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-valutazzjonijiet meħtieġa biex ikopru sitwazzjonijiet eċċezzjonali u ma għandhiex tkun ta' aktar minn sena jew mill-validità tal-approvazzjoni tal-assessur maħruġa skont ATCO.C.055, skont liema tiġi qabel.
- (c) Għall-finijiet li tiġi żgurata l-indipendenza tal-valutazzjoni għal raġunijiet ta' natura rikorrenti, id-detentur tal-approvazzjoni ta' assessur għandu jkollu approvazzjoni tal-unità bil-klassifikazzjoni assoċjata u, jekk ikun applikabbli, l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, rilevanti għall-valutazzjoni għal perjodu eżattament qabel ta' mill-inqas sena. Il-validità tal-awtorizzazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-awtorità kompetenti iżda ma għandhiex taqbeż il-validità tal-approvazzjoni tal-assessur maħruġa skont ATCO.C.055.
- (d) Għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju għar-raġunijiet imsemmija fil-punti (b) u (c), l-awtorità kompetenti tista' titlob li tiġi ppreżentata analiżi tas-sikurezza mill-fornitur tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru.

## SOTTOPARTI D

**KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU**

## SEZZJONI 1

**Rekwiżiti Ġenerali****ATCO.D.001 Obiettivi ta' taħriġ ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru**

It-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għandu jkopri l-korsijiet teoretiċi kollha, l-eżerċizzji prattiċi, inkluż is-simulazzjoni, u t-taħriġ fuq ix-xogħol meħtieġ sabiex jinkisbu u jinżammu l-ħiliet biex jingħataw servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru siguri, b'ordni u fil-pront.

**ATCO.D.005 Tipi ta' taħriġ ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru**

- (a) It-taħriġ tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandu jikkonsisti mit-tipi li ġejjin:
  - (1) it-taħriġ inizjali, li jwassal għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni addizzjonali u, jekk ikun applikabbli, l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, li tippovdi:
    - (i) 'taħriġ bażiku': taħriġ teoretiku u prattiku maħsub biex jagħti l-għarfien fundamentali u ħiliet prattiċi relatati mal-proċeduri operattivi bażiċi;
    - (i) 'taħriġ ta' klassifikazzjoni': taħriġ teoretiku u prattiku maħsub biex jagħti l-għarfien fundamentali u ħiliet prattiċi relatati għal klassifikazzjoni speċifika u, jekk ikun applikabbli, għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni;

- (2) taħriġ tal-unità, li jwassal għall-ħruġ ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, il-ħruġ ta' approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, il-validazzjoni tal-klassifikazzjoni(jiet) jew l-approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni u/jew il-ħruġ jew it-tiġdid ta' approvazzjoni tal-unità. Dan jinkludi l-fażijiet li ġejjin:
- (i) fażi ta' taħriġ tranżitorju, imfassla primarjament biex twassal l-għarfien u l-fehim ta' proċeduri operattivi speċifiċi għas-sit u aspetti speċifiċi għall-kompitu; u
  - (ii) fażi ta' taħriġ fuq ix-xogħol, li hija l-fażi finali tat-taħriġ tal-unità li matulha, rutini u ħiliet relatati mal-impjeg miksuba huma integrati fil-prattika taħt is-supervizzjoni ta' għalliem ta' taħriġ fuq ix-xogħol ikkwalfikat f'sitwazzjoni ta' traffiku dak il-ħin stess.
  - (iii) Minbarra l-punti (i) u (ii), għal approvazzjoni(jiet) li jeħtieġu l-immaniġġjar ta' sitwazzjoni tat-traffiku kumplessi u densi, hija meħtieġa fażi ta' taħriġ minn qabel fuq ix-xogħol biex jissaħħu r-rutini ta' klassifikazzjoni miksuba qabel u biex ikun hemm preparazzjoni għal sitwazzjoni tat-traffiku dak il-ħin stess li wieħed jista' jiltaqa' magħhom f'dik l-unità.
- (3) taħriġ ta' kontinwazzjoni, imfassal biex iżomm il-validità tal-approvazzjonijiet tal-liċenzja, li jikkonsisti minn:
- (i) taħriġ ta' aġġornament;
  - (ii) taħriġ ta' konverżjoni, fejn ikun rilevanti.
- (b) Minbarra t-tipi ta' taħriġ imsemmija fil-punt (a), il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jistgħu jwettqu t-tipi li ġejjin:
- (1) taħriġ għal għalliema prattiċi, li jwassal għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' approvazzjoni ta' OJTI jew STD;
  - (2) taħriġ ta' assessor, li jwassal għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' approvazzjoni ta' assessor.

## SEZZJONI 2

**Rekwiżiti ta' taħriġ inizjali****ATCO.D.010 Kompożizzjoni tat-taħriġ inizjali**

- (a) Taħriġ inizjali, maħsub għal applikant għal liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni addizzjonali u/jew, jekk ikun applikabbli, approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, għandu jikkonsisti minn:
- (1) taħriġ bażiku, li jinkludi s-suġġett, it-temi u s-sottotemi kollha li huma inklużi fl-Appendiċi 2 tal-Anness I; u
  - (2) taħriġ tal-klassifikazzjoni, li jinkludi s-suġġetti, it-temi u s-sottotemi ta' mill-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:
    - (i) Klassifikazzjoni Viżwali ta' Kontroll tal-Ajrudrom — ADV, definita fl-Appendiċi 3 tal-Anness I;
    - (ii) Klassifikazzjoni bl-Istrumenti ta' Kontroll tal-Ajrudrom għat-Torri — ADI (TWR), definita fl-Appendiċi 4 tal-Anness I;
    - (iii) Klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Approċċ Proċedurali — APP, definit fl-Appendiċi 5 tal-Anness I;
    - (iv) Klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali — ACP, definita fl-Appendiċi 6 tal-Anness I;
    - (v) Klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll tal-Approċċ — APS, definita fl-Appendiċi 7 tal-Anness I;
    - (vi) Klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll taż-Żona — ACS, definita fl-Appendiċi 8 tal-Anness I.
- (b) It-taħriġ maħsub għal klassifikazzjoni addizzjonali għandu jikkonsisti mis-suġġetti, it-temi u s-sottotemi applikabbli għal tal-anqas waħda mill-klassifikazzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(2).

- (c) It-taħriġ maħsub għall-attivazzjoni mill-ġdid ta' klassifikazzjoni wara valutazzjoni bla suċċess ta' kompetenza preċedenti skont ATCO.B.010(b) għandu jifassal skont ir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni.
- (d) It-taħriġ maħsub għal approvazzjoni tal-klassifikazzjoni oħra minbarra ATCO.B.015(a)(3) għandu jikkonsisti minn suġġetti, temi u sottotemi żviluppati mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u approvati bħala parti minn kors tat-taħriġ.
- (e) It-taħriġ bażiku u/jew tal-klassifikazzjoni jista' jiġi kkumplimentat b'suġġetti, temi u sottotemi li huma addizzjonali jew speċifiċi għall-Blokk tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali (FAB) jew għall-ambjent nazzjonali.

#### **ATCO.D.015 Pjan ta' taħriġ inizjali**

Għandu jiġi stabbilit pjan ta' taħriġ inizjali mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u approvat mill-awtorità kompetenti. Dan għandu jkun fih tal-anqas:

- (a) il-kompożizzjoni tal-kors ta' taħriġ inizjali pprovdut skont ATCO.D.010;
- (b) l-istruttura tat-taħriġ inizjali pprovdut skont ATCO.D.020(b);
- (c) il-proċess għat-tmexxija tal-kors(ijiet) ta' taħriġ inizjali;
- (d) il-metodi ta' taħriġ;
- (e) il-perjodu minimu u massimu inizjali tal-kors(ijiet) ta' taħriġ;
- (f) fir-rigward ta' ATCO.D.010(b), il-proċess għall-adattament tal-kors(ijiet) ta' taħriġ inizjali biex jitqies b'mod xieraq kors ta' taħriġ bażiku li jitlestha b'suċċess;
- (g) il-proċessi għall-eżamijiet u l-valutazzjonijiet skont ATCO.D.025 u ATCO.D.035, kif ukoll l-oġettivi ta' prestazzjoni skont ATCO.D.030 u ATCO.D.040;
- (h) il-kwalifiki, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal tat-taħriġ;
- (i) il-proċess għat-terminazzjoni bikrija tat-taħriġ;
- (j) il-proċess ta' appell;
- (k) l-identifikazzjoni tar-rekords li għandhom jinżammu speċifiċi għat-taħriġ inizjali;
- (l) il-proċess u r-raġunijiet għar-reviżjoni u l-emenda tal-pjan ta' taħriġ inizjali u s-sottomissjoni tiegħu lill-awtorità kompetenti. Ir-reviżjoni tal-pjan ta' taħriġ inizjali għandha ssir tal-anqas darba kull tliet snin.

#### **ATCO.D.020 Korsijiet ta' taħriġ bażiku u ta' klassifikazzjoni**

- (a) It-taħriġ bażiku u ta' klassifikazzjoni għandu jiġi pprovdut bħala kors separat jew integrat.
- (b) Għandhom jiġu żviluppati korsijiet ta' taħriġ bażiku u ta' klassifikazzjoni jew kors ta' taħriġ inizjali integrat li għandhom jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ u approvati mill-awtorità kompetenti.
- (c) Meta t-taħriġ inizjali jiġi pprovdut bħala kors integrat, għandha ssir distinzjoni ċara bejn l-eżamijiet u l-valutazzjonijiet għal:
  - (1) taħriġ bażiku; u
  - (2) kull taħriġ tal-klassifikazzjoni.
- (d) It-tlestija b'suċċess tat-taħriġ inizjali, jew tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni addizzjonali, għandha tintwera permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-organizzazzjoni tat-taħriġ.
- (e) It-tlestija b'suċċess tat-taħriġ bażiku għandha tintwera permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-organizzazzjoni tat-taħriġ fuq talba mill-applikant.

**ATCO.D.025 Eżamijiet u valutazzjoni ta' taħriġ bażiku**

- (a) Il-korsijiet ta' taħriġ bażiku għandhom jinkludu eżami(jiet) u valutazzjoni(jiet) teoretiċi.
- (b) Għandu jingħata pass feżami(jiet) teoretiċi lil applikant li jilħaq minimu ta' 75 % tal-marki allokatu għal dak l-eżami.
- (c) Għandhom jitwettqu valutazzjoni(jiet) ta' objettivi ta' prestazzjoni kif elenkat f'ATCO.D.030 fuq ħarrieġ ta' parti mill-kompitu jew simulatur.
- (d) Għandu jingħata pass fil-valutazzjoni(jiet) lil applikant li konsistentement juri l-prestazzjoni meħtieġa kif elenkat f'ATCO.D.030 u juri l-imġiba meħtieġa għal operazzjonijiet siguri fis-servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru.

**ATCO.D.030 Objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ bażiku**

Il-valutazzjoni(jiet) għandhom jinkludu l-evalwazzjoni tal-objettivi ta' prestazzjoni li ġejjin:

- (a) l-ivverifikar u l-użu tat-tagħmir ta' pożizzjoni tal-ħidma;
- (b) l-iżvilupp u ż-żamma ta' għarfien tas-sitwazzjoni billi jiġi ssorveljat it-traffiku u l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru meta jkun applikabbli;
- (c) is-sorveljanza u l-aġġornament tad-displej(s) tad-dejta tat-titjira;
- (d) iż-żamma ta' sorveljanza bi smiegħ kontinwu fuq il-frekwenza x-xierqa;
- (e) il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, struzzjonijiet u informazzjoni xierqa għat-traffiku;
- (f) l-użu ta' frażjoloġija xierqa;
  - (2) il-konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli u l-kundizzjonijiet marbuta maċ-ċertifikati tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, kif ukoll ir-rekwiżiti applikabbli għall-korsijiet, il-pjanijiet u l-iskemi ta' taħriġ li approvat u r-rekwiżiti applikabbli għall-persunal;
  - (3) l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sikurezza xierqa imposti mill-awtorità kompetenti kif iddefinit fil-punti ATCO.AR.A.025(c) u (d).
- (b) Din il-verifika għandha:
- (1) tkun appoġġata minn dokumentazzjoni li tkun maħsuba speċifikament biex tipprovdi gwida lill-persunal responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu;
  - (2) tipprovdi lill-persuni u lill-organizzazzjonijiet ikkonċernati bir-riżultati tal-attività tas-sorveljanza tas-sikurezza;
  - (3) tkun ibbażata fuq verifiki u spezzjonijiet, inkluż, kif xieraq, spezzjonijiet li ma jkunux avżati minn qabel; u
  - (4) tipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-evidenza meħtieġa fkaż li tkun meħtieġa aktar azzjoni, inklużi l-miżuri previsti fil-punti ATCO.AR.C.010 u ATCO.ARE.015.
- (c) Il-kamp ta' applikazzjoni tas-sorveljanza għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-iskop tar-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza preċedenti u l-prijoritajiet ta' sikurezza.
- (d) Mingħajr ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri, il-kamp ta' applikazzjoni u r-riżultati tas-sorveljanza tal-attivitajiet imwettqin fit-territorju ta' Stat Membru minn persuni jew organizzazzjonijiet li huma stabbiliti jew li joqogħdu fi Stat Membru ieħor għandu jiġi stabbilit abbażi tal-prijoritajiet tas-sikurezza, kif ukoll tal-attivitajiet ta' sorveljanza tal-imgħoddi.
- (e) Fejn l-attività ta' persuna jew organizzazzjoni tinvolti aktar minn Stat Membru wieħed, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza skont il-punti (a) sa (c) tista' taqbel ma' arranġamenti ta' sorveljanza alternattivi speċifiċi mal-awtorità/awtoritajiet kompetenti oħra/jn. Kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li tkun ikkonċernata minn ftehim bħal dan għandha tiġi infurmata dwar l-eżistenza u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

##### ATCO.AR.C.005 Programm ta' superviżjoni

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm programm ta' superviżjoni li jkopri l-attivitajiet ta' superviżjoni meħtieġa skont ATCO.AR.C.001.
- (b) Għall-organizzazzjonijiet iċċertifikati mill-awtorità kompetenti, il-programm ta' superviżjoni għandu jiġi żviluppat billi jitqiesu n-natura speċifika tal-organizzazzjoni, il-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, ir-riżultati ta' attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u/jew superviżjoni fil-passat. F'kull ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza, dan għandu jinkludi:
- (1) verifiki u spezzjonijiet, jekk ikun meħtieġ, inklużi spezzjonijiet mhux avżati minn qabel, kif ikun xieraq; u

- (2) laqgħat bejn il-maniġment tal-organizzazzjoni tat-taħriġ u l-awtorità kompetenti biex ikun żgurat li t-tnejn jibqgħu infurmati dwar kwistjonijiet sinifikanti.
- (c) Għall-organizzazzjonijiet iċċertifikati mill-awtorità kompetenti, għandu jiġi applikat ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza li ma jaqbiżx l-24 xahar.
- Iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jitqassar jekk ikun hemm evidenza li l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-organizzazzjoni tkun naqset.
- Iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jiġi estiż għal massimu ta' 36 xahar, jekk l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet li matul l-24 xahar ta' qabel:
- (1) l-organizzazzjoni tkun uriet identifikazzjoni effettiva tal-perikli marbutin mas-sikurezza tal-avjazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji assoċjati; u
  - (2) l-organizzazzjoni tkun uriet, b'mod kontinwu, skont il-punt ATCO.OR.B.015, li hija għandha kontroll sħiħ fuq il-bidliet kollha; u
  - (3) ma jkunu ġew stabbiliti l-ebda sejbiet tal-livell 1; u
  - (4) l-azzjonijiet korrettivi kollha jkunu ġew implimentati fil-perjodu taż-żmien aċċettat jew estiż mill-awtorità kompetenti kif iddefinit fil-punt ATCO.AR.E.015.
- Iċ-ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza jista' jiġi estiż għal massimu ta' 48 xahar jekk, minbarra dan t'hawn fuq, l-organizzazzjoni tkun stabbiliet sistema effettiva ta' rappurtar kontinwu lill-awtorità kompetenti dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza u l-konformità regolatorja tal-organizzazzjoni nfisha, u l-awtorità kompetenti tkun approvat din is-sistema.
- (d) Il-programm ta' sorveljanza għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandu jinkludi s-sorveljanza tal-istandards tal-kors, inkluż it-tehdid ta' kampjuni ta' tat-taħriġ imwassal, jekk ikun xieraq.
- (e) Għall-persuni li jkollhom liċenzja, klassifikazzjoni jew approvazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti, il-programm ta' sorveljanza għandu jinkludi spezzjonijiet, inklużi spezzjonijiet mingħajr avviż minn qabel, jekk ikun xieraq.

#### **ATCO.AR.C.010 Sejbiet u miżuri ta' infurzar għall-persunal**

- (a) Jekk, waqt superviżjoni jew b'mezzi oħra, tinstab evidenza mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni skont ATCO.AR.C.001 li turi nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli minn persuna li jkollha liċenzja maħruġa skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi s-sejba, tirreġistraha u tinnotifikaha bil-miktub lid-detentur tal-liċenzja, kif ukoll tikkomunika s-sejba lill-organizzazzjoni li timpjegah, jekk ikun applikabbli.
- (b) Meta l-awtorità kompetenti li tkun għamlet is-sejba hija l-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzja:
- (1) tista' tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja, il-klassifikazzjoni jew l-approvazzjoni, kif ikun applikabbli, meta tkun ġiet identifikata kwistjoni ta' sikurezza; u
  - (2) għandha tiegħu kwalunkwe miżura ta' infurzar oħra meħtieġa biex tkun evitata t-tkomplija tan-nuqqas ta' konformità.
- (c) Meta l-awtorità kompetenti li tkun għamlet is-sejba hija l-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzja, għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li ħarġet il-liċenzja. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti li ħarġet il-liċenzja għandha tiegħu azzjoni skont punt (b) u tinforma lill-awtorità kompetenti li għamlet is-sejba.

#### SOTTOPARTI D

#### **ĦRUĠ, RIVALIDAZZJONI, TIĠDID, SOSPENSJONI U REVOKA TA' LIĊENZJI KLASSIFIKAZZJONIJET U APPROVAZZJONIJET**

#### **ATCO.AR.D.001 Proċedura għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet**

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri għall-applikazzjoni, il-ħruġ u l-iskambju ta' liċenzji u approvazzjonijiet, kif ukoll ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid tal-approvazzjonijiet. Dawn il-proċeduri jistgħu jinkludu:
- (1) il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' OJT temporanju u awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju; u
  - (2) jekk ikun applikabbli, l-awtorizzazzjoni għall-assessuri għar-rivalidazzjoni u t-tiġdid ta' approvazzjonijiet tal-unitajiet, fliema każ l-assessuri għandhom jissottomettu r-rekords, ir-rapporti u kull informazzjoni oħra lill-awtorità kompetenti kif iddefinit ftali proċeduri.

- (b) Kif tirċievi applikazzjoni u, jekk ikun rilevanti, kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-kompletezza tal-applikazzjoni u jekk l-applikant jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I.
- (c) Jekk l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ, tirrivalida jew iġġedded, fejn ikun xieraq, il-liċenzja, il-klassifikazzjoni(jiet) u l-approvazzjoni(jiet) rilevanti permezz ta' format għal-liċenzji stabbilit fl-Appendiċi 1 tal-Anness II. L-awtorizzazzjoni ta' OJT temporanju msemmija f'ATCO.C.025 u l-awtorizzazzjoni ta' assessur temporanju msemmija f'ATCO.C.065 għandhom jinħarġu bħala dokument separat fejn il-privileġġi tad-detentur kif ukoll il-validità tal-awtorizzazzjoni għandhom jiġu speċifikati.
- (d) Għall-finijiet li jitnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi proċeduri biex tiġi stabbilita dejta unika ta' validità għal diversi approvazzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, il-perjodi ta' validità tal-approvazzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu estenzi.
- (e) L-awtorità kompetenti għandha tissostitwixxi l-liċenzja tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jekk dan ikun meħtieġ għal raġunijiet amministrattivi u meta jitlestha l-punt (XIIa) tal-liċenzja u ma jifdal ebda spazju. Id-data tal-ewwel ħruġ ta' klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet ta' klassifikazzjonijiet għandha tiġi ttrasferita għal-liċenzja l-għdida.

#### **ATCO.AR.D.005 Revoka u sospensjoni ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet**

- (a) Għall-fini ta' ATCO.A.020, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri amministrattivi għas-sospensjoni u r-revoka tal-liċenzji, il-klassifikazzjoni u l-approvazzjonijiet.
- (b) L-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-liċenzji fil-każ li l-inabbiltà provviżorja ma tiġix itterminata skont il-proċeduri msemmija f'ATCO.A.015(e).
- (c) L-awtorità kompetenti għandha tissospendi jew tirrevoka liċenzja, klassifikazzjoni jew approvazzjoni skont ATCO.AR.C.010 b'mod partikolari, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:
  - (1) l-eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzja meta d-detentur tal-liċenzja ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament;
  - (2) il-kisba ta' liċenzja, klassifikazzjoni, approvazzjoni jew ċertifikat ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew kontrollur tat-traffiku tal-ajru b'falsifikazzjoni tal-evidenza dokumentarja sottomessa;
  - (3) il-falsifikazzjoni tal-liċenzja jew ir-rekords taċ-ċertifikat;
  - (4) l-eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzja, il-klassifikazzjoni(jiet) jew l-approvazzjoni(jiet) taħt l-inflwenza ta' sustanzi psikoattivi.
- (d) F'każijiet ta' sospensjoni jew revoka tal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet jew l-approvazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lid-detentur tal-liċenzja bil-miktub dwar din id-deċiżjoni u dwar id-dritt tagħhom ta' appell skont il-proċeduri stabbiliti f'ATCO.AR.A.010(a)(14). Is-sospensjoni jew ir-revoka tal-approvazzjoni tal-assessur għandha tiġi nnotifikata lill-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru wkoll.
- (e) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tillimita, tissospendi jew tirrevoka liċenzja, klassifikazzjoni jew approvazzjoni fuq talba bil-miktub tad-detentur tal-liċenzja.

#### SOTTOPARTI E

#### **PROĊEDURA TA' ĊERTIFIKAZZJONI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJET TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU U L-APPROVAZZJONI TAL-KORSIJET TA' TAĦRIĠ**

##### **ATCO.ARE.001 Proċedura ta' applikazzjoni u ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ**

- (a) Mal-wasla ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.
- (b) Jekk l-organizzazzjoni tat-taħriġ applikanti tissodisfa r-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat permezz tal-format stabbilit f'Appendiċi 2 tal-Anness II.
- (c) Biex organizzazzjoni tkun tista' timplimenta bidliet mingħajr approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti skont il-punt ATCO.OR.B.015 u ATCO.ARE.010(c), l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-proċedura mressqa mill-organizzazzjoni tat-taħriġ, li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tat-tali bidliet u tiddekrivi kif dawn sejrjn jiġu ġestiti u nnotifikati.

**ATCO.ARE.005 Approvazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ u pjanijiet ta' taħriġ**

- (a) L-awtorità kompetenti għandha tapprova korsijiet tat-taħriġ u pjanijiet tat-taħriġ żviluppatti skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'ATCO.OR.D.001.
- (b) Wara skambju ta' liċenzja skont ATCO.A.010, l-awtorità kompetenti għandha tapprova jew tirrifjuta kors ta' approvazzjoni tal-unità stabbilit skont ATCO.B.020(b) u (c) mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kors, u l-iżgurar li jiġu rispettati l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u proporzjonalità.

**ATCO.ARE.010 Bidliet fl-organizzazzjonijiet ta' taħriġ**

- (a) Mal-wasla ta' applikazzjoni għal skambju li jeħtieġ approvazzjoni minn qabel skont ATCO.OR.B.015, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III qabel il-ħruġ tal-approvazzjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-kundizzjonijiet taħt liema l-organizzazzjoni tista' topera matul il-bidla, sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeterminax li l-bidla ma tistax tiġi implimentata.

Wara li tkun ivverifikat li l-organizzazzjoni tat-taħriġ tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-bidla.

- (b) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura oħra ta' infurzar skont ATCO.ARE.015, meta l-organizzazzjoni timplimenta bidliet li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mingħajr ma tkun irċeviet l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti kif iddefinit f'punt (a), l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni immedjata u xierqa.
- (c) Għal bidliet li ma jeħtieġu approvazzjoni minn qabel, l-awtorità kompetenti għandha tapprova proċedura żviluppata mill-organizzazzjoni tat-taħriġ skont ATCO.OR.B.015 li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali bidliet u l-mekkaniżmu ta' ġestjoni u notifikazzjoni tagħha. Fil-proċess ta' sorveljanza kontinwu, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta fin-notifika biex tivverifika jekk l-azzjonijiet meħuda jikkonformawx mal-proċeduri approvati u r-rekwiżiti applikabbli.

**ATCO.ARE.015 Sejbiet u azzjonijiet korrettivi**

- (a) L-awtorità kompetenti għandu jkollha sistema biex tanalizza s-sejbiet fir-rigward tas-sinifikat tas-sikurezza tagħhom.
- (b) Għandha tinħareġ sejba tal-livell 1 mill-awtorità kompetenti, meta jiġi skopert kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u dan ir-Regolament, mal-proċeduri u l-manwali tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, mat-tip(i) ta' taħriġ u/jew s-servizz(i) pprovduti jew iċ-ċertifikat(i) li jbaxxu jew jipperikolaw b'mod serju s- sikurezza u/jew ir-riżultati f'degradazzjoni sinifikanti tat-taħriġ mogħti.

Sejba tal-livell 1 għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal:

- (1) in-nuqqas ta' għoti ta' aċċess lill-awtorità kompetenti għall-faċilitajiet tal-organizzazzjoni tat-taħriġ kif iddefinit fil-punt ATCO.OR.B.025 matul il-ħinijiet normali tax-xogħol u wara żewġ talbiet bil-miktub;
  - (2) il-kisba jew iż-żamma tal-validità taċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ bil-falsifikazzjoni tal-evidenza dokumentata preżentata;
  - (3) evidenza ta' Prattika ħażina jew ta' użu qarrieqi taċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ; u
  - (4) in-nuqqas ta' maniġer responsabbli.
- (c) Sejba tal-livell 2 għandha tiġi stabbilita mill-awtorità kompetenti meta jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u dan ir-Regolament, bil-proċeduri u l-manwali tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, mat-tip(i) ta' taħriġ u/jew servizz(i) pprovdut(i) jew iċ-ċertifikati li jistgħu jnaqqsu jew jipperikolaw is-sikurezza u/jew jistgħu jirriżultaw f'degradazzjoni tat-taħriġ ipprovdut.
  - (d) Meta tiġi stabbilita sejba waqt is-sorveljanza jew permezz ta' mezzi oħrajn, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr ħsara għal kwalunkwe azzjoni oħra meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u dan ir-Regolament, tikkomunika s-sejba lill-organizzazzjoni tat-taħriġ bil-miktub u titlob għal azzjoni korrettiva biex ikun indirizzat in-nuqqas ta' konformità identifikat.

- (1) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tiegħu azzjoni immedjata u xierqa biex twaqqaf jew tillimita l-attivitajiet u, jekk ikun xieraq, għandha tiegħu azzjoni biex tirrevoka ċ-ċertifikat jew biex tillimitah jew tissospendih kompletament jew parzjalment, skont l-estent tas-sejba, sa ma l-organizzazzjoni tat-taħriġ tiegħu azzjoni korrettiva b'suċċess.
- (2) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 2, l-awtorità kompetenti għandha:
- (i) tagħti lill-organizzazzjoni tat-taħriġ perjodu ta' implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva inkluż fi pjan ta' azzjoni xieraq għan-natura tas-sejba; u
  - (ii) tivvaluta l-azzjoni korrettiva u l-pjan ta' implimentazzjoni proposti mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u, jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li dawn ikunu biżżejjed biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità, din għandha taċċettahom.
- (3) Meta organizzazzjoni tat-taħriġ tonqos milli tissottometti pjan aċċettabbli ta' azzjoni korrettiva, jew milli twettaq l-azzjoni korrettiva fil-perjodu taż-żmien aċċettat jew estiż mill-awtorità kompetenti, is-sejba għandha tittella' għal waħda tal-livell 1 u għandha tittieħed azzjoni skont kif stabbilit fil-punt (d)(1).
- (e) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet kollha li tkun stabbiliet u, fejn ikun japplika, il-miżuri ta' infurzar li tkun applikat, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi kollha u d-data tal-għeluq tal-azzjoni għas-sejbiet.

## SOTTOPARTI F

**REKWIŻITI SPEĊIFIĊI RELATATI MAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI AJRUMEDIKA**

## SEZZJONI 1

**Rekwiżiti ġenerali****ATCO.AR.F.001 Ċentri ajrumediċi u ċertifikazzjoni ajrumedika**

Permezz ta' deroga mis-Sottopartijiet A, B u C, fir-rigward taċ-ċentri ajrumediċi (AeMCs) u ċ-ċertifikazzjoni ajrumedika, l-awtorità kompetenti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 (ir-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Kabina)<sup>(1)</sup>, bl-esklużjoni tar-referenzi għall-prattikanti mediċi ġenerali (GMPs):

- Sottoparti ARA.GEN;
- Sottoparti ARA.AeMC;
- ARA.MED.120 Assessuri mediċi;
- ARA.MED.125 Riferiment lill-awtorità tal-liċenzjar;
- ARA.MED.150 Żamma tar-rekords;
- ARA.MED.200 Proċedura għall-ħruġ, għar-rivalidazzjoni, għat-tiġdid jew għall-bdil ta' ċertifikat ta' AME;
- ARA.MED.245 Superviżjoni kontinwa;
- ARA.MED.250 Limitazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' ċertifikat tal-AME;
- AR.MED.255 Miżuri ta' infurzar;
- ARA.MED.315 Reviżjoni tar-rapporti tal-eżamijiet; u
- ARA.MED.325 Proċedura ta' reviżjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

## SEZZJONI 2

**Dokumentazzjoni****ATCO.AR.F.005 Ċertifikat mediku**

Iċ-ċertifikat mediku għandu jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

## (a) Kontenut

- (1) L-Istat fejn inħarġet il-liċenzja ATCO jew saret applikazzjoni għaliha (I);
- (2) Klassi taċ-ċertifikat mediku (II);
- (3) Numru taċ-ċertifikat, li jibda bil-kodiċi tal-pajjiż tan-NU tal-Istat fejn inħarġet il-liċenzja ATCO jew saret applikazzjoni għaliha, segwit b'kodiċi ta' numri Għarab u/jew ittri Latini (III);
- (4) Numru tad-detentur (IV);
- (5) In-nazzjonalità tad-detentur (VI);
- (6) Data tat-twelid tad-detentur (XIV);
- (7) Il-firma tad-detentur (VII);
- (8) Limitazzjoni(jiet) (XIII);
- (9) Id-data ta' skadenza taċ-ċertifikat mediku (IX) tal-klassi 3;
- (10) Data tal-eżami;
- (11) Data tal-aħħar elettrokardjogramma;
- (12) Data tal-aħħar awdjogramma;
- (13) Data tal-ħruġ u firma tal-AME jew tal-assessur mediku li ħareġ iċ-ċertifikat mediku (X);
- (14) Siġill jew timbru.

(b) Materjal: Il-karta jew materjal ieħor użat għandu jevita jew juri mill-ewwel kwalunkwe tibdil jew tħassir. Kull żieda jew tħassir fuq il-formola għandhom ikunu awtorizzati biċ-ċar mill-awtorità kompetenti.

(c) Lingwa: Iċ-ċertifikati mediċi għandhom ikunu miktubin bil-lingwa/i nazzjonali, bl-Ingliż, u fil-lingwa li l-awtorità kompetenti tqis xierqa.

(d) Id-dati kollha fuq iċ-ċertifikat mediku għandhom jinkitbu fil-format jj/xx/ssss.

**ATCO.AR.F.010 Ċertifikati AME**

Wara li tkun ivverifikat li l-AME huwa f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ, tirrivalida, iġedded jew tiddel iċ-ċertifikat AME permezz tal-formola stabbilita fl-Appendiċi 3 tal-Anness II.

**ATCO.AR.F.015 Ċertifikat AeMC**

Wara li tkun ivverifikat li l-AeME huwa f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ jew tiddel iċ-ċertifikat AeME, permezz tal-formola stabbilita fl-Appendiċi 4 tal-Anness II.

**ATCO.AR.F.020 Formoli ajrumediċi**

L-awtorità kompetenti għandha ttiprovdi AMEs u AeMCs bil-formoli li għandhom jintużaw għal:

- (a) il-formola tal-applikazzjoni għal ċertifikat mediku; u
  - (b) ir-rapport tal-eżaminazzjoni għall-applikanti tal-klassi 3.
-

## Appendiċi 1 tal-Anness II

## Format għal-liċenzja

## LIĊENZJA TA' KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

Il-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru maħruġa skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

- (a) Il-kontenut. In-numru tal-element għandu dejjem ikun stampat b'rabta mal-intestatura tal-element. L-elementi I sa XI huma "permanenti", u l-elementi XII sa XIV huma elementi "varjabbli" li jistgħu jidhru fuq folja separata jew li tista' tinqala' minn mal-formola ewlenija kif stabbilit hawn taħt. Kwalunkwe parti separata jew li tinqala' għandha tkun identifikata b'mod ċar bħala parti mil-liċenzja.

## 1. Elementi permanenti:

- (I) Stat li ħareġ il-liċenzja;
- (II) titolu tal-liċenzja;
- (III) numru tas-serje tal-liċenzja bil-kodiċi tal-pajjiż tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Istat li ħareġ il-liċenzja, segwit minn "Liċenzja ATCO (Student)" u kodiċi ta' numri Għarab u/jew ittri Latini;
- (IV) isem id-detentur sħiħ (b'kitba Latina, anke jekk il-kitba tal-lingwa/i nazzjonali mhijiex Latina);
- (IVa) data tat-twelid;
- (V) l-indirizz tad-detentur, jekk meħtieġ mill-awtorità kompetenti;
- (VI) nazzjonalità tad-detentur;
- (VII) firma tad-detentur;
- (VIII) awtorità kompetenti;
- (IX) ċertifikazzjoni tal-validità u awtorizzazzjoni għall-privileġġi mogħtija, inkluż id-dati meta nħarġu l-ewwel darba;
- (X) il-firma tal-uffiċjal li ħareġ il-liċenzja u d-data ta' tali ħruġ;
- (XI) siġill jew timbru tal-awtorità kompetenti.

## 2. Elementi varjabbli:

- (XII) klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet b'dati ta' skadenza;
- (XIII) rimarki: approvazzjonijiet tal-kompetenza lingwistika; u
- (XIV) kwalunkwe dettall ieħor meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

- (b) Il-liċenzja għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat mediku, ħlief meta jkunu eżerċitati privileġġi STDI biss.

- (c) Il-materjal. Għandha tintuża karta tal-aqwa kwalità u/jew materjal xieraq ieħor, inkluż kards tal-plastik biex tiġi pprevenuta jew tintwera minnufih kwalunkwe alterazzjoni jew tħassir. Kull daħla jew taħsira fuq il-formola għandha tkun awtorizzata b'mod ċar mill-awtorità kompetenti.

- (d) Il-lingwa. Il-liċenzji għandhom ikunu miktubin bl-Ingliż u, jekk ikun meħtieġ mill-Istati Membri, bil-lingwa/lingwi nazzjonali u lingwi oħrajn kif ikun xieraq.

|  |  |
|--|--|
| <p>Isem u logo tal-awtorità kompetenti<br/>(L-Ingliż u kwalunkwe lingwa/lingwi determinati mill-awtorità kompetenti)</p> <p>EUROPEAN UNION<br/>(bi-Ingliż biss)</p> <p>LIĊENZJA TA' (STUDENT) KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU<br/>TAL-AJRU</p> <p>(L-Ingliż u kwalunkwe lingwa/lingwi determinati mill-awtorità kompetenti)</p> <p>Maħruġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340<br/>Din il-liċenzja għandha tikkonforma mal-Istandards ICAO<br/>(L-Ingliż u kwalunkwe lingwa/lingwi determinati mill-awtorità kompetenti)</p> <p>Formola 152 tal-EASA Ħarġa 1</p> | <p>Ir-rekwiżiti <sup>(1)</sup></p> <p>Il-kliem "European Union" jitħassar għal Stati Membri mhux tal-UE.</p> <p>Id-daqs ta' kull paġna għandu jkun 1/8 ta' A4.</p> |
|--|--|

<sup>(1)</sup> Rekwiżiti:

Il-paġni li jirreferu għall-istruzzjonijiet dwar kif għandha timtela l-Liċenzja ATCO (Student) huma maħsuba għall-użu mill-awtorità kompetenti jew mill-assessur awtorizzat speċifikament biex jirrialida jew iġedded l-approvazzjonijiet tal-unità. Il-ħarġiet inizjali tal-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni, l-approvazzjonijiet tal-lingwa, l-approvazzjoni tal-għalliem u l-assessur sejin jiddaħflu mill-awtorità kompetenti. Ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' approvazzjonijiet tal-unità sejin jiddaħflu mill-awtorità kompetenti jew mill-assessuri awtorizzati.

|      |  |   |
|------|--|---|
| I    | <b>Stat li ħareġ l-attestazzjoni:</b>  | Rekwiżiti:  |
| II   | <b>Titolu tal-liċenzja:</b>  |   |
| III  | <b>Numru tas-serje tal-liċenzja:</b>   | In-numru tas-serje tal-liċenzja għandu dejjem jibda bil-kodiċi tal-pajjiż tan-NU tal-Istat li ħareġ il-liċenzja segwit minn "Liċenzja ATCO (Studenti)". |
| IV   | <b>Isem sħiħ tad-detentur:</b>   |   |
| IVa  | <b>Data tat-twelid:</b>  | Għandu jintuża format standard għad-data, jiġifieri jum/xahar/sena bis-sħiħ (eż., 31.01.2010)   |
| XIV  | <b>Post tat-twelid:</b>  |   |
| V    | <b>L-indirizz tad-detentur, jekk mixtieq mill-awtorità kompetenti;</b><br>Triq, belt, żona, kodiċi postali |   |
| VI   | <b>Nazzjonalità tad-detentur:</b>  | Indikat mill-kodiċi tal-pajjiżi tan-NU tal-Istat  |
| VII  | <b>Firma tad-detentur:</b>   |   |
| VIII | <b>Awtorità kompetenti</b>   |   |
| X    | <b>Firma tal-uffiċjal li joħroġ il-liċenzja u d-data tal-ħruġ</b>  |   |
| XI   | <b>Siġill jew timbru tal-awtorità kompetenti li ħarġet il-liċenzja</b>                                     |   |

IX

**Il-validità tal-privileġġi:**

*Id-detentur għandu d-dritt li jeżerċita l-privileġġi tal-klassifikazzjoni(jiet) u l-approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni li ġejjin, meta jkunu vvalidati:*

| <i>Klassifikazzjoni(jiet)</i> | <i>Id-data tal-ewwel ħruġ</i> |
|-------------------------------|-------------------------------|
|                               |                               |
|                               |                               |
|                               |                               |
|                               |                               |
|                               |                               |
|                               |                               |
|                               |                               |

| <i>Approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni</i> | <i>Id-data tal-ewwel ħruġ</i> |
|---|-------------------------------|
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |
|   |                               |

Rekwiżiti:

(L-Ingliż u kwalunkwe lingwa/lingwi determinati mill-awtorità kompetenti.)

Id-data tal-ewwel ħruġ ta' klassifikazzjoni u/jew approvazzjoni tal-klassifikazzjoni għandha tkun id-data tat-tlestija b'suċċess tat-taħriġ rilevanti għal dik il-klassifikazzjoni u/jew approvazzjoni tal-klassifikazzjoni.



Taqsiriet

| <b>Klassifikazzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru</b> |   | Rekwiżiti: Mhux Applikabbli |
|---|---|-----------------------------|
| <b>ADV</b>  | Kontroll Viżiv ta' Ajrudrom               |                             |
| <b>ADI</b>  | Kontroll Strumentali ta' Ajrudrom         |                             |
| <b>APP</b>  | Kontroll ta' Avviċinament Proċedurali     |                             |
| <b>APS</b>  | Kontroll ta' Avviċinament b'Sorveljanza   |                             |
| <b>ACP</b>  | Kontroll taż-Żona Proċedurali             |                             |
| <b>ACS</b>  | Kontroll ta' Żona b'Sorveljanza           |                             |
| <b>Approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni</b>                     |   |                             |
| <b>ARJA</b>   | Kontroll tal-Ajru                         |                             |
| <b>GMC</b>  | Kontroll tal-Moviment fuq l-Art           |                             |
| <b>TWR</b>  | Kontroll mit-Torri                        |                             |
| <b>GMS</b>  | Sorveljanza tal-Moviment fuq l-Art        |                             |
| <b>RAD</b>  | Kontroll bir-Radar tal-Ajrudrom           |                             |
| <b>PAR</b>  | Radar ta' Approċċ bi Preċiżjoni           |                             |
| <b>SRA</b>  | Approċċ b'Radar ta' Sorveljanza           |                             |
| <b>TCL</b>  | Kontroll tat-Terminal                     |                             |
| <b>OCN</b>  | Kontroll Oċeaniku                         |                             |
| <b>Approvazzjonijiet tal-liċenzja</b>                             |   |                             |
| <b>OJTI</b>   | Għalliem ta' taħriġ fuq ix-xogħol         |                             |
| <b>STDI</b>   | Għalliem ta' apparat ta' taħriġ sintetiku |                             |
| <b>Assessur</b>   | Assessur                                  |                             |

*Appendiċi 2 tal-Anness II***ĊERTIFIKATI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATCO TOs)****L-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>****Awtorità kompetenti****ĊERTIFIKAT TA' ORGANIZZAZZJONI TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU****[NUMRU/REFERENZA TA' ĊERTIFIKAT]**

Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 u skont il-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[awtorità kompetenti] b'dan tiċċertifika

[ISEM L-ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ]

[INDIRIZZ TAL-ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ]

hija organizzazzjoni tat-taħriġ approvata skont il-Parti ATCO.OR bil-privileġġ li tipprovdi korsijiet ta' taħriġ skont il-Parti ATCO, kif elenkat fl-approvazzjoni mehmuża tat-taħriġ.

Termini tal-approvazzjoni u privileġġi:

Dan iċ-ċertifikat huwa limitat għall-privileġġi u għall-ambitu li tipprovdi taħriġ kif elenkat fl-approvazzjoni tat-taħriġ mehmuża.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu sakemm l-organizzazzjoni approvata tibqa' konformi mal-Parti ATCO.OR, il-Parti ATCO u ma' regolamenti oħrajn applikabbli.

Soġġett għall-konformità mat-termini tal-approvazzjoni u l-privileġġi msemmija hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sakemm iċ-ċertifikat jiġi ċedut, sostitwit, ristrett, sospiż jew revokat.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat:

[Awtorità kompetenti]

<sup>(1)</sup> Il-kliem "Unjoni Ewropea" għandu jitħassar għal Stati Membri mhux tal-UE.

**ĊERTIFIKAT TA' ORGANIZZAZZJONI TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU  
APPROVAZZJONI TAT-TAĦRIĠ**

Hemża man-numru taċ-ċertifikat ATCO TO:

[NUMRU/REFERENZA TAĊ-ĊERTIFIKAT]

[ISEM L-ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ]

kisbet il-privileġġi li tipprovdi u twettaq taħriġ skont il-Parti ATCO:

| TIP(I) TA' TAĦRIĠ                                       |   |   |                        |
|---|---|---|------------------------|
| Tip ta' taħriġ  | Rotta   | Approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni <sup>(2)</sup> | Rimarki <sup>(3)</sup> |
| <input type="checkbox"/> Taħriġ inizjali ta' ATCO       | <input type="checkbox"/> Taħriġ bażiku  | mhux applikabbli                                      |                        |
|   | <input type="checkbox"/> Taħriġ tal-klassifikazzjoni <sup>(4)</sup><br>.....<br>..... |   |                        |
| <input type="checkbox"/> Taħriġ tal-unità ATCO          | ..... <sup>(5)</sup><br>.....   |   |                        |
| <input type="checkbox"/> Taħriġ ta' kontinwazzjoni ATCO | <input type="checkbox"/> Taħriġ ta' aġġornament ATCO                                  | mhux applikabbli                                      |                        |
|   | <input type="checkbox"/> Taħriġ ta' konverżjoni ATCO <sup>(6)</sup>                   | mhux applikabbli                                      |                        |
| <input type="checkbox"/> Taħriġ ta' għalliemta prattiċi | mhux applikabbli  | mhux applikabbli                                      |                        |
|   |   | mhux applikabbli                                      |                        |
| <input type="checkbox"/> Taħriġ tal-assessur            | mhux applikabbli  | mhux applikabbli                                      |                        |
|   |   | mhux applikabbli                                      |                        |

Din l-approvazzjoni tal-kors ta' taħriġ hija valida sakemm:

- (a) iċ-ċertifikat ATCO TO ma jkunx ġie ċedut, sostitwit, ristrett, sospiż jew revokat; u
- (b) l-operazzjonijiet kollha jitwettqu skont il-Parti ATCO.OR, Parti ATCO, regolamenti oħra applikabbli, u, fejn rilevanti, skont il-proċeduri stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-organizzazzjoni kif meħtieġ bil-Parti-ATCO.OR.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat: [Awtorità kompetenti]

Għall-Istat Membru/EASA

<sup>(2)</sup> L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni skont ATCO.B.015 għal liema huwa pprovdut it-taħriġ, jekk ikun xieraq.

<sup>(3)</sup> Kull meta jkun meħtieġ.

<sup>(4)</sup> L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-klassifikazzjonijiet skont ATCO.B.010 għal liema huwa pprovdut it-taħriġ.

<sup>(5)</sup> L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-approvazzjoni(jiet) għal liema huwa pprovdut it-taħriġ.

<sup>(6)</sup> Mhux taħriġ ġeneriku; ipprovdut fuq bażi ad hoc wara approvazzjoni speċifika mill-awtorità kompetenti.

## Appendiċi 3 tal-Anness II

**ĊERTIFIKAT GĦAL EŻAMINATURI AJRUMEDIĊI (AMEs) <sup>(1)</sup>****L-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>****Awtorità kompetenti****ĊERTIFIKAT TA' EŻAMINATUR AJRUMEDIKU**

[NUMRU/REFERENZA] TA' ĊERTIFIKAT:

Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 u skont il-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[awtorità kompetenti] b'dan tiċċertifika

[ISEM L-EŻAMINATUR AJRUMEDIKU]

[INDIRIZZ TAL-EŻAMINATUR AJRUMEDIKU]

bħala eżaminatur ajrumediku

## KUNDIZZJONIJIET:

1. Dan iċ-ċertifikat huwa limitat għall-privileġġi speċifikati fil-hemża ma' dan iċ-ċertifikat AME;
2. Dan iċ-ċertifikat jeħtieġ il-konformità mar-regoli u l-proċeduri ta' implimentazzjoni speċifikati fil-Parti-MED u/jew ATCO.MED kif xieraq.
3. Dan iċ-ċertifikat jibqa' validu għal perjodu ta' tliet snin sa [jj/xx/ssss <sup>(3)</sup>] soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-MED u/jew Parti ATCO.MED kif xieraq, sakemm ma jkunx ġie ċedut, sostitwit, sospiż jew revokat.

.....  
Data ta' f'ruġ:.....  
Firma: [Awtorità kompetenti]<sup>(1)</sup> Formola tal-EASA 148 — Farga 1.<sup>(2)</sup> Il-kliem "Unjoni Ewropea" għandu jitħassar għal Stati Membri mhux tal-UE.<sup>(3)</sup> Data ta' skadenza: jum/xahar/sena.

**ĊERTIFIKAT GĦAL EŻAMINATURI AJRUMEDIĊI (AMEs)**

Hemża maċ-Ċertifikat AME Nru:

**PRIVILEĠĠI U KAMP TA' APPLIKAZZJONI**

[Isem u titolu akkademiku tal-eżaminatur ajrumediku] kiseb/kisbet il-privileġġ(i) li jwettaq/twettaq eżamijiet u assessjar ajrumediku għall-ħruġ ta' ċertifikati mediċi kif imniżżel fit-tabella t'hawn taħt, u li joħroġ/toħroġ dawn iċ-ċertifikati mediċi għal:

|                                |                 |
|--------------------------------|-----------------|
| LAPL                           | [iva/data]      |
| Il-klassi nru 2                | [iva/data]      |
| Klassi 1 rivalidazzjoni/tiġdid | [iva/data]/[le] |
| Klassi 3 rivalidazzjoni/tiġdid | [iva/data]/[le] |
|                                |                 |

.....

Data ta' ħruġ:

.....

Firma: [Awtorità kompetenti]

\_\_\_\_\_

## Appendiċi 4 tal-Anness II

**ĊERTIFIKAT GĦAL ĊENTRI AJRUMEDIĊI (AeMCs) <sup>(1)</sup>****L-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>****Awtorità kompetenti****ĊERTIFIKAT TA' ĊENTRU AJRUMEDIKU**

REFERENZA:

Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 u skont il-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[awtorità kompetenti] b'dan tiċċertifika

[ISEM L-ORGANIZZAZZJONI]

[INDIRIZZ TAL-ORGANIZZAZZJONI]

huwa ċentru ajrumediku ċertifikat skont il-Parti ORA, bil-privileġġi u l-kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet kif elenkati fit-termini ta' approvazzjoni hawn mehmuża.

## KUNDIZZJONIJIET:

- (1) Dan iċ-ċertifikat huwa limitat għall-ambitu tas-sezzjoni tal-approvazzjoni tal-manwal tal-organizzazzjoni approvata;
- (2) Dan iċ-ċertifikat jeħtieġ konformità mal-proċeduri speċifikati fid-dokumentazzjoni tal-organizzazzjoni kif meħtieġ bil-Parti ORA.
- (3) Dan iċ-ċertifikat jibqa' validu soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Parti ORA, sakemm ma jkunx ġie ċedut, sostitwit, sospiż jew revokat.

.....  
Data ta' f'ruġ:

.....  
Firma: [Awtorità kompetenti]

<sup>(1)</sup> Formola tal-EASA 146 — Ferga 1.

<sup>(2)</sup> Il-kliem "Unjoni Ewropea" għandu jitħassar għal Stati Membri mhux tal-UE.

## ANNEX III

## PARTI ATCO.OR

**REKWIŻITI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU U Ċ-ĊENTRI AJRUMEDIĊI**

## SOTTOPARTI A

**REKWIŻITI ĠENERALI****ATCO.OR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni**

Din il-Parti, stabbilita f'dan l-Anness, tistabbilixxi r-rekwiżiti applikabbli għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u ċ-ċentri ajrumediċi sabiex jinkiseb u jinżamm ċertifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u dan ir-Regolament.

## SOTTOPARTI B

**REKWIŻITI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' TAĦRIĠ TAL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU****ATCO.OR.B.001 Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ**

- (a) L-applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti fi żmien xieraq biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa skont il-proċedura stabbilita minn dik l-awtorità.
- (b) L-applikanti għal ċertifikat inizzjali għandhom juru lill-awtorità kompetenti kif se jkun jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u f'dan ir-Regolament.
- (c) Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
  - (1) l-isem u l-indirizz tal-applikant;
  - (2) l-indirizz(i) tal-post(ijiet) ta' operat (inkluż, fejn ikun rilevanti, il-lista ta' unitajiet ATC) jekk ikunu differenti mill-indirizz tal-applikant fil-punt (a);
  - (3) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta':
    - (i) il-maniġer responsabbli;
    - (ii) il-kap tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, jekk differenti mill-punt (i);
    - (iii) il-persuna/persuni nominati mill-organizzazzjoni tat-taħriġ bħala l-punt(i) fokali għall-komunikazzjoni mal-awtorità kompetenti;
  - (4) id-data tal-bidu maħsub tal-attività jew il-bidla;
  - (5) lista tat-tipi ta' taħriġ li għandhom jiġu pprovduti u tal-anqas kors tat-taħriġ wieħed minn kull tip ta' taħriġ li huwa maħsub li jiġi pprovdut;
  - (6) id-dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli għandha tiġi ffirmata mill-maniġer responsabbli, u tiddikjara l-konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ mar-rekwiżiti fi kwalunkwe waqt;
  - (7) il-proċessi ta' sistema ta' ġestjoni; u
  - (8) id-data tal-applikazzjoni.

**ATCO.OR.B.005 Mezzi ta' konformità**

- (a) Mezzi ta' konformità alternattivi għall-AMC adottati mill-Aġenzija jistgħu jintużaw minn organizzazzjoni biex tistabbilixxi l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u ma' dan ir-Regolament.
- (b) Fejn organizzazzjoni tkun tixtieq tuża mezz alternattiv ta' konformità, qabel ma timplimentah, għandha ttipprovdi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa tal-mezz alternattiv ta' konformità. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe revizzjoni fil-manwali jew fil-proċeduri li jistgħu jkunu rilevanti, kif ukoll valutazzjoni li turi konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.
- (c) L-organizzazzjoni tista' timplimenta dawn il-mezzi alternattivi ta' konformità soġġett għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, u meta din tirċievi n-notifika kif previst f'ATCO.AR.A.015(d).

**ATCO.OR.B.010 Termini ta' approvazzjoni u privileġġi ta' ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ**

- (a) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom ikunu konformi mal-ambitu u l-privileġġi ddefiniti fit-termini tal-approvazzjoni mehmuża maċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni.
- (b) Sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli fis-Sottoparti D tal-Anness I (Parti ATCO), il-privileġġ li jiġi pprovdut taħriġ tal-unità u ta' kontinwazzjoni għandu jingħata biss lill-organizzazzjoni tat-taħriġ li:
  - (1) ikollhom ċertifikat għall-għoti ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru; jew
  - (2) ikunu kkonkludew ftehim speċifiku mal-fornitur ATC.

**ATCO.OR.B.015 Bidliet fl-organizzazzjonijiet tat-taħriġ**

- (a) Bidliet fl-organizzazzjoni li jaffettwaw iċ-ċertifikat jew it-termini ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ jew kwalunkwe element rilevanti tas-sistemi ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti.
- (b) L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha taqbel mal-awtorità kompetenti tagħha dwar il-bidliet li jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel flimkien ma' daww speċifikati fil-punt (a).
- (c) Għal kwalunkwe bidla li teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel skont il-punti (a) u (b), l-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tapplika għal approvazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti, u tiksibha. L-applikazzjoni għandha titressaq qabel ma ssir il-bidla, sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tiddetermina t-tkomplija tal-konformità ma' dan ir-Regolament, u sabiex temenda, jekk ikun meħtieġ, iċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ u t-termini tal-approvazzjoni relatati mehmuża miegħu.

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

Il-bidla għandha tkun implimentata biss mal-wasla tal-approvazzjoni formali mill-awtorità kompetenti skont ATCO.ARE.010.

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom joperaw skont il-kundizzjonijiet preskritti mill-awtorità kompetenti matul il-bidliet, skont kif ikun applikabbli.

- (d) Il-bidliet fl-elementi msemmija fil-punt (a) minħabba ċirkostanzi mhux mistennija għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien sabiex tinkiseb approvazzjoni kif meħtieġ.
- (e) Il-bidliet kollha li ma jkunux jeħtieġu approvazzjoni minn qabel għandhom jiġu ttrattati u nnotifikati lill-awtorità kompetenti hekk kif iddefinit fil-proċedura approvata mill-awtorità kompetenti skont il-punt ATCO.ARE.010.
- (f) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti meta jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom.

**ATCO.OR.B.020 Validità kontinwa**

- (a) Ċertifikazzjoni ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tibqa' valida soġġett li ma jkunx hemm ċediment jew revoka u soġġett li l-organizzazzjoni tat-taħriġ tibqa' fkonformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) 216/2008 u dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tas-sejbiet skont ATCO.OR.B.030.
- (b) Iċ-ċertifikat għandu jiġi ritornat lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien mar-revoka tiegħu jew il-waqfien tal-attivitajiet kollha.

**ATCO.OR.B.025 Aċċess għal faċilitajiet u dejta ta' organizzazzjonijiet tat-taħriġ**

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ u l-applikanti għal ċertifikati ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandhom jagħtu aċċess lil kwalunkwe persuna awtorizzata minn jew li taġixxi fisem l-awtorità kompetenti għas-sede rilevanti sabiex teżamina r-rekords, id-dejta, il-proċeduri u kwalunkwe materjal rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tal-awtorità kompetenti.

**ATCO.OR.B.030 Sejbiet**

Wara l-irċevuta tan-notifika tas-sejbiet maħruġa mill-awtorità kompetenti skont ATCO.ARE.015, l-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha:

- (a) tidentifika l-kawża oriġinali tas-sejba;
- (b) tiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiva; u
- (c) turi l-implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva b'mod li jissodisfa lill-awtorità kompetenti fperjodu taż-żmien miftiehem ma' dik l-awtorità, hekk kif iddefinit fil-punt ATCO.ARE.015.

**ATCO.OR.B.035 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza**

L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha timplimenta kwalunkwe miżura ta' sikurezza b'mandat mill-awtorità kompetenti skont ATCO.AR.C.001(a)(3) għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tat-taħriġ.

**ATCO.OR.B.040 Rappurtar ta' okkorrenza**

- (a) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ fuq ix-xogħol għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, u lil kwalunkwe organizzazzjoni mitluba mill-Istat tal-operatur biex jiġu infurmati, bi kwalunkwe aċċident, inċident serju u okkorrenza kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u r-Regolament (UE) Nru 376/2014, li tirriżulta mill-attività ta' taħriġ tagħhom.
- (b) Ir-rapporti għandhom isiru kemm jista' jkun malajr, iżda dejjem fi żmien 72 siegħa minn mindu l-organizzazzjoni tat-taħriġ tkun identifikat il-kundizzjoni li r-rapport ikun jittratta dwarha, sakemm ċirkostanzi straordinarji ma jkunux jipprevjenu dan.
- (c) Fejn rilevanti, l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jipproduċu rapport ta' segwiment biex jipprovdu d-dettalji tal-azzjonijiet li jkunu beħsiebhom jieħdu biex jipprevjenu okkorrenzi simili fil-ġejjieni, hekk kif dawn l-azzjonijiet ikunu ġew identifikati.
- (d) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 996/2010, u r-Regolament (UE) Nru 376/2014, ir-rapporti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) għandhom isiru f'forma u f'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti, u għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha pertinenti dwar il-kundizzjoni magħrufa mill-organizzazzjoni tat-taħriġ.

## SOTTOPARTI C

**ĠESTJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAT-TAĦRIĠ TAL-KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU****ATCO.OR.C.001 Sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ**

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu sistema ta' ġestjoni li tinkludi:

- (a) linji ta' responsabbiltà u kapaċità ta' rendikont fl-organizzazzjoni definiti b'mod ċar, inkluż ir-rendikont dirett fir-rigward tas-sikurezza, min-naħa tal-manijer responsabbli;
- (b) deskrizzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-organizzazzjoni fir-rigward tas-sikurezza, magħrufa bħala l-politika ta' sikurezza;
- (c) l-identifikazzjoni ta' perikli għas-sikurezza tal-avjazzjoni li jistgħu jiġu kkawżati mill-attivitajiet tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, il-valutazzjoni tagħhom u l-ġestjoni tar-riskji assoċjati, inkluż it-teħid ta' azzjonijiet biex jittaffa r-riskju u biex tiġi vverifikata l-effiċjenza tagħhom;
- (d) iż-żamma ta' persunal imħarreġ u kompetenti biex jaqdi l-kompiti tiegħu;
- (e) id-dokumenti tal-proċessi ewlenin kollha tas-sistema ta' ġestjoni, inkluż proċess biex l-impjegati jkunu jafu r-responsabbiltajiet tagħhom, u l-proċedura biex jiġu emendati dawn id-dokumenti;
- (f) funzjoni biex tkun sorveljata l-konformità tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti rilevanti. Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' rispons għas-sejbiet lill-manijer responsabbli biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi hekk kif ikun meħtieġ;
- (g) is-sistema ta' mmaniġġjar għandha tkun fi proporzjon mad-daqs tal-organizzazzjoni u tal-attivitajiet tagħha, u tqis il-perikli u r-riskji inerenti assoċjati f'dawn l-attivitajiet.

**ATCO.OR.C.005 Attivitajiet kuntrattati**

- (a) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jiżguraw li meta jikkuntrattaw jew jixtru xi partijiet mill-attivitajiet tagħhom, l-attività jew parti ta' attività kkontrattata jew mixtrija jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli.
- (b) Meta organizzazzjoni tat-taħriġ tikkuntratta xi parti mill-attività tagħha lil organizzazzjoni li mhijiex hija stess iċċertifikata skont dan ir-Regolament biex twettaq tali attività, l-organizzazzjoni kkontrattata għandha taħdem skont it-termini tal-approvazzjoni inklużi fiċ-ċertifikat maħruġ lill-organizzazzjoni tat-taħriġ kontraenti. L-organizzazzjoni tat-taħriġ kontraenti għandha tiżgura li l-awtorità kompetenti tingħata aċċess għall-organizzazzjoni kkontrattata, sabiex tara li tinżamm konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

**ATCO.OR.C.010 Rekwiżiti dwar il-persunal**

- (a) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jaħtru maniġer responsabbli.
- (b) Persuna jew grupp ta' persuni għandhom jiġu nominati mill-organizzazzjoni tat-taħriġ, bir-responsabbiltà għat-taħriġ. Tali persuna jew persuni għandha/għandhom jaqgħu taħt l-awtorità tal-maniġer responsabbli.
- (c) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandu jkollhom biżżejjed persunal ikkwalifikat għall-kompiti u l-attivitajiet ippjanati li jridu jsiru skont ir-rekwiżiti applikabbli.
- (d) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom iżommu rekord tal-għalliema teoretiċi bil-kwalifiki rilevanti tagħhom, għarfien adegwat u esperjenza u t-turija tagħhom, il-valutazzjoni tat-tekniki u s-suġġetti ta' struzzjoni li għandhom dritt jgħallmu.
- (e) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jistabbilixxu proċeduri biex iżommu l-kompetenza tal-għalliema teoretiċi.
- (f) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jiżguraw li l-għalliema u l-assessuri prattiċi jtemmu b'suċċess taħriġ ta' aġġornament sabiex jivvalidaw mill-ġdid l-approvazzjoni rispettiva tagħhom.
- (g) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom iżommu rekord tal-persuni kkwalifikati għall-kompetenza tal-għalliema prattiċi u l-kompetenza tal-assessuri, skont ATCO.C.045, bl-approvazzjonijiet rilevanti tagħhom.

**ATCO.OR.C.015 Faċilitajiet u taġmir**

- (a) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandu jkollhom faċilitajiet li jippermettu t-twettiq u l-ġestjoni tal-kompiti pplanati kollha skont dan ir-Regolament.
- (b) L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tiżgura li t-taġmir ta' taħriġ sintetiku jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti applikabbli li jkunu xierqa għall-kompitu.
- (c) Matul l-istruzzjoni ta' taħriġ fuq ix-xogħol, l-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tiżgura li l-għalliem ikollu eżattament l-istess informazzjoni bħall-persuna li twettaq l-OJT u l-mezzi biex jintervjeni minnufih.

**ATCO.OR.C.020 Żamma tar-rekords**

- (a) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom iżommu rekords tal-persuni li jwettqu jew ikunu wettqu taħriġ biex juru li jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti kollha tal-korsijiet tat-taħriġ.
- (b) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jistabbilixxu u jżommu sistema għar-reġistrazzjoni tal-kwalifiki professjonali u l-valutazzjonijiet tat-tekniki struzzjonali tal-għalliema u l-assessuri, kif ukoll is-suġġetti li għandhom dritt jgħallmu, fejn ikun xieraq.
- (c) Ir-rekords mitluba mill-punti (a) u (b) għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' ħames snin suġġett għal-liġi nazzjonali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta:
  - (1) wara li l-persuna li twettaq it-taħriġ tkun lestiet il-kors; u
  - (2) wara li l-għalliem jew l-assessor jieqaf iwettaq funzjoni għall-organizzazzjoni tat-taħriġ, kif ikun applikabbli.
- (d) Il-proċess ta' arkivjar inkluż il-format tar-rekords għandu jkun speċifikat fis-sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ.
- (e) Ir-rekords għandhom jinħażnu b'mod sikur.

**ATCO.OR.C.025 Fondi u assigurazzjonijiet**

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom juru li għandhom fondi suffiċjenti sabiex imexxu t-taħriġ skont dan ir-Regolament u li l-attivitajiet huma koperti b'assigurazzjoni suffiċjenti skont in-natura tat-taħriġ mogħti u li l-attivitajiet kollha jistgħu jitwettqu skont dan ir-Regolament.

## SOTTOPARTI D

**REKWIŻITI GĦALL-KORSIJET TAT-TAĦRIĠ U L-PJANIJET TA' TAĦRIĠ****ATCO.OR.D.001 Rekwiżiti għall-korsijiet ta' taħriġ u pianijiet ta' taħriġ**

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jiżviluppaw:

- (a) pianijiet ta' taħriġ u korsijiet ta' taħriġ assoċjati mat-tip(i) ta' taħriġ ipprovduti skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I (Parti ATCO), Sottoparti D;
- (b) suġġetti, objettivi tas-suġġett, temi u sottotemi għall-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I (Parti ATCO);
- (c) metodi ta' valutazzjonijiet skont ATCO.D.090(a)(3) u ATCO.D.095(a)(3).

**ATCO.OR.D.005 Riżultati u ċertifikati tal-eżaminazzjoni u l-valutazzjoni**

- (a) L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-applikant, ir-riżultati tiegħu/tagħha tal-eżamijiet u l-valutazzjonijiet u, fuq talba tal-applikant, toħroġ ċertifikat bir-riżultati tal-eżamijiet u l-valutazzjonijiet tiegħu/tagħha.
- (b) Mat-tlestija b'suċċess tat-taħriġ inizjali, jew tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni addizzjonali, l-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha toħroġ ċertifikat.
- (c) Ċertifikat ta' tlestija tat-taħriġ bażiku għandu jinħareġ biss fuq talba tal-applikant jekk is-suġġetti, it-temi u s-sottotemi kollha inklużi fl-Appendiċi 2 tal-Anness I ikunu tlestew u l-applikant ikun għadda b'suċċess mill-eżamijiet u l-valutazzjonijiet assoċjati.

## SOTTOPARTI E

**REKWIŻITI GĦAĊ-ĊENTRI AJRUMEDIĊI****ATCO.ORE.001 Ċentri ajrumediċi**

Iċ-ċentri ajrumediċi (AeMCs) għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-Sottopartijiet ORA.GEN u ORA.AeMC tal-Anness VII tar-Regolament tal-Kummissjoni (EU) Nru 290/2012 <sup>(1)</sup>, fejn:

- (a) ir-referenzi għall-klassi 1 għandhom jiġu ssostitwiti bil-klassi 3; u
- (b) ir-referenzi kollha għall-Parti MED għandhom jiġu ssostitwiti bil-Parti ATCO.MED.

---

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 290/2012 tat- 30 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġ tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 100, 5.4.2012, p. 1).

## ANNEX IV

## PARTI ATCO.MED

## REKWIŻITI MEDIĊI GĦALL-KONTROLLURI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

## SOTTOPARTI A

## REKWIŻITI ĠENERALI

## SEZZJONI 1

**Punti ġenerali****ATCO.MED.A.001 Awtorità kompetenti**

Għall-finijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

## (a) għaċ-ċentri ajrumediċi (AeMC):

- (1) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn l-AeMC ikollu l-post prinċipali tal-attività tiegħu;
- (2) l-Aġenzija, meta l-AeMC ikun jinsab f'pajjiż terz.

## (b) għall-eżaminaturi ajrumediċi (AMEs):

- (1) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru fejn l-AMEs ikollhom il-post prinċipali tal-attività tagħhom;
- (2) jekk il-post prinċipali tal-attività ta' AME jkun jinsab f'pajjiż terz, l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni mill-AME għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

**ATCO.MED.A.005 Kamp ta' applikazzjoni**

Din il-Parti, stabbilita f'dan l-Anness, tistabbilixxi r-rekwiżiti għal:

- (a) il-ħruġ, il-validità, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid taċ-ċertifikat mediku meħtieġ għall-eżerċitar tal-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru bl-eċċezzjoni ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku; u
- (b) iċ-ċertifikazzjoni tal-AMEs biex jinħarġu ċertifikati mediċi tal-klassi 3.

**ATCO.MED.A.010 Definizjonijiet**

Għall-iskop ta' din il-Parti, għandhom japplikaw id-definizjonijiet li ġejjin:

- (a) "Konklużjoni medika akkreditata" tfisser il-konklużjoni mil-huqa minn espert mediku wieħed jew aktar li tkun aċċettabbli għall-awtorità tal-liċenzji, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, għall-finijiet tal-każ ikkonċernat, b'konsultazzjoni mal-esperti operattivi tat-titjir jew esperti oħra kif meħtieġ u inkluż valutazzjoni tar-riskju operattiv;
- (b) "Valutazzjoni ajrumedika" tfisser il-konklużjoni fuq l-idoneità medika tal-applikant abbażi tal-evalwazzjoni tal-istorja medika tal-applikant u l-eżaminazzjoni ajrumedika kif meħtieġ f'din il-Parti u eżamijiet u testijiet mediċi ulterjuri kif meħtieġ;
- (c) "Eżaminazzjoni ajrumedika" tfisser l-ispezzjoni, il-palpazzjoni, il-perkussjoni, l-askultazzjoni jew kwalunkwe mezz ieħor ta' investigazzjoni speċjalment għad-determinazzjoni tal-idoneità medika biex jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-liċenzja;
- (d) "Speċjalista tal-għajnejn" tfisser oftalmologu jew speċjalista tal-kura tal-vista kkwalfikat fl-ottometrija u mħarreġ biex jagħraf kundizzjonijiet patoloġiċi;
- (e) "Investigazzjoni" tfisser il-valutazzjoni ta' kundizzjoni patoloġika suspettata ta' applikant permezz ta' eżamijiet u testijiet sabiex tiġi vverifikata l-preżenza jew l-assenza ta' kundizzjoni medika;
- (f) "Awtorità tal-liċenzji" tfisser l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun ħarġet il-liċenzja, jew li persuna tapplika għandha għall-ħruġ ta' liċenzja, meta persuna tkun għadha ma applikatx għall-ħruġ ta' liċenzja, l-awtorità kompetenti skont din il-Parti;

- (g) "Limitazzjoni" tfisser kundizzjoni indikata fuq iċ-ċertifikat mediku li għandha titħares filwaqt li jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-liċenzja;
- (h) "Żball rifrattiv" tfisser id-devjazzjoni minn emmetropja mkejla b'dijopteri fil-meridjan l-aktar ametropiku, imkejla b'metodi standard;
- (i) "Sinifikanti" tfisser grad ta' kundizzjoni medika, li l-effett tiegħu jipprevjeni l-eżerċizzju sikur tal-privileġġi tal-liċenzja.

#### **ATCO.MED.A.015 Kunfidenzjalità medika**

Il-persuni kollha involuti fl-eżamijiet, il-valutazzjonijiet u iċ-ċertifikazzjonijiet ajrumediċi għandhom jiżguraw li l-kunfidenzjalità ajrumedika tiġi rrispettata f'kull ħin.

#### **ATCO.MED.A.020 Tnaqqis ta' adegwatezza medika**

- (a) Id-detenturi tal-liċenzja m'għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom fi kwalunkwe mument meta:
  - (1) ikunu jafu bi tnaqqis tas-saħħa medika tagħhom li jista' ma jippermettilhomx jeżerċitaw dawk il-privileġġi b'mod sikur;
  - (2) ikunu qed jieħdu jew jużaw kwalunkwe medikazzjoni preskritta jew mhux preskritta li tista' tfixkilhom milli jeżerċitaw b'mod sikur il-privileġġi tal-liċenzja;
  - (3) jirċievu kwalunkwe mediċina, trattament kirurġiku jew trattament ieħor li jista' jaffettewa l-eżerċitar sikur tal-privileġġi tal-liċenzja.
- (b) Barra minn hekk, id-detenturi ta' ċertifikat mediku tal-klassi 3 għandhom, mingħajr dewmien żejjed u qabel l-eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzja tagħhom, ifittxu parir ajrumediku meta:
  - (1) ikunu għaddew minn operazzjoni kirurġika jew proċedura invażiva;
  - (2) ikunu bdew jieħdu kwalunkwe mediċina b'mod regolari;
  - (3) ikunu sofrew minn xi korriment personali sinifikanti li jwassal għall-inabbiltà li jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja;
  - (4) ikunu sofrew minn kwalunkwe mard sinifikanti li jinvolvi kwalunkwe inabbiltà li jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-liċenzja;
  - (5) ikunu tqal b'tarbija;
  - (6) ikunu ġew rikoverati fi sptar jew klinika;
  - (7) jeħtieġu lentijiet ta' korrezzjoni tal-vista għall-ewwel darba.

F'dawn il-każijiet l-AeMC jew l-AME għandhom jivvalutaw l-idoneità medika tad-detentur tal-liċenzja jew l-istudent kontrollur tat-traffiku tal-ajru, u jiddeċiedu jekk humiex idonei biex ikomplu jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom.

#### **ATCO.MED.A.025 Obbligazzjonijiet tal-AeMC u l-AME**

- (a) Meta jitwettqu eżamijiet u valutazzjonijiet ajrumediċi kif meħtieġ f'din il-Parti, l-AeMC jew l-AME għandhom:
  - (1) jiżguraw li tista' tiġi stabbilita komunikazzjoni mal-applikant mingħajr ostakoli lingwistiċi;
  - (2) jgħarrfu lill-applikant bil-konsegwenzi li jiffaċċjaw f'każ li huwa jipprovdi sqarrijiet mhux kompleti, mhux eżatti jew foloz dwar l-istorja medika tiegħu;
  - (3) jinnotifikaw lill-awtorità tal-liċenzjar jekk l-applikant jipprovdi sqarrijiet mhux kompleti, mhux eżatti jew foloz dwar l-istorja medika tiegħu;
  - (4) jinnotifikaw lill-awtorità tal-liċenzjar jekk l-applikant jirtira l-applikazzjoni għal ċertifikat mediku fi kwalunkwe stadju tal-proċess.
- (b) Wara li jtemmu l-eżamijiet u l-valutazzjonijiet ajrumediċi, l-AeMC u l-AME għandhom:
  - (1) javżaw lill-applikant jekk humiex idonei, mhux idonei jew irriferuti lill-awtorità tal-liċenzjar;
  - (2) jinfurmaw lill-applikant dwar kwalunkwe limitazzjoni applikata fuq iċ-ċertifikat mediku; u

- (3) jekk l-applikant ikun ġie ċertifikat li mhux b'saħħtu, jinfurmawh/a bid-dritt tiegħu/tagħha għal reviżjoni tad-deċiżjoni; u
  - (4) jissottomettu mingħajr dewmien lill-awtorità tal-liċenzjar rapport iffirmit, jew awtentifikat b'mod elettroniku li jkun fih riżultati ddettaljati tal-eżaminazzjoni u l-valutazzjoni ajrumedika għaċ-ċertifikat mediku u kopja tal-formola ta' applikazzjoni, il-formola ta' eżaminazzjoni u ċ-ċertifikat mediku; u
  - (5) jinformat lill-applikant dwar ir-responsabbiltà tiegħu fil-każ ta' tnaqqis fl-idoneità medika kif speċifikat f'ATCO.MED.A.020.
- (c) L-AeMC u l-AMEs għandhom iżommu rekords b'eżamijiet u valutazzjonijiet ajrumediċi mwettqa skont din il-Parti u r-riżultati tagħhom għal perjodu minimu ta' 10 snin, jew għal perjodu kif iddeterminat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jekk dan ikun itwal.
- (d) L-AeMC u l-AMEs għandhom jissottomettu lill-assessur mediku tal-awtorità kompetenti, fuq talba, ir-rekords u r-rapporti ajrumediċi kollha, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra meta jkun meħtieġ għal:
- (1) ċertifikazzjoni medika;
  - (2) funzjonijiet ta' sorveljanza.

## SEZZJONI 2

### **Rekwiżiti għal ċertifikati mediċi**

#### **ATCO.MED.A.030 Ċertifikati mediċi**

- (a) L-applikanti għal liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru u d-detenturi tagħha, jew student kontrollur tat-traffiku tal-ajru, għandu jkollhom ċertifikat mediku tal-klassi 3.
- (b) Detentur ta' liċenzja m'għandu febda ħin ikollu aktar minn ċertifikat mediku wieħed maħruġ skont din il-Parti.

#### **ATCO.MED.A.035 Applikazzjoni għal ċertifikat mediku**

- (a) Applikazzjonijiet għal ċertifikat mediku għandhom isiru fil-format stabbilit mill-awtorità kompetenti.
- (b) L-applikanti għal ċertifikat mediku għandhom jipprovdu lill-AeMC jew l-AME bi:
  - (1) prova tal-identità tagħhom;
  - (2) dikjarazzjoni ffirmata:
    - (i) tal-fatti mediċi li jikkonċernaw l-istorja medika tagħhom;
    - (ii) dwar jekk applikawx preċedement għal ċertifikat mediku jew għaddew minn eżaminazzjoni ajrumedika għal ċertifikat mediku u, jekk iva, minn min u b'liema riżultat;
    - (iii) dwar jekk qatt ikunux ġew iċċertifikati li ma kinux b'saħħithom jew kellhomx ċertifikat mediku sospiż jew revokat.
- (c) Meta japplikaw għal rivalidazzjoni jew għat-tiġdid taċ-ċertifikat mediku, l-applikanti għandhom jippreżentaw iċ-ċertifikat mediku l-aktar riċenti lill-AeMC jew l-AME qabel l-eżamijiet ajrumediċi rilevanti.

#### **ATCO.MED.A.040 Ħruġ, rivalidazzjoni u tiġdid taċ-ċertifikati mediċi**

- (a) Ċertifikat mediku għandu jinħareġ, jiġi rivalidat jew imġedded biss meta jkunu saru l-eżamijiet u l-valutazzjonijiet ajrumediċi meħtieġa u l-applikant ikun ġie vvalutat bħala b'saħħtu.
- (b) L-ewwel ħruġ  
Ċertifikati mediċi inizjali tal-klassi 3 għandhom jinħarġu minn AeMC.
- (c) Rivalidazzjoni u tiġdid  
Ċertifikati mediċi tal-klassi 3 għandhom jiġu rivalidati jew imġedda minn AeMC jew AME.

- (d) L-AeMC jew l-AME għandhom joħorġu, jivvalidaw mill-ġdid jew iġeddu ċertifikat mediku biss jekk:
- (1) l-applikant ikun ipprovdilhom l-istorja medika kompleta tiegħu u, jekk ikun rikjest mill-AeMC jew l-AME, ir-riżultati tal-eżamijiet u t-testijiet ajrumediċi li jkunu saru mit-tabib tal-applikant jew minn kwalunkwe speċjalista mediku; u
  - (2) l-AeMC jew l-AME jkun wettaq il-valutazzjoni ajrumedika abbażi tal-eżamijiet u t-testijiet ajrumediċi kif meħtieġ biex jiġi vverifikat li l-applikant jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan il-Parti.
- (e) L-AME, l-AeMC jew, fil-każ ta' riferiment, l-awtorità tal-liċenzjar tista' titlob lill-applikant jagħmel eżamijiet u investi-gazzjonijiet mediċi addizzjonali, meta dan ikun klinikament indikat, qabel ma jinħareġ, jiġi rivalidat jew imġedded iċ-ċertifikat mediku.
- (f) L-awtorità tal-liċenzjar tista' toħroġ jew toħroġ mill-ġdid ċertifikat mediku, kif applikabbli, jekk:
- (1) każ ikun ġie riferut;
  - (2) tkun identifikat li huma meħtieġa korrezzjonijiet fl-informazzjoni fuq iċ-ċertifikat, fliema każ iċ-ċertifikat mediku inkorrett għandu jiġi revokat.

#### **ATCO.MED.A.045 Validità, rivalidazzjoni u tiġdid ta' ċertifikati mediċi**

##### (a) Validità

- (1) Iċ-ċertifikati mediċi tal-klassi 3 għandhom ikunu validi għal perjodu ta' 24 xahar.
- (2) Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati mediċi tal-klassi 3 għandu jitnaqqas għal 12-il xahar għad-detenturi tal-liċenzja li jkunu għalqu l-40 sena. Ċertifikat mediku maħruġ qabel ma tkun intlaħqet l-età ta' 40 sena ma jibqax validu meta d-detentur tal-liċenzja jagħlaq 41 sena.
- (3) Il-perjodu ta' validità ta' ċertifikat mediku, inklużi kwalunkwe eżamijiet jew investigazzjonijiet speċjali assoċjati, għandu jiġi:
  - (i) iddeterminat mill-età tal-applikant fid-data meta jsir l-eżami ajrumediku; u
  - (ii) ikkalkulat mid-data tal-eżami ajrumediku fil-każ tal-ewwel ħruġ u tiġdid, u mid-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat mediku preċedenti fil-każ ta' rivalidazzjoni.

##### (b) Rivalidazzjoni

L-eżamijiet u l-valutazzjonijiet ajrumediċi għar-rivalidazzjoni ta' ċertifikat mediku jistgħu jsiru sa 45 jum qabel id-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat mediku.

##### (c) Tiġdid

- (1) Jekk id-detentur ta' ċertifikat mediku ma jikkonformax mal-punt (b), ikunu meħtieġa eżami u valutazzjoni ajrumedika għat-tiġdid.
- (2) Jekk iċ-ċertifikat mediku jkun skada għal:
  - (i) anqas minn sentejn, għandha ssir eżaminazzjoni ajrumedika ta' rivalidazzjoni ta' rutina;
  - (ii) aktar minn sentejn, l-AeMC jew l-AME għandhom iwettqu biss l-eżaminazzjoni ajrumedika wara l-valutazzjoni tar-rekords ajrumediċi tal-applikant;
  - (iii) aktar minn 5 snin, ir-rekwiżiti tal-eżaminazzjoni ajrumedika għall-ħruġ inizjali għandhom japplikaw u l-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti ta' rivalidazzjoni.

#### **ATCO.MED.A.046 Sospensjoni jew revoka ta' ċertifikat mediku**

- (a) Mar-revoka taċ-ċertifikat mediku, id-detentur għandu jirritorna iċ-ċertifikat mediku lill-awtorità tal-liċenzjar.
- (b) Mas-sospensjoni taċ-ċertifikat mediku, id-detentur għandu jirritorna iċ-ċertifikat mediku lill-awtorità tal-liċenzjar fuq talba tal-awtorità.

**ATCO.MED.A.050 Riferiment**

Jekk applikant għal ċertifikat mediku tal-klassi 3 jiġi riferut lill-awtorità kompetenti skont ATCO MED.B.001, l-AeMC jew l-AME għandhom jittrasferixxu d-dokumentazzjoni medika rilevanti lill-awtorità tal-liċenzjar.

## SOTTOPARTI B

**REKWIŻITI GĦAĊ-ĊERTIFIKATI MEDIĊI TAL-KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU**

## SEZZJONI 1

**Punti ġenerali****ATCO.MED.B.001 Limitazzjonijiet għaċ-ċertifikati mediċi**

(a) Limitazzjonijiet għaċ-ċertifikati mediċi tal-klassi 3.

(1) Jekk l-applikant ma jkunx jikkonforma b'mod sħiħ mar-rekwiżiti għal ċertifikat mediku tal-klassi 3 iżda mhux ikkunsidrat li x'aktarx jipperikola l-eżerċizzju sikur tal-privileġġi tal-liċenzja, l-AeMC jew l-AME għandhom:

(i) jirreferu d-deċiżjoni dwar l-idoneità tal-applikant lill-awtorità tal-liċenzjar kif indikat f'din is-Sottoparti; jew

(ii) f'każijiet fejn ma jkunx indikat riferiment lill-awtorità tal-liċenzjar f'din is-Sottoparti, jevalwaw jekk l-applikant ikunx kapaċi jwettaq id-doveri tiegħu b'mod sikur filwaqt li jikkonforma mal-limitazzjoni jew limitazzjonijiet dokumentati fiċ-ċertifikat mediku, u joħroġ iċ-ċertifikat mediku bil-limitazzjoni(jiet) kif meħtieġ.

(2) L-AeMC jew l-AME jista' jirvalida jew iġedded ċertifikat mediku bl-istess limitazzjoni mingħajr ma jirreferi l-applikant lill-awtorità tal-liċenzja.

(b) Fil-valutazzjoni ta' jekk limitazzjoni hijiex meħtieġa, għandu jiġi kkunsidrat b'mod partikolari:

(1) jekk konklużjoni medika akkreditata tindikax li f'ċirkostanzi speċjali n-nuqqas tal-applikant li jissodisfa xi rekwiżit, sew jekk kwantitattiv u sew jekk mod ieħor, huwiex tali li l-eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzja ma jkunx probabbli li jipperikola l-eżerċizzju sikur tal-privileġġi tal-liċenzja;

(2) l-esperjenza tal-applikant rilevanti għall-operazzjoni li għandha titwettaq.

(c) Limitazzjonijiet operattivi

(1) L-awtorità kompetenti, flimkien mal-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, għandha tiddetermina l-limitazzjonijiet operattivi applikabbli fl-ambjent operattiv speċifiku kkonċernat.

(2) Limitazzjonijiet operattivi xierqa għandhom jiġu applikati fuq iċ-ċertifikat mediku mill-awtorità tal-liċenzjar.

(d) Kwalunkwe limitazzjoni oħra tista' tiġi imposta fuq id-detentur ta' ċertifikat mediku jekk ikun meħtieġ biex jiġi żgurat l-eżerċitar sikur tal-privileġġi tal-liċenzja.

(e) Kwalunkwe limitazzjoni imposta fuq id-detentur ta' ċertifikat mediku għandha tiġi speċifikata fih.

## SEZZJONI 2

**Rekwiżiti mediċi għaċ-ċertifikati mediċi tal-Klassi 3****ATCO.MED.B.005 Ġenerali**

L-applikanti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe waħda minn dawn il-patoloġiji li ġejjin li jkunu jfissru inabbiltà funzjonali li x'aktarx tfixkel il-qadi mingħajr periklu tad-dmirijiet jew li tista' probabbilment twassal biex l-applikant ma jkunx jista' f'daqqa waħda jeżerċita l-privileġġi tal-liċenzja b'mod sikur:

(1) anormalitajiet konġenitali jew akkwiziżiti;

(2) mard jew diżabbiltajiet ta' natura attiva, latenti, akuta jew kronika;

- (3) feriti, danni jew konsegwenzi minħabba xi operazzjoni kirurġika
- (4) effetti jew effetti kollaterali minħabba t-teħid ta' kwalunkwe medikazzjoni terapewtika, dijanjostika jew preventiva preskritta jew mhux preskritta.

#### **ATCO.MED.B.010 Sistema kardjovaskulari**

##### **(a) Eżami**

- (1) Għandhom isiru elettrokardjogramma standard bi 12-il wajer (ECG) u rapport fl-eżami għall-ħruġ inizjali ta' ċertifikat mediku u mbagħad:
  - (i) kull 4 xhur sakemm jagħlqu 30 sena;
  - (ii) fl-eżamijiet ta' validazzjoni jew tiġdid kollha minn hemm 'il quddiem; u
  - (iii) meta indikat klinikament.
- (2) Għandha ssir valutazzjoni kardjovaskulari estiża:
  - (i) fl-ewwel eżaminazzjoni ta' rivalidazzjoni jew tiġdid fl-età ta' 65 sena;
  - (ii) kull 4 snin minn hemm 'il quddiem; u
  - (iii) meta indikat klinikament.
- (3) Fl-eżami għandha tintalab stima tal-lipidi fis-serum inkluż il-kolesterol, għall-ħruġ inizjali ta' ċertifikat mediku, fl-ewwel eżaminazzjoni meta wieħed jagħlaq l-40 sena, u meta indikat klinikament.

##### **(b) Sistema kardjovaskulari — Ġenerali**

- (1) L-applikanti li jkollhom xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei:
  - (i) aneurizma tal-aorta addominali toraċika jew suprarenali, qabel il-kirurġija;
  - (ii) anormalità funzjonali jew sintomatika sinifikanti ta' xi wieħed mill-valvijiet tal-qalb;
  - (iii) trapjant tal-qalb jew tal-qalb/pulmun.
- (2) L-applikanti bi storja stabbilita jew bi dijanjosi klinika ta' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku:
  - (i) mard arterjali periferali qabel jew wara l-kirurġija;
  - (ii) aneurizma tal-aorta addominali toraċika jew suprarenali wara l-kirurġija;
  - (iii) aneurizma tal-aorta addominali infrarenali, qabel jew wara l-kirurġija;
  - (iv) anormalitajiet valvulari kardijaċi funzjonalment insinifikanti;
  - (v) wara kirurġija fil-valvi tal-qalb;
  - (vi) anormalità tal-perikardju, mijokardju jew endokardju;
  - (vii) anormalità konġenitali tal-qalb, qabel jew wara kirurġija korrettiva;
  - (viii) sinkope rikorrenti vażovagali;
  - (ix) trombożi arterjali jew venuża;
  - (x) emboliżmu pulmonari;
  - (xi) kundizzjoni kardjovaskulari li teħtieġ terapija antikoagulanti sistemika.

## (c) Pressjoni tad-demmm

- (1) Il-pressjoni tad-demmm għandha titkejjel f'kull eżaminazzjoni.
- (2) Il-pressjoni tad-demmm tal-applikant għandha tkun fil-limiti normali.
- (3) L-applikanti għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei meta:
  - (i) ikollhom pressjoni baxxa sintomatika; jew
  - (ii) meta waqt l-eżami, il-pressjoni sistolika tad-demmm tagħhom tkun konsistentement ogħla minn 160 mmHg u/jew dik dijastolika tkun konsistentement ogħla minn 95 mmHg, taħt kura jew mingħajr kura.
- (4) Il-bidu ta' medikazzjoni għall-kontroll tal-pressjoni tad-demmm għandu jeħtieġ perjodu ta' valutazzjoni temporanja ta' nuqqas ta' idoneità biex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' effetti sekondarji sinifikanti.

## (d) Mard tal-arterji koronarji

- (1) L-applikanti b'xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei:
  - (i) mard sintomatiku tal-arterja koronarja;
  - (ii) sintomi ta' mard tal-arterja koronarja kkontrollati bil-medikazzjoni.
- (2) L-applikanti bi kwalunkwe kundizzjoni minn dawn li ġejjin għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jgħaddu minn evalwazzjoni kardjoloġika biex tiġi eskluża iskemija mijokardjali qabel ma tkunx tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-idoneità:
  - (i) li jiġi suspettat li għandhom iskemija mijokardjali suspettata;
  - (ii) b'mard astintomatiku tal-arterji koronarji minuri li ma jkun jirrikjedi ebda kura antianġinali.
- (3) L-applikanti bi storja jew dijanjożi ta' kwalunkwe minn dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu rreferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jgħaddu minn evalwazzjoni kardjoloġika qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-idoneità:
  - (i) iskemija mijokardjali;
  - (ii) infart mijokardjali;
  - (iii) rivaskularizzazzjoni u stenting għal mard tal-arterji koronarji.

## (e) Disturbi fir-Ritmu/fil-Konduttività

- (1) L-applikanti għal ċċertifikat mediku tal-klassi 3 bi kwalunkwe disturb sinifikanti tal-konduttività jew tar-ritmu kardijaku, intermittenti jew stabbilita għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u ssirilhom evalwazzjoni kardjoloġika b'riżultati sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-idoneità. Dawn id-disturbi għandhom jinkludu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  - (i) disturb fir-ritmu supraventrikulari, inkluża disfunzjoni sinoatrijali intermittenti jew stabbilita, fibrillazzjoni atrijali u/jew aġitazzjoni u pawsi asintomatiċi sinużali;
  - (ii) imblukkar sħiħ fil-kumpartament tan-nervituri tax-xellug;
  - (iii) imblukkar atrioventrikulari tat-tip Mobitz 2;
  - (iv) takikardija kumplessa wiesgħa u/jew dejqa;
  - (v) pre-eċitazzjoni ventrikulari;
  - (vi) prolungament asintomatiku tal-QT;
  - (vii) kardjogrammi tat-tip Brugada mill-elettrokardjografija.

- (2) Applikanti b'xi waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fil-punti (i) sa (viii) jistgħu jiġu vvalutati bħala idonei fin-nuqqas ta' anormalità oħra u soġġett għal evalwazzjoni kardjoloġika sodisfaċenti:
- (i) imblukkar mhux komplut fil-kumpartamenti tan-nervituri;
  - (ii) imblukkar sħiħ fil-kumpartament tan-nervituri tal-lemin;
  - (iii) devjazzjoni stabbli tal-assi tax-xellug;
  - (iv) bradikardija sinużali asintomatika;
  - (v) takikardija sinużali asintomatika;
  - (vi) kumplessi ektopiċi supraventrikulari jew ventrikulari uniformi iżolati asintomatiċi;
  - (vii) imblukkar atriyoventrikulari tal-ewwel grad;
  - (viii) imblukkar atriyoventrikulari tat-tip Mobitz 1.
- (3) Applikanti bi storja ta' kwalunkwe minn dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu rreferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jgħaddu minn evalwazzjoni kardjoloġika b'riżultati sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-idoneità:
- (i) l-applikanti bi storja ta' terapija ta' ablatazzjoni;
  - (ii) l-applikanti bi storja ta' impjant ta' pacemaker.
- (4) L-applikanti b'xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei:
- (i) mard sinoatrijali sintomatiku;
  - (ii) imblukkar atriyoventrikulari totali;
  - (iii) prolungament sintomatiku tal-QT;
  - (iv) sistema awtomatika impjantabbli ta' defibrillazzjoni;
  - (v) pacemaker ventrikulari antitakikardja.

#### **ATCO.MED.B.015 Apparat respiratorju**

- (a) L-applikanti b'indeboliment sinifikanti tal-funzjoni tal-pulmuni għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar għall-valutazzjoni ajrmedika. Tista' ssir valutazzjoni tal-istat mediku meta l-funzjoni pulmonari tiġi rkuprata u tkun sodisfaċenti.
- (b) Eżami
- Huma meħtieġa testijiet tal-funzjoni tal-pulmuni fl-eżami inizjali u l-indikazzjoni klinika.
- (c) L-applikanti bi storja jew dijanjożi stabbilita ta' ażżma li jeħtieġu medikazzjoni għandhom jgħaddu minn evalwazzjoni respiratorja sodisfaċenti. Tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku jekk l-applikant ma jurix sintomi u l-kura ma taffettwax is-sikurezza.
- (d) L-applikanti bi storja jew dijanjożi stabbilita f'xi wieħed minn dawn id-disturbi li ġejjin għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jgħaddu minn evalwazzjoni respiratorja b'riżultat sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku:
- (1) mard infjammatorju attiv tas-sistema respiratorja;
  - (2) sarkojożi attiva;
  - (3) pnemotoraci;

- (4) sindrome ta' apneja tal-irqad;
- (5) kirurġija toraċika maġġuri;
- (6) mard kroniku ta' ostruzzjoni tal-pulmun;
- (7) trapjant tal-pulmun.

#### **ATCO.MED.B.020 Sistema diġestiva**

- (a) L-applikanti li jkunu qegħdin isofru minn xi tip ta' konsegwenza minħabba mard jew intervent kirurġiku f'xi parti tas-sistema diġestiva jew l-adnessa tagħha li tista' tikkawża inkapaċità, b'mod partikolari kull ostruzzjoni minħabba kontrazzjoni jew kompressjoni, għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei.
- (b) L-applikanti m'għandux ikollhom ftuq li jista' jikkaġuna sintomi li jistgħu jinkapaċitawhom.
- (c) L-applikanti b'disturbi tas-sistema gastrointestinali, inkluż dawk fil-punti (1) sa (5) jistgħu jiġu vvalutati bħala idonei soġġett għal evalwazzjoni gastroenteroloġika wara kura b'suċċess jew irkupru sħiħ wara kirurġija:
  - (1) disturb diseptiku rikorrenti li jkun jeħtieġ il-medikazzjoni;
  - (2) pankreatite;
  - (3) ġebel sintomatiku;
  - (4) dijanjosi stabbilita jew storja ta' infjammazzjoni kronika tal-imsaren;
  - (5) wara operazzjoni kirurġika fis-sistema diġestiva jew l-adnessa tagħha, inkluża kirurġija li tkun involviet it-tneħħija totali jew parzjali jew devjazzjoni ta' xi wieħed minn dawn l-organi.

#### **ATCO.MED.B.025 Sistemi metaboliċi u endokrinari**

- (a) L-applikanti b'disfunzjoni metabolika, nutrittiva jew endokrinale jista' jinħarġilhom ċertifikat ta' stat mediku tajjeb sakemm tintwera stabbiltà fil-kundizzjoni u ssir evalwazzjoni ajrumedika li tirriżulta sodisfaċenti.
- (b) Dijabete mellitus
  - (1) L-applikanti bid-dijabete mellitus li jeħtieġu l-insulina għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei.
  - (2) L-applikanti b'dijabete mellitus li jeħtieġu medikazzjoni oħra minbarra l-insulina għall-kontroll taz-zokkor fid-demmi għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar. Tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku jekk jintwera li ntlaħaq il-kontroll taz-zokkor fid-demmi u dan huwa stabbli.

#### **ATCO.MED.B.030 Ematoloġija**

- (a) Ittestjar tad-demmi, jekk isir, għandu jiġi ddeterminat mill-AME jew l-AeMC filwaqt li titqies l-istorja medika u wara l-eżami tat-tabib.
- (b) L-applikanti b'kundizzjoni ematoloġika, bħal:
  - (1) disturbi ta' koagulazzjoni, emorraġiċi jew trombotiċi;
  - (2) lewkimja kronika;
  - (3) emoglobina anormali, inkluża, iżda mhux limitata għal, anemija, eritrocitozi jew emoglobinopatija;
  - (4) tkabbir limfatiku sinifikanti;
  - (5) tkabbir tal-milsa.

għandhm jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar. Tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku soġġett għal evalwazzjoni ajrumedika sodisfaċenti.
- (c) L-applikanti li jsufri minn lewkimja akuta għandhom jiġu vvalutati bħala mhux idonei.

**ATCO.MED.B.035 Sistema ġenitourinarja**

- (a) L-analiżi tal-awrina għandha tiffirma parti minn kull eżami ajrumediku. L-awrina m'għandu jkun fiha ebda element anormali kkunsidrat li għandu sinifikat patoloġiku.
- (b) L-applikanti li jkunu qed ibatu minn xi konsegwenza minħabba mard jew proċeduri kirurġiċi fuq is-sistema ġenitourinarja jew l-adnessa tagħha li x'aktarx jikkawża inkapaċitazzjoni, b'mod partikolari kull ostruzzjoni minħabba kontrazzjoni jew kompressjoni, għandhom jiġu ċertifikati li mhumiex idonei.
- (c) L-applikanti b'disturb ġenitourinarju, bħal:
- (1) mard renali;
  - (2) kalkuli wieħed jew aktar tal-awrina
- jistgħu jiġu ċertifikati li jinsabu fi stat mediku tajjeb suġġetti għal evalwazzjoni renali/uroloġika sodisfaċenti.
- (d) Applikanti li jkunu għamlu:
- (1) operazzjoni kirurġika ewlenija fis-sistema ġenitourinarja jew l-adnessa tagħha li tinvolvi qtugħ totali jew parzjali jew xi devjazzjoni tal-organi tiegħu; jew
  - (2) kirurġija uroloġika ewlenija
- għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar għal valutazzjoni ajrumedika wara rkupru sħiħ qabel ma tkun tista' ssir valutazzjoni tal-istat mediku.

**ATCO.MED.B.040 Mard infettiv**

- (a) L-applikanti li huma pożittivi għall-HIV għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jistgħu jiġu vvalutati bħala idonei suġġetti għal evalwazzjoni sodisfaċenti ta' speċjalist u sakemm l-awtorità tal-liċenzjar ikollha evidenza suffiċjenti li t-terapija ma tikkompromettix l-eżerċizzju sikur tal-privileġġi tal-liċenzja.
- (b) L-applikanti dijanjostikati li jippreżentaw jew li għandhom sintomi ta' marda infettiva bħal:
- (1) sifilide akuta;
  - (2) tuberkułosi attiva;
  - (3) epatite infettuża;
  - (4) mard tropikali
- għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar għal valutazzjoni ajrumedika. Tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku wara rkupru sħiħ u evalwazzjoni minn speċjalista diment li l-awtorità tal-liċenzjar ikollha evidenza suffiċjenti li t-terapija ma tikkompromettix l-eżerċizzju sikur tal-privileġġi tal-liċenzja.

**ATCO.MED.B.045 Ostetriċja u ġinekoloġija**

- (a) L-applikanti li jkunu għamlu operazzjoni ġinekoloġika maġġuri għandhom jiġu ċertifikati li mhumiex idonei sa ma jirkupraw għalkollox.
- (b) Tqala
- Fil-każ ta' tqala, jekk l-AeMC jew l-AME jikkunsidra li d-detentur tal-liċenzja tinsab fi stat mediku tajjeb biex tkun tista' teżerċita l-privileġġi tagħha, huwa/hija għandu/ħa j/tillimita l-perjodu ta' validità ta' ċertifikat mediku sal-aħħar tal-34 ġimgħa tal-ġestazzjoni. Id-detentur tal-liċenzja għandha tgħaddi minn eżami ajrumediku tar-rivalidazzjoni u valutazzjoni wara rkupru sħiħ wara t-tmiem tat-tqala.

**ATCO.MED.B.050 Sistema muskuloskeletali**

- (a) L-applikanti għandu jkollhom użu funzjonali sodisfaċenti tas-sistemi muskuloskeletali biex tippermettilhom jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja.
- (b) L-applikanti b'kundizzjonijiet muskuloskeletali statiċi jew progressivi jew kundizzjonijiet reumatoloġiċi li jistgħu jfikklu l-eżerċitar sikur tal-privileġġi tal-liċenzji għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar. Tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku wara evalwazzjoni sodisfaċenti ta' speċjalist.

**ATCO.MED.B.055 Psikjatrija**

- (a) L-applikanti b'disturb mentali jew ta' mgħiba minħabba l-alkoħol jew użu ieħor jew użu ħażin ta' sustanzi psikoattivi, inkluż drogi bi jew mingħajr dipendenza, għandhom jiġu vvalutati bħala mhux idonei sa wara perjodu ta' sobrietà ddokumentat jew il-libertà mill-użu ta' sustanza psikoattiva jew l-użu ħażin u suġġett għal evalwazzjoni psikjatrika sodisfaċenti wara kura b'suċċess. L-applikanti għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar.
- (b) L-applikanti b'kundizzjoni psikjatrika bħal:
- (1) disturb fil-burdata;
  - (2) disturb newrotiku;
  - (3) disturb fil-personalità;
  - (4) disturb mentali jew fl-imġiba
- għandhom jgħaddu minn evalwazzjoni psikjatrika sodisfaċenti qabel tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku. L-applikanti għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar għall-valutazzjoni tal-istat mediku tagħhom.
- (c) L-applikanti li jkunu wettqu deliberatament att wieħed jew aktar ta' ħsara fuqhom infushom għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei. L-applikanti għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u ssirillhom evalwazzjoni psikjatrika sodisfaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku.
- (d) L-applikanti bi storja stabbilita jew b'dijanjosi klinika ta' skizofrenja, disturbi skizotipali jew delużjonali jew manija għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei.

**ATCO.MED.B.060 Psikoloġija**

- (a) L-applikanti li jkollhom sintomi relatati mal-istress li x'aktarx li jfixklu l-abbiltà tagħhom li jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja b'mod sikur għandhom jiġu rreferuti lill-awtorità tal-liċenzjar. Valutazzjoni tal-istat mediku tista' tiġi kkunsidrata biss wara li evalwazzjoni psikjatrika u/jew psikoloġika tkun uriet li l-applikant irkupra minn sintomi relatati mal-istress.
- (b) Tista' tkun rikjesta evalwazzjoni psikoloġika bħala parti minn, jew komplementari għal, eżami psikjatriku jew newroloġiku speċjalizzat.

**ATCO.MED.B.065 Newroloġija**

- (a) L-applikanti bi storja stabbilita jew b'dijanjosi klinika ta' dawn id-disturbi li ġejjin għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei:
- (1) epilessija ħlif fil-każijiet fil-punt (b)(1) u (2);
  - (2) episodji rikorrenti ta' disturbi tas-sensi b'kawża inċerta;
  - (3) kundizzjonijiet bi propensità għolja għal disfunzjoni ċerebrali.
- (b) L-applikanti bi storja stabbilita jew b'dijanjosi klinika ta' dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jgħaddu minn evalwazzjoni oħra qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku:
- (1) epilessija mingħajr rikorrenza wara l-età ta' 5 snin;
  - (2) epilessija mingħajr rikorrenza, u li jkunu ilhom aktar minn 10 snin li waqqfu kull tip ta' kura;
  - (3) anormalitajiet fl-EEG epilettiformi u mewġ fokali rallentat;
  - (4) mard progressiv jew mhux progressiv tas-sistema nervuża;
  - (5) episodju wieħed ta' disturbi jew telf tas-sensi;

- (6) ħsara fil-moħħ;
- (7) korriment spinali jew tan-nervituri periferali;
- (8) disturbi fis-sistema nervuża minħabba nuqqasijiet vaskulari inkluż avvenimenti emorraġiċi u iskemiċi.

#### **ATCO.MED.B.070 Sistema viżwali**

##### (a) Eżaminazzjoni

- (1) Eżaminazzjoni komprensiva tal-għajnejn għandha tiffirma parti mill-eżami tal-bidu u għandha ssir perjodikament skont ir-rifrazzjoni u l-prestazzjoni funzjonali tal-għajn.
  - (2) Eżaminazzjoni ta' rutina tal-għajnejn għandha tiffirma parti mill-eżami kollu ta' rivalidazzjoni u tiġdid.
  - (3) L-applikanti għandhom jgħaddu minn tonometrija fl-ewwel eżami ta' rivalidazzjoni wara l-età ta' 40 sena, fuq indikazzjoni klinika u jekk ikunu indikati fid-dawl tal-istorja tal-familja.
  - (4) L-applikanti għandhom ifornu lill-AeMC jew l-AME b'rapport ta' eżaminazzjoni tal-għajnejn f'każijiet fejn:
    - (i) il-prestazzjoni funzjonali turi bidliet sinifikanti;
    - (ii) l-istandards viżwali distanti jistgħu jintlaħqu biss b'leżijiet korrettivi;
  - (5) L-applikanti bi żball rifrattiv għoli għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzja.
- (b) L-akutezza viżiva mill-bogħod, bi jew mingħajr korrezzjoni ottimali, għandha tkun 6/9 (0,7) jew aħjar f'kull għajn separatament, u l-akutezza viżiva biż-żewġ għajnejn għandha tkun 6/6 (1,0) jew aħjar.
- (c) L-applikanti inizzjali li jkollhom viżjoni monokulari jew vista monokulari funzjonali, inklużi problemi fil-bilanċ tal-muskoli tal-għajnejn, għandhom jiġu vvalutati bħala mhux idonei. Fl-eżamijiet ta' rivalidazzjoni jew tiġdid, l-applikant jista' jiġi vvalutat bħala idoneu diment li eżaminazzjoni oftalmoloġika tkun sodisfaċenti. L-applikant għandu jiġi riferut lill-awtorità tal-liċenzjar.
- (d) L-applikanti inizzjali b'viżjoni substandard miksuba f'għajn waħda għandhom jiġu vvalutati bħala mhux idonei. Fl-eżamijiet ta' rivalidazzjoni jew tiġdid, l-applikant għandu jiġi riferut lill-awtorità tal-liċenzjar u jista' jiġi vvalutat bħala idoneu diment li eżaminazzjoni oftalmoloġika tkun sodisfaċenti.
- (e) L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jaqraw ċart N5 jew l-ekwivalenti minn distanza ta' 30-50 cm u ċart N14 jew l-ekwivalenti minn 60-100 cm, jekk ikun meħtieġ permezz ta' apparat ta' korrezzjoni.
- (f) L-applikanti għandu jkollhom kamp viżiv normali u funzjoni binokulari normali.
- (g) L-applikanti li jkunu għamli kirurġija tal-għajnejn għandhom jiġu ċċertifikati bħala li mhumiex idonei sa ma jirkupraw il-funzjoni viżwali. Tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku mill-awtorità tal-liċenzjar suġġett għal evalwazzjoni oftalmika sodisfaċenti.
- (h) L-applikanti b'dijanjożi klinika ta' keratokonus għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jistgħu jiġu vvalutati bħala idonei soġġett għal eżaminazzjoni sodisfaċenti minn oftalmologu.
- (i) L-applikanti bid-diploppja għandhom jiġu ċċertifikati li mhumiex idonei.
- (j) Nuċċalijiet u leżijiet tal-kuntatt
- (1) Jekk funzjoni viżwali sodisfaċenti għad-doveri kklassifikati tintlaħaq biss permezz ta' korrezzjoni, in-nuċċali jew il-leżijiet ta' kuntatt għandhom jipprovdu funzjoni viżwali ottimali, ikunu ittollerati sew, u jkunu xierqa għall-finijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru.
  - (2) Ma għandhomx jintużaw aktar minn par nuċċali wieħed, meta jintlibsu matul l-eżerċitar ta' privileġġi liċenzjati, biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti viżivi fid-distanzi kollha.
  - (3) Sett żejjed ta' nuċċali korrettiv simili għandu jkun disponibbli minnufih meta jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-liċenzja/liċenzji.

- (4) Lentijiet ta' kuntatt, meta jintlibsu matul l-eżerċitar ta' privileġġi liċenzjati, għandhom ikunu mono-fokali, mhux ikkulluriti u mhux ortokeratoloġiċi. Ma għandhomx jintużaw lentijiet ta' kuntatt b'monoviżjoni.
- (5) L-applikanti b'difett rifrattiv kbir għandhom jużaw lentijiet ta' kuntatt jew lentijiet tan-nuċċali ta' indiċi għoli.

#### **ATCO.MED.B.075 Viżjoni tal-kulur**

L-applikanti għandhom ikunu trichromates normali, jiġifieri għandu jkollhom vista normali.

#### **ATCO.MED.B.080 Otorinolaringoloġija**

##### (a) Eżaminazzjoni

- (1) Eżaminazzjoni otorinoloġika għandha tiffirma parti mill-eżaminazzjonijiet kollha inizjali, ta' rivalidazzjoni u ta' tiġdid.
- (2) Is-smiġh għandu jiġi ttestjat fl-eżaminazzjoni kollha. L-applikant għandu jifhem b'mod sew, id-diskors ta' konverżazzjoni meta jiġi ttestjat f'kull widna f'distanza ta' 2 metri minn u b'dahru/dahra jħares lejn l-AME.
- (3) Is-smiġh għandu jiġi ttestjat b'ton ta' awdjometrija pur waqt l-eżaminazzjoni inizjali u fl-eżiminazzjoni ta' rivalidazzjoni jew l-eżaminazzjoni ta' tiġdid sussegwenti kull 4 snin sal-età ta' 40 u kull sentejn wara.
- (4) Awdjometrija b'ton pur:
  - (i) L-applikanti għal ċertifikat mediku tal-klassi 3 ma għandhomx ikollhom telf ta' smiġh ta' aktar minn 35 db f'xi waħda mill-frekwenzi 500, 1 000 jew 2 000 Hz, jew aktar minn 50 dB f'3 000 Hz, f'xi widna minnhom separatament.
  - (ii) L-applikanti li ma jissodisfawx il-kriterji ta' smiġh ta' hawn fuq, għandhom jiġu rreferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jgħaddu minn valutazzjoni minn speċjalista qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku. L-applikanti inizjali għandhom jgħaddu minn test ta' diskriminazzjoni tad-diskors. L-applikanti għal rivalidazzjoni jew tiġdid ta' ċertifikat mediku tal-klassi 3 għandhom jgħaddu minn test tas-smiġh funzjonali fl-ambjent operattiv.
- (5) Apparat akustiku
  - (i) Eżaminazzjoni inizjali: il-ħtieġa ta' apparat akustiku biex tintlaħaq konformità mar-rekwiżiti ta' smiġh ifisser nuqqas ta' idoneità.
  - (ii) L-eżaminazzjoni ta' rivalidazzjoni u tiġdid: tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku jekk l-użu tal-apparat akustiku ta' għajjnuna prostetika xierqa jtejjeb is-smiġh biex jinkiseb standard normali kif ivvalutat minn ittestjar kompletament funzjonali fl-ambjent operattiv.
  - (iii) Jekk ikun meħtieġ apparat akustiku biex jintlaħaq l-istandard ta' smiġh normali, sett żejjed ta' tagħmir u aċċessorji, bħal batteriji, għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni meta jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-liċenzja.

##### (b) L-applikanti bi:

- (1) proċess patoloġiku kroniku attiv tal-widna interna jew tan-nofs;
- (2) perforazzjoni mhux imfejqa jew disfunzjoni tal-membrana/i timpanika/ċi;
- (3) disturb tal-funzjoni vestibolari;
- (4) malformazzjoni sinifikanti jew infezzjoni sinifikanti kronika tal-kavità orali jew tan-naħa ta' fuq tas-sistema respiratorja;
- (5) disturb sinifikanti fit-taħdit jew tal-vuċi li jnaqqas l-intelliġibbiltà

għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u jgħaddu minn eżaminazzjoni u valutazzjoni ORL ulterjuri biex jiġi stabbilit li l-kundizzjoni ma tfixkilx l-eżerċizzju sikur tal-privileġġi tal-liċenzja.

#### **ATCO.MED.B.085 Dermatoloġija**

L-applikanti m'għandu jkollhom l-ebda kundizzjoni dermatoloġika stabbilita li tista' tfixkel l-eżerċitar sikur tal-privileġġi tal-liċenzja/i fil-pussess tagħhom.

**ATCO.MED.B.090 Onkoloġija**

- (a) Wara dijanjożi ta' mard malinn primarju jew sekondarju, l-applikanti għandhom jiġu riferuti lill-awtorità tal-liċenzjar u għandhom jgħaddu minn evalwazzjoni onkoloġika sodifaċenti qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni tal-istat mediku.
- (b) L-applikanti bi storja stabbilita jew bi dijanjożi klinika ta' tumur malinn intraċerebrali għandhom jiġu vvalutati li mhumiex idonei.

## SOTTOPARTI C

**EŻAMINATURI AJRUMEDIĊI (AMEs)****ATCO.MED.C.001 Privileġġi**

- (a) Skont din il-Parti, il-privileġġi ta' AME huma biex jirvalidaw u jgġeddu ċ-ċertifikati mediċi tal-klassi 3, u biex iwettqu eżamijiet u valutazzjonijiet ajrumediċi rilevanti.
- (b) L-ambitu tal-privileġġi tal-AME u kull kundizzjoni relatata miegħu għandhom ikunu speċifikati fiċ-ċertifikat.
- (c) Id-detenturi ta' ċertifikat bħala AME m'għandhomx jagħmlu eżamijiet u valutazzjonijiet ajrumediċi fi Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat Membru li jkun ħarġilhom iċ-ċertifikat AME, sakemm ma jkunux:
  - (1) ingħataw aċċess mill-Istat Membru ospitanti biex jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom bħala tobba speċjalizzati;
  - (2) informaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti bl-intenzjoni tagħhom li jagħmlu eżamijiet u valutazzjonijiet ajrumediċi u li jorogħu ċertifikati mediċi fl-ambitu tal-privileġġi tagħhom bħala AME; u
  - (3) irċevew istruzzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

**ATCO.MED.C.005 Applikazzjoni**

- (a) L-applikazzjoni għal ċertifikat AME għandha tiġi sottomessa skont il-proċedura stabbilita awtorità kompetenti.
- (b) L-applikanti għal ċertifikat ta' AME għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti:
  - (1) id-dettalji personali u l-indirizz professjonali;
  - (2) id-dokumentazzjoni li turi li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'ATCO.MED.C.010, inkluż iċ-ċertifikat li jkunu kkompletaw korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina tal-avjazzjoni li jikkorrispondu għall-privileġġi li japplikaw għalihom;
  - (3) dikjarazzjoni bil-miktub li fiha l-AME jintrabat li jorogħu ċertifikati mediċi abbażi tar-rekwiżiti ta' din il-Parti.
- (c) Meta l-AME jagħmel eżamijiet ajrumediċi f'aktar minn post wieħed, dan għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni rilevanti rigward dawn il-postijiet kollha u l-faċilitajiet prattiċi.

**ATCO.MED.C.010 Rekwiżiti għall-ħruġ ta' ċertifikat AME**

L-applikanti għal ċertifikat ta' AME bil-privileġġi għar-rivalidazzjoni u t-tiġdid ta' ċertifikati mediċi tal-klassi 3 għandhom:

- (a) ikunu kkwalifikati u liċenzjati għall-prattika ta' mediċina u jkollhom Ċertifikat ta' Tlestija taħriġ mediku speċjalizzat, jew ikollhom evidenza tiegħu;
- (b) ikunu lestew b'suċċess korsijiet ta' taħriġ bażiku u avvanzat fil-mediċina tal-avjazzjoni, inkluż mudelli speċifiċi għall-valutazzjoni ajrumedika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-ambjent speċifiku fil-kontroll tat-traffiku tal-ajru;
- (c) juru lill-awtorità kompetenti li huma:
  - (1) għandhom faċilitajiet u proċeduri adegwati u dokumentazzjoni u tagħmir funzjonali adatt għall-eżamijiet ajrumediċi; u
  - (2) għandhom il-proċeduri u l-kundizzjonijiet neċessarji stabbiliti biex jiżguraw il-kunfidenzjalità medika.

**ATCO.MED.C.015 Korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina tal-avjazzjoni**

- (a) Il-korsijiet ta' taħriġ fil-mediċina tal-avjazzjoni għandhom jiġu approvati mill-awtorita kompetenti tal-Istat Membru fejn il-fornitur tat-taħriġ li jkun qiegħed jipprovdihom ikollu l-post prinċipali tal-attivita tiegħu. Il-fornitur tat-taħriġ għandu juri li s-sillabu tal-kors jinkludi objettivi ta' tagħlim biex jinkisbu l-kompetenzi meħtieġa u l-persuni li jieħdu ħsieb it-taħriġ għandhom għarfien u esperjenza xierqa.
- (b) Barra fil-każ ta' taħriġ ta' aġġornament, il-korsijiet għandhom jispiċċaw b'eżami bil-miktub fuq is-suġġetti inklużi fil-programm tal-kors.
- (c) Il-fornitur tat-taħriġ għandu joħroġ ċertifikat ta' tlestija lill-applikanti meta jkunu għaddew mill-eżaminazzjoni.

**ATCO.MED.C.020 Bidliet fiċ-ċertifikat AME**

- (a) L-AMEs għandhom jinnotifikaw lill-awtorita kompetenti biċ-ċirkostanzi li ġejjin li jistgħu jaffettwaw iċ-ċertifikat tagħhom:
  - (1) l-AME jkun soġġett għal proċeduri dixxiplinarji jew investigazzjoni minn bord mediku regolatorju;
  - (2) ikun hemm xi tibdil fil-kundizzjonijiet li bihom ikun ingħata ċ-ċertifikat, inkluż il-kontenut tal-istqarrijiet ipprovduti mal-applikazzjoni;
  - (3) ir-reqwiziti għall-ħruġ ta' ċertifikat AME ma jibqgħux jiġu ssodisfati;
  - (4) ikun hemm bidla fil-post(ijiet) tal-attivita jew fl-indirizz tal-korrispondenza tal-eżaminatur ajrumediku.
- (b) Fejn l-awtorita kompetenti ma tiġix informata dan għandu jwassal għas-sospensjoni jew ir-revoka tal-privileġġi taċ-ċertifikat AME, abbażi tad-deċiżjoni tal-awtorita kompetenti li tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat.

**ATCO.MED.C.025 Validità taċ-ċertifikati AME**

Ċertifikat ta' AME għandu jinħareġ għal perjodu li ma jaqbiżx it-3 snin. Għandu jiġi rivalidat sakemm id-detentur:

- (a) ikompli jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali meħtieġa għal Prattika Medika u jżomm reġistrazzjoni bħala prattikant mediku;
  - (b) ikun għamel taħriġ ta' aġġornament fil-mediċina tal-avjazzjoni u fl-ambjenti ta' ħidma tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fl-aħħar 3 snin;
  - (c) ikun għamel tal-anqas 10 eżamijiet ajrumediċi kull sena. Dan in-numru ta' eżaminazzjonijiet jista' jitnaqqas biss mill-awtorita kompetenti f'ċirkostanzi ġġustifikati kif xieraq;
  - (d) jibqa' konformi mat-termini taċ-ċertifikat AME tiegħu; u
  - (e) jeżerċita l-privileġġi AME skont din il-Parti.
-